# Poe-Pittura: Proġett li jgħaqqad l-Arti mat-tagħlim tal-poeżija Maltija fir-raba' klassi fl-iskola Sekondarja

Dissertazzjoni pprezentata
lill-Fakultà tal-Edukazzjoni
bi twettiq parzjali tal-ħtiġijiet
mitluba għall-grad ta'
Baċellerat fl-Edukazzjoni (bl-Unuri)
fl-Università ta' Malta

**Abigail Attard**

2017

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

UNIVERSITY OF MALTA
L-Università ta' Malta

17BED002

**University of Malta Library – Electronic Theses & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

# Is-sinteżi

**Poe-Pittura: Proġett li jgħaqqad l-Arti mat-tagħlim tal-poeżija Maltija fir-raba' klassi fl-iskola Sekondarja**

*Poe-Pittura* hu proġett magħmul minn disa' lezzjonijiet għall-istudenti tar-raba' sena fl-iskola Sekondarja, li jgħaqqad flimkien it-tagħlim tal-poeżija Maltija mal-Arti. L-għan tiegħu hu li joffri lezzjonijiet tal-Esperjenza Letterarja, kreattivi u innovattivi lill-istudenti sabiex jistimulawlhom l-interess u l-attenzjoni waqt il-lezzjoni, filwaqt li jiffaċilita t-tagħlim tal-poeżija b'mod li jilħaq lil kulħadd. Il-poeżiji magħżula joffru tagħlim ta' valuri u ideat soċjali li jservu tul il-ħajja. B'hekk, l-istudenti jitrawmu kulturalment u jwessgħu l-kompetenza letterarja tagħhom. Dan il-proġett jinkludi testi poetiċi adatti għat-tfal tar-raba' sena, pjanijiet tal-lezzjonijiet għal magħhom, karti tat-taħriġ, u informazzjoni għall-istudenti u qari supplimentari għall-għalliema. Il-proġett twettaq f'erba' klassijiet tar-raba' sena fl-iskejjel Sekondarji. Mill-informazzjoni li ġbart tal-intervisti mal-għalliema li għamlu użu mill-pakkett ta' riżorsi, mill-għalliema li osservaw li nagħti xi lezzjonijiet, mill-evalwazzjonijiet personali tal-lezzjonijiet, u mill-*feedback* li tawni l-għalliema dwar il-pakkett ta' riżorsi, ħareġ biċ-ċar li dan intlaqa' tajjeb ħafna kemm mit-tfal, kif ukoll mill-għalliema.

Kliem-muftieħ:

| | | |
|---|---|---|
| *Teaching Maltese* | *Maltese poetry* | *Art* |
| *Thematic teaching* | *Anthology* | *Resource pack* |

# Dikjarazzjoni

Niddikjara li din it-teżi hija tiegħi u li x-xogħol li fiha huwa oriġinali.

Abigail Attard

# Ħajr

Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li għinuni b'xi mod jew ieħor kemm sabiex issir din ir-riċerka kif ukoll b'sapport morali sabiex inwettaq dan il-kors ta' studju

Lit-tutur tiegħi, Dr.Terence Portelli tal-paċenzja, tad-dedikazzjoni, l-appoġġ, u l-linji ta' gwida li tani sabiex issir din ir-riċerka.

Lill-għarus tiegħi, Nathan Schembri tas-sapport kontinwu li tani tul dan il-kors ta' studju.

Lil sħabi għeżież tiegħi tal-kors, Sharon McLean u Gabriella Mifsud, li dejjem għarfu jispirawni, jimlewni bil-kuraġġ u jissapportjawni f'kull qasam tal-kors, u speċjalment tal-ħbiberija tagħhom.

Lill-għalliema li kelli tul ħajti, speċjalment lil dawk li emmnu fija u tawni l-kuraġġ biex inkompli nistudja.

Lill-għalliema li osservawni waqt it-taħriġ tiegħi għax għinuni nsaħħaħ u ntejjeb il-pedagoġija tiegħi. Dan ħalla effett fuq il-mod ta' kif pjanajt il-lezzjonijiet għal din ir-riċerka, kif ukoll fit-tħejjija tar-riżorsi.

Lil dawk kollha li pparteċipaw f'din ir-riċerka. Kien permezz tagħhom li stajt nieħu idea iktar ċara dwar il-pedagoġija tat-tagħlim tal-poeżija minn għajn artistika tkunx ta' suċċess jew le fl-iskejjel.

# Dedika

Lil ommi u lil missieri tal-għajnuna u s-sapport

kontinwu li tawni biex inlesti l-kors tal-istudju tiegħi

u jkolli karriera li dejjem xtaqt,

dik ta' għalliema.

# Il-Werrej


**IS-SINTEŻI** ..... 3

**DIKJARAZZJONI** ..... 4

**ĦAJR** ..... 5

**DEDIKA** ..... 6

**IL-WERREJ** ..... 7

**LISTA TA' TABELLI** ..... 10

**L-ESPERJENZA TIEGĦI U KIF WASALT GĦAL DAN IS-SUĠĠETT** ..... 11

**L-EWWEL KAPITLU** ..... 14

**IL-LETTERATURA U L-ARTI, IMORRU FLIMKIEN?** ..... 14

1.1 L-ispirazzjoni li wasslitni għat-twettiq ta' din ir-riċerka ..... 15
1.2 L-għażla tal-arti fit-tagħlim tal-poeżija ..... 15
1.2.1 L-arti u l-poeżija, imorru flimkien? ..... 15
1.2.2 L-affinità bejn il-pittura u l-poeżija ..... 16
1.2.3 Il-kollaborazzjoni tal-poeta mal-artist ..... 17
1.2.4 L-ispirazzjoni tal-poeti Maltin minn pitturi ..... 17
1.3 Żviluppi matul is-snin fil-lezzjonijiet tal-poeżja ..... 18
1.4 Kif il-pittura tista' tgħin fit-tagħlim tal-poeżija? ..... 19
1.4.1 Lezzjonijiet li jilħqu lil kulħadd ..... 19
1.5 L-importanza tat-tagħlim tal-letteratura ..... 19
1.5.1 Il-letteratura bħala tagħlim morali u soċjali ..... 20
1.5.2. It-tagħlim tal-letteratura jgħin lill-istudenti sabiex jitrawmu kulturalment ..... 21
1.5.3 Ir-relazzjoni ta' bejn min joħloq l-arti u min japprezzaha ..... 21
1.6 L-arti bħala bażi tat-tagħlim tal-letteratura ..... 22
1.7 L-attitudni tal-għalliema għal din il-ġabra ġdida ..... 22
1.8 Xi proġetti li diġà saru ..... 23
1.8.1 It-tagħlim tal-metafora bl-użu tal-pitturi ..... 24
1.9 L-intelliġenzi multipli mħaddma b'din il-pedagoġija u r-riżorsa ..... 25
*Poe-Pittura* ..... 25
1.9.1 L-għeluq ..... 25

**IT-TIENI KAPITLU** ..... 26

**IL-METODU U L-GĦODDA LI SE NUŻA GĦALL-ĠBIR T'INFORMAZZJONI TAR-RIĊERKA TIEGĦI** ..... 26

2.1 Il-metodu li bih se niġbor l-informazzjoni dwar ir-riċerka tiegħi ..... 27
2.2 L-għodda li se nuża ..... 27
2.3 L-għażla ta' tiswir ta' proġett għal din ir-riċerka ..... 28
2.4 L-għażla ta' riċerka kwalitattiva ..... 28
2.5 Il-ġbir tal-informazzjoni f'din ir-riċerka ..... 29
2.6 L-aċċess u l-etika għal din it-tip ta' riċerka ..... 29
2.7 Il-konklużjoni ..... 30

**IT-TIELET KAPITLU** ..... 31

**IT-TĦEJJIJA TAR-RIŻORSA *POE-PITTURA*** ..... 31

3.1 L-antoloġija Poe-Pittura ..... 32
3.2 L-għażla tal-poeżiji ..... 32
3.2.1 Il-kategoriji tal-poeżiji ..... 33
3.3 X'żammejt f'moħħi fl-għażla tat-testi? ..... 35
3.4 L-użu ta' din ir-riżorsa ..... 35

3.4.1 Min se juża din ir-riżorsa f'din ir-riċerka? ..... 36
3.5 L-Arti mil-lenti tat-tfal ..... 36
3.6 L-għażla tal-livell edukattiv ..... 37
3.7 L-għażla tat-titlu *Poe-Pittura* ..... 37
3.8 Xi diffikultajiet li ltqajt magħhom ..... 38
3.9 L-għeluq ..... 38

**IR-RABA' KAPITLU ..... 39**

**IL-ĠABRA *POE-PITTURA* ..... 39**

4.1 Xi dokumenti kkunsidrati għall-ħolqien tar-riżorsa Poe-Pittura ..... 40
4.1.1 Il-proġett Poe-Pittura mal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ..... 40
4.1.2 Il-proġett Poe-Pittura jilħaq l-għanijiet tal-kisbiet mit-tagħlim (2012) ..... 40
4.1.3 Kif il-proġett Poe-Pittura jilħaq l-iskaluni ..... 41
4.2.1 L-arloġġ ta' Dalì ta' Victor Fenech ..... 43
L-ewwel lezzjoni ..... 43
4.2.2 Xbihat taż-żmien52 ta' Marlene Saliba ..... 52
It-tieni lezzjoni ..... 52
4.2.3 'Raħal/Barriera' ta' Victor Fenech ..... 65
It-tielet lezzjoni ..... 65
4.2.4 Guernica II ta' Victor Fenech ..... 78
Ir-raba' lezzjoni ..... 78
4.2.5 Frida Kahlo ta' Abigail Attard ..... 86
Il-ħames lezzjoni ..... 86
4.2.6 Notturn (lil Vincent Van Gogh) ta' Kevin Saliba ..... 96
Is-sitt lezzjoni ..... 96
4.2.7 Viżjoni ta' Maria Grech Ganado ..... 104
Is-seba' lezzjoni ..... 104
4.2.8 Il-Baruni ta' Achille Mizzi ..... 113
It-tmien lezzjoni ..... 113
4.2.9. Ħelsien ta' Abigail Attard ..... 120
Id-disa' lezzjoni ..... 120

**IL-ĦAMES KAPITLU ..... 131**

**L-ANALIŻI TAR-RIĊERKA ..... 131**

5.1 L-għażla tal-kampjuni għar-riċeka tiegħi ..... 132
5.1.1 L-għażla tal-għalliema li se jagħtuni feedback dwar il-proġett Poe-Pittura ..... 132
5.1.2 L-għażla tal-għalliema li tawni feedback waqt li osservaw il-lezzjonijiet li wettaqt jiena mal-istudenti ..... 133
5.1.3 L-għażla tal-għalliema li għamlu lezzjoni huma mir-riżorsa Poe-Pittura ..... 134
5.1.4 L-evalwazzjonijiet personali tal-lezzjonijiet ..... 134
5.2 L-għanijiet tar-riċerka ..... 135
5.3 Poe-Pittura, proġett pożittiv ..... 135
5.3.1 L-integrazzjoni tal-Arti fit-tagħlim tal-poeżija ..... 136
5.3.2 Poe-Pittura għin lill-istudenti sabiex jiksbu iktar kunfidenza fl-interpretazzjoni tal-poeżija u l-arti ..... 137
5.3.3 L-għanijiet tal-proġett Poe-Pittura ntlaħqu fl-iskejjel Sekondarji ..... 138
5.3.4 Ir-riżorsi ..... 139
5.3.5 Il-ħin fil-lezzjoni ..... 140
5.3.6 Il-proġett Poe-Pittura u r-rispons tal-għalliema ..... 141
5.3.7 L-għażla tal-poeżiji u poeti ..... 142
5.3.8 L-għażla tal-pitturi u l-artisti ..... 143
5.3.9 Il-proġett Poe-Pittura lest li jibda jiġi ntużat mill-għalliema ..... 143
5.4 Il-konklużjoni ..... 144
5.5 Xi limitazzjonijiet ta' din ir-riċerka ..... 144
5.6 Xi suġġeriment għal skop t'iktar riċerka ..... 145
5.7 L-għeluq ..... 146

**LISTA TA' REFERENZI ..... 147**

**APPENDIĊI A: NOTI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦALLIEMA TAL-EWWEL LEZZJONI ............ 154**

**APPENDIĊI B NOTI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦALLIEMA TAT-TIENI LEZZJONI ............ 172**

**APPENDIĊI Ċ: NOTI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦALLIEMA TAT-TIELET LEZZJONI ............ 195**

**APPENDIĊI D: NOTI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦALLIEMA TAR-RABA' LEZZJONI ............ 208**

**APPENDIĊI E: NOTI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦALLIEMA TAL-ĦAMES LEZZJONI ............ 220**

**APPENDIĊI F: NOTI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦALLIEMA TAS-SITT LEZZJONI ............ 231**

**APPENDIĊI Ġ: NOTI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦALLIEMA TAS-SEBA' LEZZJONI ............ 240**

**APPENDIĊI G: NOTI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦALLIEMA TAT-TMIEN LEZZJONI ............ 253**

**APPENDIĊI GĦ: NOTI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦALLIEMA TAD-DISA' LEZZJONI ............ 265**

**APPENDIĊI H:INTERVISTA LILL-GĦALLIEMA LI WETTQULI LEZZJONI MIR-RIŻORSA *POE-PITTURA* ............ 273**

**APPENDIĊI Ħ:IL-KWESTJONARJU MOGĦTI LIL TMIEN GĦALLIEMA SABIEX JAGĦTUNI FEEDBACK DWAR IR-RIŻORSA 'POE-PITTURA' ............ 276**

**APPENDIĊI I: L-EVALWAZZJONI TAL-LEZZJONI MILL-GĦALLIEMA DWAR IL-PROĠETT *POE-PITTURA* ............ 280**

# Lista ta' tabelli

Tabella 1: Il-metodu użat għall-ġbir t'informazzjoni għal din ir-riċerka……….......................….15

Tabella 2: Ir-raba' kategoriji tar-riżorsa *Poe-Pittura*………………………………………………..19

Tabella 3: L-antoloġija Poe-Pittura mqassma f'erba' kategoriji…………………………………...20

Tabella 4: Xi għanijiet tal-LOF's li se jintlaħqu f'dan il-proġett……….......……………………………27

Tabella 5: L-iskaluni mal-antoloġija Poe-Pittura ……………………………………………………..28

Tabella 6: L-għalliema li tawni fijdbek dwar ir-riżorsi………………………………........……119

Tabella 7: Il-mod ta' kif se nirreferi għall-għalliema li osservawni waqt il-lezzjonijiet li wettaqt……………………………………………………………………………………………………. 117

Tabella 8: Il-mod ta' kif se nirreferi għall-għalliema li wettquli l-lezzjonijiet mill-antoloġija Poe-Pittura………………………………………………………………………………. ................................. 120

Tabella 9: Il-mod ta' kif se nirreferi għall-evalwazzjonijiet li għamilt jiena fl-iskejjel…..........…120
.
Tabella 10: L-għanijiet li nixtieq li jintlaħqu permezz ta' din ir-riċerka……………….......…...…121

# L-esperjenza tiegħi u kif wasalt għal dan is-suġġett

# L-esperjenza tiegħi u kif wasalt għal dan is-suġġett

Jiena studenta fl-Università ta' Malta u qiegħda nsegwi l-kors tal-B.Ed (bl-Unuri) fl-Arti u fil-Malti. Dawn is-suġġetti minn dejjem kienu jinteressawni. Ilni npinġi minn mindu kont żgħira u esperjenzajt l-arti b'mod akkademiku dawn l-aħħar għaxar snin. Il-poeżija wkoll minn dejjem kienet taffaxxinani: minn taqbiliet sa kitbiet li jġiegħluk taħseb u tirrifletti.

Minn ta' età zgħira, kont inħobb naqra l-poeżiji minn antoloġiji li kelli fil-librerija tad-dar tiegħi. L-imħabba lejn il-poeżija baqgħet tikber miegħi. Fis-Sekondarja kont inħobb nikteb, però, xogħli mmatura meta ħadt il-kors *Ritmi mqallba: Kors prattiku intensiv ta' kitba tal-poeżija* tad-Degree Plus (DGP0456) fl-università ta' Malta (2014). Dan il-kors għeni ħafna biex nikteb b'mod iktar profond li jqanqal lill-qarrej jaħseb b'mod kritiku dwaru u kull ma qiegħed jiġri mal-madwar.

Bħala artista, jiena immaġinattiva u dejjem nara x'nista' nesplora b'mod ġdid. Nemmen li hemm relazzjoni tajba ħafna bejn l-arti u l-poeżija. Minbarra li esperjenzajt it-twaħħid ta' dawn iż-żewġ tipi ta' arti f'din ir-riċerka permezz tar-riżorsa *Poe-pittura*, użajt wieħed mill-iskopijiet tagħha f'wirja li għamilt dan l-aħħar: dik li nistieden lil min jara xogħli sabiex jaħseb b'mod kritiku bit-titlu ta' *Spektrum* (2017). Dan għamiltu permezz ta' figuri magħmulin mill-ħadid, figuri li jirrappreżentaw karattri differenti fis-soċjetà li jesprimu l-ħsus tagħhom permezz ta' poeżiji li ktibt jiena stess. L-installazzjoni sħiħa turi l-qagħda mentali tas-soċjetà li ħafna drabi l-poplu l-anqas biss jirrifletti dwarha. B'dan il-mod, stidint lill-poplu sabiex jieqaf jirrifletti u jaħseb ftit dwar il-medjokrità tas-soċjetà li jinsab fiha filwaqt li jiffamiljarizza ruħu ma' karattru partikolari tal-installazzjoni. Ħassejt li din il-wirja ħalliet impatt kbir fuq min raha u esperjenzaha.

It-twaħħid ta' dawn iż-żewġ tipi ta' arti tawni għodda utli ħafna sabiex inwassal messaġġ qawwi lill-poplu, messaġġ li żgur ma kienx se jkun daqshekk profond li kieku inqdejt bil-poeżija biss jew bl-iskultura waħedha. Din il-wirja għenitni sabiex nemmen iktar fir-riċerka tiegħi u fil-vantaġġi li tista' toffri pedagoġija li tippreżenta it-tagħlim tal-poeżija permezz tal-pittura, filwaqt li komplejt insaħħaħ kemm meta dawn iż-żewġ tipi ta' arti meta jiġu mwaħħda flimkien, jistgħu joffru esperjenza b'dimensjoni usa' lill-udjenza (McGuire, 1973: 37).

# L-ewwel kapitlu

## Il-Letteratura u l-Arti, imorru flimkien?

## 1.1 L-ispirazzjoni li wasslitni għat-twettiq ta' din ir-riċerka

Fid-9 ta' Mejju 2013, saret esibizzjoni fir-ristorant 'Capotavola' f'Marsaskala mill-artist Robert Zahra li ħadem b'kollaborazzjoni mal-poeta Glen Calleja, bit-titlu ta' *Dixx: Paġni ta' distanzi żgħar mimlija dettalji*. Din il-wirja ispiratni immensament u kienet it-tluq tiegħi għall-ħsieb ta' din id-dissertazzjoni. Il-versi tal-poeżija mwaħħda mal-pitturi fuq ħitan kbar ma bqajtx narahom bħala oqsma separati iżda rajt li meta ppreżentati flimkien, l-arti ngħatat iktar sens. Li kieku l-pitturi u l-versi kienu murija b'mod separat, kieku żgur li l-wirja ma kinitx se tħalli l-istess effett. Kienet pjuttost din il-wirja li serviet bħala t-tluq tiegħi għal din ir-riċerka. B'riċerka intensiva, rajt kif nista' nagħmel użu mill-arti fit-tagħlim tal-poeżija.

## 1.2 L-għażla tal-arti fit-tagħlim tal-poeżija

L-għan ta' din il-pedagoġija hu li l-arti sservi bħala pont għall-istudenti biex tgħinhom jifhmu l-iktar kunċetti astratti, filwaqt li lill-għalliema tgħinhom isibu mod ġdid, interessanti u kreattiv ta' kif iwasslu l-lezzjonijiet tal-poeżija (Jester, 2003). B'tiftixa għaqlija ta' disa' poeżiji li jiffurmaw il-proġett *Poe-Pittura* nixtieq li minbarra li l-istudenti jitgħallmu japprezzaw il-kitba poetika u l-arti, ikunu kapaċi jaħsbu u jirriflettu b'mod kritiku fuq dak kollu li jiġri madwarhom, b'mod li t-tagħlim tal-poeżija jkun wieħed li jservi għal tul ħajjithom (Ministry of Education and Employment, 2012).

### *1.2.1 L-arti u l-poeżija, imorru flimkien?*

Miltner (2001) qal li wieħed jifli b'mod viżwali qabel ma jaqra test. Jekk poeta jikteb poeżija bħala rispons għal xogħol ta' arti fosthom il-pittura u qarrej iħares lejn l-immaġni qabel ma jaqrha, il-poeżija jifhimha aħjar:

> "Performance of Ekphrastic poetry in combination with the appropriate paintings increases both the clarity of the two art forms and an appreciation of the experience" (Cage, 1989: 205).

Kien Omeru fl-*Iliad* li ħareġ bit-terminu 'Ekphrasis'. Dan jirreferi għall-poeżiji li nkitbu b'ispirazzjoni minn pitturi. Skont Sipe (2007), ħafna drabi tant l-istampi jkunu relatati mat-test, li ma jkunx hemm distinzjoni bejniethom. Dan l-aspett osservah ukoll Benton:

> "Being a spectator involves reading the relationship between two arts, the visual and the verbal, from an unusual and unstable stance. For this sort of spectating means reading poems which, in turn, are reading paintings or sculptures" (Benton, 1997: 367).

Infatti, fil-ktieb *Double Vision* (Benton, 1990), Benton wera r-relazzjoni ta' bejn il-poeżija u l-arti bi ktieb ta' riżorsi għall-klassi. Ir-riżultat hu li l-qari tal-poeżija u l-qari tal-pittura huma l-istess ħaġa. L-aspett viżwali fil-klassi hu importanti ħafna u nemmen li pedagoġija bħal din tista' tgħin lil studenti b'abiltajiet differenti, b'mod li tilħaq lil kulħadd (García, 2012: 9-10), għax il-pittura tgħinhom jifhmu dak li ma jkunux fehmu fil-kitba poetika.

### *1.2.2 L-affinità bejn il-pittura u l-poeżija*

Fil-bidu tal-ħames seklu qabel Kristu, Dimones de Ceos qal li l-pittura hi poeżija muta u l-poeżija hi pittura li titkellem. Dan juri l-affinit{ bejn dawn iż-żewg tipi ta' arti (Steiner, 1986: 5). Hemm poeżiji li ispiraw lill-artisti u hemm pitturi li ispiraw lill-poeti sabiex jiktbu l-poeżiji. Din l-ispirazzjoni ilha sseħħ għal għexieren ta' snin (Trevisan, 2013). Ħafna poeti ħassew li l-pittura tispirahom sabiex jesprimu ruħhom mingħajr ma jiktbu b'mod dirett (Emma, 2007: 7), l-effett li tħalli l-metafora:

> "His engagements with visual images explore an unconscious or instinctive pull, an inexplicable attraction to something, whether for its aesthetic or metaphorical properties, that is experienced in the flash of a moment, then unraveled in the capacious space/time of poetry's interaction with memory. The poet sees this delay as a positive and fertile one …. it took the image to bring the unconscious thought forward into a position from which it could be more consciously scrutinized". (Emma, 2007: 6-7).

### *1.2.3 Il-kollaborazzjoni tal-poeta mal-artist*

Raphael (2010: 8-9) jgħid li l-poeta Dias ingħaqad ma' artist u ħadem fuq proġett fejn qabad xi pitturi li għoġbuh minn tiegħu u kiteb dwarhom jew b'ispirazzjoni minnhom. Ir-riżultat tal-proġett kien li ġie ppreżentat fi ktieb fejn fuq paġna pproġetta l-poeżija u fil-paġna ta' ħdejha l-pittura. Skont Dias, iż-żewġ tipi ta' arti jikkumplimentaw lil xulxin u m'hemm l-ebda prijorità bejniethom (Raphael, 2010: 8-9). B'mod simili tal-kotba ta' Benton, ir-riżultat li nixtieq nikseb bil-ħolqien tar-riżorsa *Poe-Pittura* kif ukoll b'din il-pedagoġija hu li meta student jaqra l-poeżija u meta jaqra l-pittura, r-riżultat ikun l-istess jew simili ħafna. Għalkemm hemm ix-xewqa tal-użu tal-arti sabiex l-istudenti jitrawmu fl-arti u jagħrfu japprezzawha, l-lezzjoni dejjem tibqa' dik tal-letteratura.

### *1.2.4 L-ispirazzjoni tal-poeti Maltin minn pitturi*

F'Malta hemm diversi poeti li ġew ispirati minn pitturi fosthom: Marlene Saliba bil-poeżija 'Xbihat taż-żmien' (Saliba, 2011), Victor Fenech b'poeżiji bħal 'L-arloġġ ta' Dalì' (Fenech, 2011: 134) u 'Raħal/barriera' (Fenech, 1987: 26) u Maria Grech Ganado bil-poeżja 'Viżjoni' (Ganado, 2014). Dawn il-poeżji jinqdew bil-pittura sabiex iwasslu l-messaġġ, is-sentimenti u l-ħsus tagħhom. L-ispazji li ħallew l-artisti għal min se jara xogħolhom, pitturi li m'humiex ċari anzi huma dawk li jġiegħluk taħseb u tistaqsi, meddew sens t'ispirazzjoni f'dawn il-poeti, u dlok ħallewlhom ftit vojt sabiex il-poeti jkomplu l-pitturi tagħhom: poeżiji mimlija metafori u pitturi astratti, meta ppreżentati flimkien, dlonk qegħdin f'konversazzjoni waħda, arti tikkumplimenta lill-oħra u flimkien, dlonk jimlew il-vojt ta' xulxin u jippreżentaw stampa sħiħa.

Dawn il-poeżiji u pitturi se jintużaw fl-antoloġija tiegħi, *Poe-Pittura*, riżorsa b'ġabra ta' disa' poeżiji li juru r-relazzjoni ta' bejn l-artist, il-pittura u l-poeżija, bl-għan li toffri pedagoġija differenti għall-għalliema fit-tagħlim tal-poeżija. L-ispirazzjoni tal-poeti kienet kemm min artisti Maltin kif ukoll barranin.

## 1.3 Żviluppi matul is-snin fil-lezzjonijiet tal-poeżja

Bl-introduzzjoni tal-'LOF' (Learning Framework Outcomes, 2012), l-għalliema għandhom iktar idea ċara ta' x'inhu mistenni mill-istudenti f'kull sena skolastika tas-Sekondarja. Bit-tneħħija tal-ktieb *Qawsalla* (Cassola et al, 1993) u l-introduzzjoni tal-ktieb *Bejn Ħalltejn,* naqqas mill-ammont ta' poeżiji li jistudjaw l-istudenti. B'dan il-mod, l-istudenti jistgħu jiffukaw fuq il-poeżiji iktar.

B'siti onlajn bħal *Malti Kurja* u *Malti skola*, l-għalliema qegħdin jaqsmu r-riżorsi tagħhom ma' għalliema oħra sabiex jgħinu u jispiraw lil xulxin. L-iskola tal-arti tal-MCAST ipparteċipat ukoll billi pproduċiet filmati tal-poeżiji li ttelgħu f'dawn is-siti. Waqt it-taħriġ li kelli matul is-snin fl-Universit{ ta' Malta, għamilt użu minn dawn il-filmati u ħassejt li l-aspett viżif intlaqa' tajjeb ħafna mit-tfal filwaqt li taw ftit iktar ħajja lil-lezzjoni tal-poeżija. Kollaborazzjoni bħal din tista' tgħin sabiex it-tagħlim tal-letteratura jissaħħaħ. It-tagħlim tal-poeżija għandu jħalli lok fejn l-istudenti jingħataw iċ-ċans li jesploraw u jirriflettu dwar il-poeżiji. Biex dan iseħħ, it-tagħlim ma jridx ikun wieħed tradizzjonali:

> "l-ikkuppjar u l-istudju tan-noti li hi prattika li toqtol kull tentattiv serju tal-esplorazzjoni personali tal-esperjenza letterarja u tqiegħed lill-istudenti f'pożizzjoni ta' skjavi perenni" (Portelli, 2001: 106).

Nemmen li t-tagħlim tradizzjonali ma jħallix lok lill-istudenti sabiex japprezzaw u jesploraw il-letteratura. Minbarra li hemm bżonn li l-għalliema jitgħallmu jagħmlu distinzjoni bejn lezzjoni tal-poeżija minn oqsma oħra tal-lingwa (Kedward, 2015), il-lezzjonijiet tal-letteratura għandhom iqiegħdu lill-istudenti fiċ-ċentru ħalli t-tagħlim ikun wieħed progressiv. Ir-riżorsi huma għodda importanti għall-għalliema:

> "Biex isir it-tagħlim b'mod effettiv parti sew mill-komunikazzjoni bejn l-għalliem u l-istudenti tistrieħ fuq l-għażla meqjusa tar-riżorsi … ir-riżorsi għandhom jgħinu fl-iffukar tal-attenzjoni tal-istudenti"(Portelli, 2002: 213).

## 1.4 Kif il-pittura tista' tgħin fit-tagħlim tal-poeżija?

Marshall (2016) fl-istudju *Poetry and Paintings: A comparative study* tistqarr li ħafna mill-istudenti jsibu t-tagħlim tal-poeżija pjuttost diffiċli. L-istudenti jkunu kapaċi japprezzaw poeżija jekk jirnexxielhom jifhmuha. Marshall tgħid li l-għalliema m'għandhiex tgħallem vokabolarju f'vakwu. Kif l-istudenti jistgħu jifhmu poeżija jekk xi lessiku tagħha ma jafuhx? Minbarra l-kontenut tal-poeżija, kif tista' għalliema tgħallem it-termini letterarji b'mod interessanti? Il-ktejjeb *Poe-Pittura* se jkun qiegħed iwieġeb dawn il-mistoqsijiet b'attivitàjiet varji u artistiċi li jgħinu sabiex jikkreaw studenti attivi matul il-lezzjonijiet kif ukoll jgħinu lill-istudenti biex jaħsbu b'mod kritiku u jsiru iktar kreattivi (Dascalescu, 2008).

### *1.4.1 Lezzjonijiet li jilħqu lil kulħadd*

Il-pittura għandha l-vantaġġ li kull min għandu d-don li jista' jara, jista' jgħid xi ħaġa dwarha anke sal-inqas affarijiet bħall-użu tal-kuluri. Dan iwassal sabiex it-tagħlim tal-poeżija fi klassi b'abbiltajiet differenti jilħaq lil kulħadd, fejn l-istudenti kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw, anke l-iktar studenti batuti (Kaswa, 2015:34).

Dascalescu (2008) tgħid li l-użu tal-pittura fit-tagħlim tal-poeżija tgħin sabiex tistimula l-attenzjoni tal-istudenti, tqajjem diskussjonijiet u tħalli lok għall-attivitàjiet, kemm f'pari kif ukoll fi gruppi, tul il-ħin tal-lezzjoni. Huwa għal dan l-għan li l-għażla tal-arti għal dan il-ktejjeb kienet il-pittura.

## 1.5 L-importanza tat-tagħlim tal-letteratura

Skont Mifsud (2012), sfortunatament, f'Malta m'hawnx il-kultura tal-qari. Jekk il-Maltin ma tantx jaqraw, għalkemm f'Malta hawn kittieba u poeti tajbin, xorta ma tistax tieħu spinta 'l quddiem. Barra minn Malta, isiru festivals kbar tal-letteratura u dan juri l-apprezzament li għandu l-poplu lejha. Hu importanti ħafna li minn ta' et{ żgħira bħala

edukaturi jħeġġu lill-istudenti sabiex jaqraw. Dan mhux biss irawwimhom kulturalment iżda jgħinhom ukoll jedukaw lilhom infushom filwaqt li jitgħallmu jaħsbu b'mod kritiku, elementi li żgur se jgħinuhom tul ħajjithom (Maxcer, 2015).

### *1.5.1 Il-letteratura bħala tagħlim morali u soċjali*

Skont Attard (2017), il-letteratura bosta drabi twassal għal tagħlim morali u żvilupp soċjali :

> "Il-kwalit{ universali li tagħti valur kbir lil-letteratura toħloq progress ċivili… Iżda din l-importanza soċjali jeħtieġ li tkun imsejsa fuq in-natura magħġuna kemm bis-sentiment kif ukoll bir-raġuni. Bl-għaqda tal-ħsibijiet, tas-sentiment u tal-interessi, il-letteratura tippreżenta l-iżvilupp progressiv skont iż-żmien. Il-bilanċ bejn dawn it-tliet kwalitajiet hu r-riżultat tal-letteratura mibnija fuq it-tliet ideat klassiċi tas-Sabiħ, tal-Veru u tal-Utli... Għalhekk trid tagħraf kif tirrifletti l-ħajja biex tirnexxi fil-missjoni soċjali tagħha" (Attard, 2017: 3).

Hu pjuttost importanti li nħajru lis-soċjetà sabiex taqra, ħalli titgħallem taħseb u tirrifletti fuq dak kollu jiġri madwarha filwaqt li tkun kapaċi tagħmel għażliet importanti. Hu permezz ta' komunità b'moħħ miftuħ u intelliġenti li soċjetà tista' timxi 'l quddiem. L-importanza tal-apprezzament tal-letteratura mhux biss biex jingħata ġieħ lil kittieba Maltin jew biex l-istudenti jmorru tajjeb akkademikament, iżda hemm importanza ħafna ikbar għax hi dik li se tgħin biex toħloq soċjetà{ matura li b'għaqal kbir tagħraf tagħmel id-deċiżjonijiet tagħha.

Kien pjuttost dan il-ħsieb li influwenzani fl-għażla tal-poeżiji. Xtaqt li nitbiegħed minn dak li l-istudenti ilhom jitgħallmu dwaru snin, b'temi relatati man-natura u s-solitudni tal-poeta, u minflok, xtaqt li noffri tagħlim li jservi għal tul il-ħajja (Ministry of Education and Employment).

### *1.5.2. It-tagħlim tal-letteratura jgħin lill-istudenti sabiex jitrawmu kulturalment*

It-tagħlim tal-letteratura mhux biss utli u bżonnjuż sabiex l-istudenti jsiru iktar kreattivi, jaħsbu b'mod kritiku u japprezzaw il-letteratura iżda jgħinhom ukoll sabiex jitrawmu kulturalment:

> "learning about the languages, histories, traditions and cultures of non-dominant groups in a society, encourages team work and cooperative learning in multicultural, multi-ethnic and other diverse contexts, combines traditional and local knowledge and know-how with advanced science and technology, and values the practice of multilingualism. In doing so it encourages an understanding of global issues and the need for living together with different cultures and values". (*A National Minimum Curriculum Framework for All,* 2012: 38-39).

### *1.5.3 Ir-relazzjoni ta' bejn min joħloq l-arti u min japprezzaha*

F'konferenza li saret f'Ġunju tas-sena elfejn, ġie diskuss l-aspett kreattiv, l-espressjoni tal-ħsieb u s-sentimenti tal-istudent. F'din il-konferenza ġie ssuġerit li l-istudenti jingħataw l-opportunit{ li jitgħallmu "r-relazzjoni bejn min joħloq u min japprezza" (Farrugia 2000: 187), (Aquilina: 101). Il-ktejjeb *Poe-Pittura* se jkun qiegħed jgħin f'dan l-għan fejn l-istudenti se jkollhom l-opportunità li kemm jikkreaw ftit arti kif ukoll jiktbu poeżija huma. Dan ukoll iwassal biex l-istudenti kemm jieħdu gost fit-tagħlim tal-poeżija kif ukoll jitgħallmu japprezzaw l-arti, kemm dik viżiva kif ukoll dik miktuba.

## 1.6 L-arti bħala bażi tat-tagħlim tal-letteratura

Skont Knapp (2012: 20-27), "fine arts stir the human soul, express individuality as well as community, and are at once universal and culturally specific". L-aspett kulturali joħroġ l-iktar mill-interpretazzjoni u l-istudent jaċċessah iktar permezz tal-arti milli bil-kitba. Meta kitba bħall-poeżija jkollha l-istess lingwaġġ tal-pittura, hu iktar faċli għall-istudent sabiex jorbothom flimkien. Armstrong (2013) sostniet ukoll li l-analiżi tal-pitturi fit-tagħlim tal-poeżija tgħin lill-istudenti sabiex josservaw u jsibu dettalji li x'aktarx ma kinux isibuhom jekk jiġu mogħtija l-poeżija biss. Skont Goates (2010), il-poeżija u l-pittura jaħdmu flimkien u meta mwaħħda flimkien, jipprojettaw unit{ waħda:

> "Visual art is literal image, which plays into poetry because an image is exactly what the poet is trying to create with their words. And while the poet endeavors to create language that projects vision, the painter seeks to create images that speak. Each has something the other aims for, and together they complete a beautiful whole". (Goates, 2010: 22)

Minbarra li l-arti tgħin fit-tagħlim, l-arti ġġiegħlek tistaqsi, tanalizza u taħseb b'mod kritiku, element li xtaqt li nqajmu permezz ta' din ir-riċerka u r-riżorsa *Poe-Pittura*:

> "…the ability to find meaning in imagery. It involves a set of skills ranging from simple identification (naming what one sees) to complex interpretation on contextual, metaphoric and philosophical levels. Many aspects of cognition are called upon, such as personal association, questioning, speculating, analyzing, fact-finding, and categorizing. Objective understanding is the premise of much of this literacy, but subjective and affective aspects of knowing are equally important." (Yenawine, 1997)

## 1.7 L-attitudni tal-għalliema għal din il-ġabra ġdida

Ħafna studjużi, fosthom Ortuño (1994: 500), sabu li l-użu tal-wirja ta' pitturi fit-tagħlim tal-letteratura mhux biss se tgħin lill-istudenti sabiex jifhmu t-test aħjar, iżda jgħin ukoll

billi jistimulalhom l-attenzjoni. Il-kritika tal-pittura tgħin biex tqajjem diskussjoni fil-klassi u l-lezzjonijiet jagħmluhom iktar interessanti.

> "Arts integration seems to be the best form of differentiation out there because it taps into so many different interests and abilities and forms of learning (Shwartz, 2015)."

Dan kollu jgħin lit-tfal biex ikollhom tagħlim induttiv u jkunu attivi u fiċ-ċentru tal-lezzjoni. Minkejja dan, xorta għadd ta' għalliema jagħżlu li ma jagħmlux użu mill-pitturi tul il-lezzjonijiet tagħhom għax ma jħossuhomx kwalifikati fil-qasam, kif ukoll iħossu li l-preparazzjoni għal dawn il-lezzjonijiet se jiħdulhom ħafna iktar ħin milli jiffukaw fuq il-lingwa (Carr, 1985: 79). Naf li din forsi se tkun waħda mill-isfidi li jista' jkolli fir-riċerka tiegħi. Forsi mhux kull għalliem se jaċċetta li jgħallem b'dan il-mod jekk ma jkollux għarfien artistiku. Sabiex negħleb dan l-iżvantaġġ se nagħmel riżorsi għall-għalliema b'għadd t'informazzjoni fuq il-pitturi u l-artisti kif ukoll attivitàjiet li jistgħu jsiru waqt il-lezzjoni. Se jkun hemm ukoll pjanijiet ta' lezzjonijiet lesti mela bħala proġett se jkun wieħed li jista' jiġi użat minn kull għalliem.

## 1.8 Xi proġetti li diġà saru

Cage u Rosenfeld(1989) għamlu riċerka simili ta' dak li qiegħda nagħmel jiena. Qabdu erba' poeżiji minn ta' O'Hara, poeżiji li huma ispirati minn pitturi u għamluhom mal-istudenti. Skont il-kritici Libby u Perloff (1985), meta l-poeziji ta' O'Hara jiġu esperjenzati flimkien mal-pitturi addattati, il-qarrej jista' jinnota li l-poeta twassal lill-qarrej sabiex jesperjenza d-dinja tal-arti, filwaqt li jifhem r-relazzjoni li hemm bejn iż-żewġ tipi ta' arti: il-pittura u l-poeżija. Skont Cage u Rosenfeld, il-poeżija ta' O'Hara u l-pitturi li huma dwarhom, għandhom l-istess lingwaġġ u dan jista' jiġi esplorat mill-istudenti.

Fir-riċerka ta' Cage u Rosenfeld (1989), l-għalliema daħlet fil-klassi mingħajr ma l-istudenti kienu jafu biha, eżatti bħalma għamilt jiena. Dan iqanqal iktar interess u sens ta' sorpriża fl-istudenti. L-isem tal-poeta ma ssemma mkien u l-anqas ma ngħataw

informazzjoni dwar il-pitturi. It-tfal tqassmu fi gruppi: grupp minnhom esperjenza il-poeżija billi qara lilha biss, grupp ieħor esperjenza l-pittura li hi relatata mal-poeżija waħedha, filwaqt li grupp minnhom esperjenza il-poeżija u l-pittura f'daqqa. Ir-riżultat li ħareġ minn din ir-riċerka kien li t-tfal fehmu l-iktar il-poeżija u apprezzawha mhux meta ngħataw il-pittura biss jew il-poeżija biss iżda meta ingħataw il-pittura u l-poeżija f'daqqa (Cage: 201-206).

### *1.8.1 It-tagħlim tal-metafora bl-użu tal-pitturi*

Marshall (2016) fir-riċerka tagħha sabet li meta l-istudent ikun fehem fuq livell emozzjonali u intellettwali bejn dak li qed isir fil-pittura u dak li qed jingħad fil-poeżija, l-istudent isir kemm artist kif ukoll poeta. Dan ifisser li l-istudenti jistgħu jagħmlu użu minn dawn il-forom espressivi: jitgħallmu jesprimu ruħhom kemm bil-pittura kif ukoll bil-kitba (ta' poeżija). F'dan l-istudju, Marshall sabet kif tista' tgħallem termini letterarji bħall-'metafora'. Dan għamlitu billi lill-istudenti l-ewwel tathom lista ta' kliem li magħhom iġorru ċertu sentimenti u magħhom l-istudenti kellhom jiktbu kulur partikolari. Wara l-istudenti ġew murija pitturi u ġew mistaqsa x'kuluri kitbu mal-emozzjonijiet li ngħatawlhom. Meta l-istudenti ngħataw il-poeżija, innutaw l-impatt tal-metafora li qiegħda ssir tul il-poeżija u kif qiegħda tiġi rrappreżentata fil-pittura. Wara, l-istudenti bħala attivit{ kellhom jispjegaw emozzjoni, kemm bil-kliem (poeżija), kif ukoll bil-pittura. Marshall sostniet li l-lezzjoni u l-attività qanqlu interess u eċitament fl-istudenti. B'dan il-mod, l-istudenti bl-analiżi tal-kulur 'blu', irnexxielhom jiddiskutu fuqu b'għadd ta' konnotazzjonijiet ta' kull ma jmur miegħu. Il-perjodu 'Blu' tal-artist Picasso ġie diskuss b'mod faċli fil-klassi wara din il-lezzjoni u l-istudenti b'mod faċli u kreattiv irnexxielhom jikkreaw pittura, kif ukoll jiktbu poeżija bit-titlu ta' *The Blues*.

Dan l-istudju twettaq f'diversi klassijiet u r-riżultat kien wieħed pożittiv. Matul din ir-riċerka, Marshall (2016) sabet li l-istudenti qegħdin jipparteċipaw iktar fil-lezzjoni kif ukoll tgħallmu japprezzaw l-arti u l-letteratura.

## 1.9 L-intelliġenzi multipli mħaddma b'din il-pedagoġija u r-riżorsa

## *Poe-Pittura*

Studenti differenti, jassorbu l-affarijiet b'modi differenti. Kull individwu hu uniku u għandu l-aħjar mod ta' kif jistudja, jitgħallem u l-bqija (Lunenburg, 2014: 1-2, 12-13). Dan japplika l-istess għat-tagħlim. L-għalliema għandha tirrispetta dan il-fatt billi tevita li dejjem tgħallem bl-istess metodu għax dan abli ma jkunx qiegħed jilħaq lil kulħadd. Hu importanti li l-għalliema jħarsu lejn it-teorija tal-intelliġenzi multipli ta' Gardner (1989) u jaraw liema mod jistgħu japplikaw fit-tagħlim tagħhom.

L-għażla tal-użu tal-pittura fit-tagħlim tal-poeżija kienet minħabba l-fatt li hemm studenti li għandhom in-nuqqas tas-smigħ, jew b'xi bżonnijiet speċjali li t-test waħdu ma jkunx biżżejjed għalihom sabiex jifhmu. Hu pjuttost għal dan il-ħsieb li għażilt il-pittura bħala s-suġġett li jikkumplimenta l-poeżija, bl-għan ta' ħolqien ta' pedagoġija li tilħaq lil kulħadd (Lunenburg, 2014).

### *1.9.1 L-għeluq*

Nemmen li l-integrazzjoni tal-Arti mat-tagħlim tal-poeżija se tgħinni kemm lili bħala għalliema billi nwettaq lezzjonijiet stimulanti u interessanti għat-tfal kif ukoll lit-tfal. Permezz tal-proġett *Poe-Pittura* nixtieq li niskopri x'effett tħalli l-integrazzjoni tal-Arti fil-klassi u jekk tgħinx fit-tagħlim tal-poeżija. Minbarra x-xewqa li noħloq pedagoġija li tagħti gost, nixtieq ukoll li l-apprezzament lejn il-qari letterarju jiżdied, filwaqt li t-tfal jesperjenzaw tagħlim li jservihom għal tul ħajjithom.

# It-tieni kapitlu

## Il-metodu u l-għodda li se nuża għall-ġbir t'informazzjoni tar-riċerka tiegħi

## 2.1 Il-metodu li bih se niġbor l-informazzjoni dwar ir-riċerka tiegħi

L-istudju tiegħi*: Proġett li jgħaqqad l-arti mat-tagħlim tal-poeżija Maltija fir-raba' klassi fl-iskola Sekondarja* se jgħinni sabiex nagħraf jekk il-pittura tgħinx fit-tagħlim tal-poeżija. Il-metodu li se nuża għall-ġbir t'informazzjoni dwar din ir-riċerka se jkun wieħed Kwalitattiv.

## 2.2 L-għodda li se nuża

Ir-riċerka tiegħi se tibda billi nikkrea riżorsa bit-titlu ta' *Poe-Pittura* li se tinkludi ġabra ta' disa' poeżiji u disa' pitturi li għandhom relazzjoni bejniethom. Din ir-riżorsa se tinqasam fi tnejn: riżorsi għall-għalliema u riżorsi għall-istudenti. Ir-riżorsi tal-istudenti se jinkludu: informazzjoni dwar l-artist; il-pittura; il-poeżja; il-poeta kif ukoll diversi attivitàjiet f'forma ta' *workbook*. Ir-riżorsi tal-għalliema se jikkonsistu f'informazzjoni iktar fid-dettall sabiex iservu ta' għajnuna għal dawk l-għalliema li m'għandhomx sfond artistiku, flimkien ma' pjanijiet ta' lezzjonijet u riżorsi diġitali li jistgħu jużaw waqt il-lezzjonijiet. B'dan il-mod, ir-riżorsi se jintlaqgħu kemm mill-għalliema kif ukoll mill-istudenti. Sabiex nara jekk bħala riżorsi humiex tajbin, se niġbor l-informazzjoni billi nqassam ir-riżorsi lil tmienja għalliema f'forma ta' kotba żgħar għal kull lezzjoni, bl-istess mod ta' kif se jiġu ppreżentati lill-istudenti li se jipparteċipaw fil-lezzjonijiet, kif ukoll bl-istess mod li se jingħataw lill-għalliema li se jwettquhom. Bi kwestjonarju b'mistoqsijiet miftuħa, wara li t-tmien għalliema janalizzaw u jevalwaw ir-riżorsi, se jagħtuni *feedback* dettaljat dwar ir-riżorsi. B'dan il-mod, nieħu *feedback* profond dwar x'għandhom tajjeb
u x'nista' nagħmel aħjar biex intejjeb il-livell tar-riżorsi.

Dawn ir-riżorsi se jingħataw lil żewġ għalliema li se jwettqu żewġ lezzjonijiet mal-istudenti tagħhom. Sabiex niġbor il-*feedback* dwar kif marru l-lezzjonijiet, wara li l-lezzjonijiet isiru, se nagħmel intervista lill-għalliema biex ikolli *feedback* b'mod dirett u dettaljat dwar kif kien ir-rispons tal-istudenti u x'ħareġ minn din it-tip ta' pedagoġija. Jien se nkun qiegħda nagħmel żewġ lezzjonijiet bl-użu ta' dawn ir-riżorsi u din il-pedagoġija wkoll. Waqt il-lezzjonijiet, l-għalliema tal-istudenti se tkun qiegħda tosservani u tagħtini *feedback* permezz ta' ċekkjatura u mistoqsijiet miftuħa. B'dan il-mod, se niġbor informazzjoni dwar il-pedagoġija: jekk kinitx ta' suċċess, kif ukoll x'nista' nirranġa u ntejjeb fiha. Minbarra dan, jiena se nkun qiegħda nżomm djarju ta' riflessjoni

u evalwazzjoni li se jinkiteb wara kull lezzjoni li se nwettaq jiena. Hu importanti ħafna bħala għalliema li tevalwa l-lezzjonijiet tagħha għax minnhom tagħraf x'għamlet tajjeb, x'għamlet inqas tajjeb, kif ukoll x'tista' tagħmel aħjar biex ittejjeb il-pedagoġija tagħha (Danielson, 2000: 8-9).

## 2.3 L-għażla ta' tiswir ta' proġett għal din ir-riċerka

Għażilt li nsawwar proġett bit-titlu *Poe-Pittura* għax proġett jgħin lill-istudenti sabiex jiskopru u jesperjenzaw sew dak li jkunu qegħdin jagħmlu. B'hekk, it-tagħlim ikun iktar sħiħ.

## 2.4 L-għażla ta' riċerka kwalitattiva

L-għażla tal-użu ta' riċerka kwalitattiva hi sabiex ikolli informazzjoni diretta u b'iktar dettall dwar l-istudju tiegħi. Minflok l-użu ta' riċerka kwantitattiva li tiġbor informazzjoni ta' nies anonimi bħall-użu ta' kwestjonarju lin-nies, fir-riċerka kwalitattiva se jkolli kuntatt dirett man-nies li se niġbor l-informazzjoni mingħandom permezz ta' intervisti; ċekkjaturi li se jimtlew minn għalliema li se josservawni waqt li nagħti xi lezzjonijiet; evalwazzjonijiet tal-lezzjonijiet li se nagħmel jiena dwar kif ħarġu l-lezzjonijet li nkun għamilt mat-tfal; kif ukoll il-*feedback* li se niġbor permezz ta' kwestjonarju lil tmien għalliema dwar il-pakkett ta' riżorsi *Poe-Pittura*. Għat-tip ta' riċerka li qiegħda nagħmel, stajt għażilt il-metodu kwantitattiv, billi nagħżel ħafna skejjel biex l-għalliema jagħmluli lezzjoni mal-istudenti, u niġbor il-*feedback* billi nqassam mijiet ta' kwestjonarji lill-istudenti dwar kif ħassewhom waqt il-lezzjoni u kif sabuha din il-pedagoġija ġdida, kif ukoll kwestjonarju lil kull għalliem li pparteċipa f'din ir-riċerka, però, nemmen li riċerka kwalitattiva hi iktar naturali u biha jkolli iktar kwalit{ b'riżultat li jirrifletti r-realtà u l-fatti tas-sitwazzjoni kemm jista' jkun (Patton, 2002: 39). Ladarba se nkun qiegħda nagħmel il-lezzjonijiet jiena, nemmen li hekk se jkolli *feedback* b'mod dirett, għax bħala għalliema preżenti, ikolli idea ċara jekk bħala pedagoġija taħdimx, kif affettwat lill-istudenti, ħadux gost b'din l-inizjattiva, ipparteċipawx u fehmux il-poeżiji iktar mis-soltu. Barra minn hekk, nemmen li din it-tip

ta' riċerka se tagħtini iktar informazzjoni għal dak li nixtieq jiena (Patton: 39). Ladarba se jkolli l-kuntatt dirett man-nies li se niġbor l-informazzjoni mingħandhom, nista' niġbor id-dettallji li forsi kwestjonarju f'riċerka kwantitattiva aktarx kien iħalli barra (Johnson, 2002: 4).

## 2.5 Il-ġbir tal-informazzjoni f'din ir-riċerka

Din ir-riċerka se ssir b'żewġ modi: permezz tal-pedagoġija tat-tagħlim tal-poeżiji bl-użu tal-Arti kif ukoll permezz tal-ħolqien tar-riżorsa *Poe-Pittura:*




*Tabella 1: Il-metodu użat għall-ġbir t'informazzjoni għal din ir-riċerka*

Iddeċidejt li niġbor l-informazzjoni kemm dwar il-pedagoġija kinitx ta' suċċess mill-għalliema li se jwettqu l-lezzjonijiet, kif ukoll dwar ir-riżorsa waħidha b'mod separat, sabiex niġbor kemm jista' jkun informazzjoni b'mod korretta u dettaljata. Ridt li nagħti importanza kemm lill-pedagoġija, kif ukoll lir-riżorsi b'mod indaqs.

## 2.6 L-aċċess u l-etika għal din it-tip ta' riċerka

Fil-maġġoranza tar-riċerka kelli l-kuntatt dirett mal-għalliema bħall-intervisti, kwestjonarji jew l-għalliema użaw ir-riżorsi tiegħi waqt il-lezzjonijiet tagħhom. Peress li fl-ebda ħin ma kont waħdi mat-tfal, għax meta wettaqt żewġ lezzjonijiet jiena mal-

istudenti kien hemm l-għalliema tagħhom preżenti, il-permess tal-etika (UREC-University of research ethics comitee) ma kienx meħtieġ.

L-aċċess għall-iskejjel ma kienx wieħed faċli peress li l-lezzjonijiet saru fi żmien li kien qrib l-eżamijiet. Minħabba f'hekk, kienet diffiċli sabiex insib għalliema li jew iħalluni niħdilhom lezzjoni sabiex inwettaq lezzjoni jiena jew biex l-għalliema jużaw lezzjoni minn tagħhom biex jagħmlu lezzjoni mill-proġett Poe-Pittura mal-istudenti tagħhom.

## 2.7 Il-konklużjoni

Nemmen li r-riċerka kwalitattiva se tgħini nikseb kwalit{ tajba t'informazzjoni għal dan il-proġett. Il-ġbir tal-informazzjoni se jsir kemm mill-għalliema kif ukoll mill-esperjenza tat-tfal waqt il-lezzjonijiet. B'hekk, nemmen li se jkolli idea ċara ta' jekk pedagogija bħal din tgħinx fit-tagħlim tal-poeżija.

# It-tielet kapitlu

## It-tħejjija tar-riżorsa *Poe-Pittura*

## 3.1 L-antoloġija Poe-Pittura

L-antoloġija *Poe-Pittura* se tinkludi disa' poeżiji minn poeti differenti. L-artisti msemmijin fil-poeżiji jew il-pitturi użati f'dan il-pakkett ta' riżorsi huma kemm ta' artisti famużi internazzjonali kif ukoll ta' artisti lokali. Il-kotba ta' Michael u Peter Benton *Double Vision* (1990), *Picture Poems* (1997) , u *Painting with Words* (1995) kienu l-punt ta' tluq għall-ispirazzjoni tal-ħolqien ta' din ir-riżorsa. Il-pakkett ta' riżorsi Poe-Pittura se jkun magħmul minn żewġ kotba:

A. Pakkett ta' riżorsi għall-għalliema li jinkludi:
   - Pjanijiet tal-lezzjonijiet.
   - Informazzjoni dettaljata fuq l-artisti; il-pitturi; il-movimenti artistiċi kif ukoll fuq il-poeżija u l-poeti.
B. Pakkett ta' riżorsi għall-istudenti li jinkludi:
   - Informazzjoni dwar: l-artisti; il-pitturi, il-poeti u l-poeżija.
   - Attivitàjiet u karti tat-taħriġ.

Ir-riżorsa tat-tfal se tkun mimlija bi stampi u kuluri biex l-idea ta' arti-pittura tidher ukoll fl-għamla tagħha, bl-għan li tkun attraenti bħala ktieb skolastiku.

## 3.2 L-għażla tal-poeżiji

L-għażla tal-poeżiji kienet waħda meqjusa bir-reqqa b'varjetà ta' testi kemm minn tas-seklu għoxrin, kif ukoll minn tas-seklu wieħed u għoxrin. Dan sar bl-għan li t-tagħlim tal-poeżija jkun wieħed innovattiv b'mod sħiħ filwaqt li joffri edukazzjoni iktar ħolistika (Cassola, D. et al, 1993). Ċertu poeżiji ma jitkellmux fuq in-niket tal-poeti jew kemm hi sabiħa n-natura li huma temi komuni fis-sillabu tas-sekondarja, iżda huma dawk li jħallu effett qawwi warajhom. F'testi bħal: 'Raħal/Barriera' u 'Guernica II' ta' Victor Fenech hemm l-istess elementi li nsibu fil-kotba *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (Mercer, 2010) u *Menz* (Ebejer, 2010). Il-poeżija 'Raħal/Barriera' tiddeskrivi soċjetàà magħluqa li mhix tħalli lok lill-poeta biex ikabbar l-għarfien tiegħu filwaqt li 'Guernica II' turi poplu aljenat fis-soċjetàà li qiegħed jgħix fiha. Dawn it-testi jħallu spazju lill-istudenti sabiex jirriflettu

dwar it-test u jaħsbu iktar b'mod kritiku dwar dak kollu li qiegħed jiġri madwarhom. B'dan il-mod, l-edukazzjoni ma sservix biss sabiex l-istudenti jgħaddu mill-eżamijiet iżda hi waħda li sservi tul ħajjithom kollha (Darmanin, 2010: 12-25).

### *3.2.1 Il-kategoriji tal-poeżiji*

L-għażla ta' disa' testi minn dik ta' tletin ma kinitx waħda faċli. Sibt firxa ta' taħlita ta' kategoriji li hemm fit-tieni tabella. Għalkemm xtaqt li nagħżel bejn wieħed u ieħor l-istess ammont ta' poeżiji għal kull kategorija li ppreżentajt f'din it-tabella, wasalt għall-għażla tal-poeżiji li hemm fit-tielet tabella. Pruvajt nagħżel testi varji kemm jista' jkun. Dan kien bl-iskop li l-istudenti jitrawmu b'għarfien ta' perjodi differenti tal-arti kif ukoll dwar artisti u poeti differenti. Apparti minn dan, l-għażla ta' dawn l-erba` kategoriji kienet sabiex l-istudenti jagħrfu r-relazzjoni li hemm bejn l-arti u l-poeżija minn perspettivi differenti.

| | Il-kategoriji tar-riżorsa *Poe-Pittura* |
|---|---|
| **L-ewwel kategorija** | Poeti li ispiraw ruħhom minn xogħlijiet artistiċi. |
| **It-tieni kategorija** | Xogħlijiet artistiċi ispirati minn poeżiji. |
| **It-tielet kategorija** | Poeżiji b'referenzi għal artist, moviment artistiku jew pittura. |
| **Ir-raba' kategorija** | Ix-xogħol artistiku u l-poeżija li huma maħluqin mill-istess persuna. |

*Tabella 2: Ir-raba' kategoriji tar-riżorsa Poe-Pittura*

## Il-poeżiji tar-riżorsa *Poe-Pittura* mqassma f'erba` kateogriji

| Titlu tal-poeżija | Il-poeta/poetessa | Is-sors | Il-kategorija |
|---|---|---|---|
| L-arloġġ ta'Dalì | Victor Fenech | *Il-Poeżiji* ta' Victor Fenech, paġna 134 | I |
| Raħal/Barriera | Victor Fenech | *Sangraal* ta' Victor Fenech, paġna 26 | I |
| Guernica II | Victor Fenech | *Sangraal* ta' Victor Fenech, paġna 54-55 | I |
| Viżjoni | Maria Grech Ganado | *Taħt il-kappell t'għajnejja*, ta' Maria Grech Ganado | I |
| Xbihat taż-żmien | Marlene Saliba | *Xbihat tal-Antenati* ta' Marlene Saliba | II |
| Il-Baruni | Achille Mizzi | *Eklissi Perpweti* ta' Achille Mizzi | III |
| Notturn (lil Vincent Van Gogh) | Kevin Saliba | *Ħbula stirati*, ta' Mario Vella, Kevin Saliba, Antoine Cassar, Ċali Grima, Alex Vella, paġna 55 | III |
| Frida Kahlo | Abigail Attard | / | III |
| Ħelsien | Abigail Attard | / | IV |

*Tabella 3: L-antoloġija Poe-Pittura mqassma f'erba' kategoriji*

## 3.3 X'żammejt f'moħħi fl-għażla tat-testi?

Fl-għażla tat-testi żammejt f'moħħi l-livell tal-istudenti. Dan kien biex kemm ma jkunux wisq faċli għal-livell tagħhom u l-anqas pjuttost diffiċli sabiex jifhmuh (Budden, 2007). Minn barra dan, qgħadt attenta fl-għażla tax-xogħlijiet speċjalment meta ġejt biex nagħżel poeżiji minn tas-seklu wieħed u għoxrin. Rajt li jkunu addattati mhux biss bħala livell iżda anke għall-fatt li se jintużaw fi skejjel sekondarji peress li sibt ħafna bi kliem mhux xieraq. Qgħadt ukoll attenta għas-sentimenti tal-udjenza: rajt li ma nagħżilx testi li jolqtu lill-istudenti b'mod personali fejn tidħol il-familja. L-istess jgħodd għar-reliġjon. Mhux sew li studenti mhux Kattoliċi jispiċċaw jitgħallmu xi test li jmur kontra l-kultura tagħhom bħalma ġara għal tul ta' snin fl-edukazzjoni Maltija f'uħud mit-testi partijottiċi Maltin (Chircop, 2014: 243-245). L-għan tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (2012) hu li l-istudenti jiċċelebraw id-diversità u mhux li studenti jħossuhom inferjuri minn oħrajn.

Għalkemm hu importanti ħafna li l-istudenti jempatizzaw mat-testi, l-għan ta' *Poe-Pittura* hu iktar sabiex jgħin lill-istudenti jkunu iktar konxji tad-dinja li qegħdin jgħixu fiha filwaqt li jitgħallmu jirriflettu u jaħsbu b'mod kritiku, bl-għan li jkunu indipendenti u responsabbli għall-għażliet li jagħmlu kemm waqt l-esperjenza fis-sekondarja tul ħajjithom kollha. Dan it-trawwim għandu jgħinhom jiżviluppaw il-moralità u l-personalità tagħhom (Loosman, 2013: 9).

## 3.4 L-użu ta' din ir-riżorsa

Dan il-ktieb tal-iskola se jintuża mal-klassijiet tar-raba' sena fil-livell sekondarju. Il-metodologija tat-tagħlim se tkun waħda induttiva. Il-metodu induttiv jgħin sabiex l-istudenti jkunu attivi tul il-lezzjoni u jaslu għall-konklużonijiet huma stess, iktar milli jagħtuhomlhom l-għalliema. B'dan il-mod, it-tagħlim ikun iktar effettiv b'mod li jiċċentra lill-istudenti u jgħinuhom ikunu responsabbli għat-tagħlim tagħhom.

Fl-introduzzjoni ta' kull lezzjoni l-istudenti se jkunu jafu x'inhuma l-għanijiet tal-lezzjoni sabiex it-tagħlim ikun wieħed sħiħ (Armbruster, P. et al, 2009: 8, 205). Kull attività se jkollha skop li tilħaq xi għan partikolari. Ir-riżorsi huma mżewwqa b'tali mod li jattrattaw l-istudenti. L-għan ewlieni tal-letteratura skont Portelli (2002) hu li tagħti gost mela għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn lezzjonijiet oħra tal-Malti bħal dawk

tal-Grammatika u l-Kitba mil-lezzjonijiet tal-Esperjenza Letterarja. Dan se jsir b'tiswir ta' lezzjonijiet interessanti li mhux biss jgħinuhom jifhmu l-poeżiji iżda billi jitgħallmu japprezzaw il-letteratura u jħarsu lejn it-tagħlim tagħha bħala wieħed pjaċevoli.

Peress li fassalt disa' lezzjonijiet b'kollox, għażilt li nagħżel disa' poeżiji ħalli b'hekk, inkun nista' nieħu riżultat aħjar għar-riċerka tiegħi. Se jkun hemm poeżiji li jieħdu iktar minn lezzjoni waħda fosthom 'Raħal/Barriera' ta' Victor Fenech u 'Xbihat taż-żmien' ta' Marlene Saliba, iżda fil-maġġoranza se jieħdu lezzjoni waħda għar-raġuni li naf li minħabba s-sillabu abli tkun diffiċli għall-għalliema sabiex jiddedikaw iktar minn lezzjoni waħda fuq l-istess poeżija. Madanakollu, l-għalliema li se jagħmlu użu minn din ir-riżorsa, bl-għadd ta' informazzjoni u attivitàjiet li fiha, jistgħu jaddattaw u jqassmu l-lezzjonijiet kif jixtiequ huma.

### *3.4.1 Min se juża din ir-riżorsa f'din ir-riċerka?*

Erba' lezzjonijiet minn din ir-riżorsa se jsiru ma' erba' klassijiet minn skejjel differenti sabiex nieħu idea tal-effett ta' din il-pedagoġija, u nara jekk l-Arti tgħinx fit-tagħlim tal-poeżija. Żewġ lezzjonijiet se nagħmilhom jiena ħalli jkolli *feedback* diretta tal-lezzjoni u l-għalliema tal-istudenti se tkun qiegħda tosservani u tagħtini *feedback* waqt il-lezzjoni. Wara kull lezzjoni se nkun qiegħda nżomm djarju riflessiv dwar il-lezzjonijiet. Iż-żewġ lezzjonijiet l-oħra se jsiru minn żewġ għalliema differenti, minn skejjel differenti u se nieħu l-*feedback* tagħhom permezz t'intervista. Minn barra li din ir-riżorsa se tingħata lill-istudenti waqt il-lezzjonijiet, se nqassamha wkoll lil tmien għalliema tal-Malti sabiex janalizzawha u jagħtuni *feedback* iktar dettaljat filwaqt li jissuġġeruli x'nista' nagħmel aħjar. Il-fatt li jiena stess se nagħmel xi lezzjonijiet mir-riżorsa li qiegħda noħloq, nemmen Ii nista' nieħu esperjenza iktar diretta.

## 3.5 L-Arti mil-lenti tat-tfal

Bħala studenta-għalliema tal-Arti, esperjenzajt diversi drabi l-mota ferrieħa li jkollhom l-istudenti ladarba jirfsu ġewwa l-kamra tal-Arti. Minn din il-perspettiva, nemmen li l-proġett *Poe-Pittura* jista` jgħin lil dawk l-istudenti li ma togħġobhomx il-letteratura jew forsi ma tantx imorru tajjeb fiha. Li tqajmilhom l-interess, hu pass tajjeb li jwassal għat-

tagħlim tagħha (DeLong & Winter, 2002).

Il-lezzjonijiet se jkunu msawra b'attivitàjiet kreattivi u interessanti kemm jista' jkun, b'mod li l-lezzjoni tkun iddur mal-istudenti. Il-pittura se sservi bħala il-punt ta' tluq u biex tgħin fit-tagħlim tal-poeżija, iżda l-poeżija xorta se tingħata l-iktar prijorità, ladarba hi lezzjoni tal-poeżija Maltija.

## 3.6 L-għażla tal-livell edukattiv

Għażilt li nagħmel din ir-riċerka mal-istudenti tar-raba' sena minħabba li s-sillabu tal-Gvern u l-eżami tal-metrikola, l-istudenti jkunu tgħallmu għadd ta' termini u ltaqgħu ma' diversi effetti fil-poeżija. B'dan il-mod, nemmen li bħala riċerka tkun iktar b'saħħitha milli kieku nagħmilha mal-istudenti tal-ewwel sena. Dan minħabba l-fatt li lill-istudenti tal-ewwel sena, peress li għalihom it-tagħlim tal-poeżija hu wieħed ġdid, ikolli nieħu iktar ħin mil-lezzjoni sabiex nispjega t-tifsir ta' xi termini letterarji u l-forma tal-poeżija u b'hekk, l-għan tar-riċerka ma jintlaħaqx: dak li jara jekk l-Arti tgħinx fit-tagħlim tal-poeżija.

## 3.7 L-għażla tat-titlu *Poe-Pittura*

Wara diversi ħsibijiet għat-titlu, għażilt dak li hu xieraq għal din ir-riżorsa: titlu qasir li jagħti idea ta' x'inhu l-kontenut tiegħu: ġabra ta' poeżiji mnebbħin minn pitturi għall-istudenti tar-raba' sena fl-iskola sekondarja. L-użu tas-sing ´ - ` bejn 'Poe' u 'Pittura' hu sabiex juri iktar ir-relazzjoni ta' dawn iż-żewġ tipi ta' Arti: żewġ entitajiet li ispiraw lil xulxin tul iż-żminijiet u dan għadna narawh sal-lum il-ġurnata.

Bħala artista li wkoll nikteb il-poeżiji, inħoss li m'hemmx wisq li jifred lil dawn iż-żewġ oqsma: inħoss li t-tnejn li huma jgħinuni sabiex nidħol fija nnifsi u niskopri dak li hemm mistur, filwaqt li nuża din l-għodda sabiex nesprimi l-ħsieb u l-ħsus tiegħi b'mod viżiv u tanġibbli. Hi pjuttost din ir-raġuni għall-għażla ta' twaħħid tal-pittura u l-poeżija flimkien, għax bl-istess mod, f'din ir-riċerka l-istudenti se jkunu qegħdin jesperjenzaw il-qari ta' pittura b'mod simili ta' dak li se jesperjenzaw fil-poeżija, mingħajr ebda qtugħ bejniethom.

## 3.8 Xi diffikultajiet li ltqajt magħhom

Bħala studenta-għalliema b'għarfien sew dwar kemm il-poeżija kif ukoll l-arti, għal meta niġi biex nagħmel il-lezzjonijiet, għalija mhix se tkun ta' problema anzi b'mod faċli nista' nagħmel użu minn dan it-tagħlim integrat. Però, m'għandi l-ebda garanzija li l-għalliema li se jipparteċipaw f'din ir-riċerka se jilqgħuha bis-sħiħ. Dan minħabba l-fatt li għalliema li mhumiex midħla tal-Arti, forsi jħossuhom skomdi jgħamlu użu minn din il-pedagoġija. Hu minħabba f'hekk li mal-pakkett ta' riżorsi se nipprovdi informazzjoni utli għall-għalliema fejn tidħol l-arti (ix-xogħlijiet artistiċi, l-artisti u l-movimenti artistiċi) sabiex bħall-proġett li sar minn Shehab et al (2013) li integra l-lezzjonijiet tax-Xjenza, tal-Matematika u tal-Fiżka ( L. Shehab et al, 2013: 409-423), nipprovdi informazzjoni bażika lill-għalliema ħalli wara li jitrawmu ftit huma stess fl-Arti , b'mod faċli jkunu jistgħu japplikaw it-tagħlim tal-Arti fil-lezzjonijiet tal-letteratura.

Żvantaġġ ieħor hu li meta niġi biex inwettaq il-lezzjonijiet jiena, l-istudenti se jħarsu lejja bħala persuna gdida. Dan jista' jew jaħdem favurija jew kontrija. L-istudenti jistgħu kemm jinteressaw ruħhom fil-lezzjoni għax se jiġu introdotti ma' pedagoġija ġdida, jew inkella jħarsu lejn il-lezzjoni bħala 'inutli' peress li se tkun biss parti mir-riċerka tiegħi u mhix għall-eżami.

## 3.9 L-għeluq

L-għażla tal-poeżiji u t-temi nfushom joffru spazju waqt il-lezzjoni għad-diskussjoni u ħsieb profond. Dan jgħin sabiex iqiegħed lill-istudenti fiċ-ċentru u jżommhom attivi waqt il-lezzjoni filwaqt li jgħinhom itejbu l-mod ta' kif jaħsbu, janalizzaw u jirriflettu, elementi li huma importanti ħafna. Is-suġġetti tal-poeżija fil-maġġoranza jitkellmu fuq is-sitwazzjonijiet ta' kuljum li xi darba jew oħra kulħadd jgħaddi minnhom. Dan jista' jgħin lill-istudenti sabiex itejbu s-*self-esteem* tagħhom speċjalment bil-poeżiji 'Ħelsien' ta' Abigail Attard u 'Notturn (lil Vincent Van Gogh)' ta` Kevin Saliba, poeżiji li jgħinu lill-istudenti biex iħarsu lejn is-sabiħ tal-ħajja anke fl-iktar mumenti diffiċli, filwaqt li jiftakru li qatt m'għandhom jaqtgħu qalbhom u li bi ftit kuraġġ, jistgħu jaslu għal dak li jixtiequ.

# Ir-raba’ kapitlu

## Il-ġabra *Poe-Pittura*

## 4.1 Xi dokumenti kkunsidrati għall-ħolqien tar-riżorsa Poe-Pittura

Dokumenti li kkunsidrajt qabel ma ħloqt ir-riżorsa *Poe-Pittura* huma: l-għanijiet tal-kisbiet tat-tagħlim (Ministry of Education and Employment, Learning Outcomes Framework, 2012); il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (Ministry of Education and Employment, 2012) u l-iskaluni tal-letteratura fil-livell sekondarju (Portelli, Grima, 2001).

### *4.1.1 Il-proġett Poe-Pittura mal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali*

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (2012) jinkoraġixxi li t-tagħlim ikun wieħed li jipprovdi tagħlim essenzjali li jmur lil hinn mis-snin tas-sekondarja: tagħlim li jservihom tul ħajjithom kollha (KMN, 2012: 10). Ir-riżorsa *Poe-Pittura* se ssir bl-għan tal-KMN (2012), li tħalli lok fejn l-istudenti jkunu kapaċi jagħmlu użu mit-tagħlim tagħhom u japplikawh fil-ħajja ta' kuljum, filwaqt li jkollhom lok waqt il-lezzjoni sabiex jaħsbu, jikkritikaw u jirriflettu dak kollu li qegħdin jitgħallmu. Ladarba l-istudenti jkunu qegħdin jabbinaw it-testi mal-ħajja ta' kuljum u ma' dak kollu li jiġri madwarhom, it-tagħlim ikun iktar ħolistiku. Kif jistqarr Mahmoudi (2012):

> Based on this interdependent perspective, holistic education seeks to create a society where we live in harmony with the surrounding environment… it seeks an education that is rooted in the fundamental realities of nature and existence. Holistic education seeks to connect the part with the whole. (Mahmoudi, 2012: 179-184)

### *4.1.2 Il-proġett Poe-Pittura jilħaq l-għanijiet tal-kisbiet mit-tagħlim (2012)*

Il-kisbiet mit-tagħlim (Ministry of Education and Employment, LOF's, 2012) jiffukaw fuq l-istudenti fi stadji partikolari dwar xi jkunu tgħallmu u x'jafu jagħmlu. Iktar milli jissemma x'inhu mistenni li l-istudenti jitgħallmu jew ikunu jafu f'dik is-sena partikolari, il-kisbiet mit-tagħlim (2012) jibdew *b'jiena naf* u *jiena kapaċi* fost oħrajn: noti pożittivi li jistgħu jiġu ppreżentati mill-għalliema fil-bidu ta' kull lezzjoni ħalli l-istudenti jkunu jafu

x'se jkunu tgħallmu sal-aħħar tal-lezzjoni. Dawn jgħinu lill-istudenti sabiex jgħollu l-moral, jemmnu fihom nfushom kif ukoll jagħmlu kuraġġ fil-vjaġġ edukattiv tagħhom.

| | Xi kisbiet mit-tagħlim li se jintlaħqu b'dan il-proġett (2012) |
|---|---|
| 1. | Jiena kapaċi nirrifletti, nanalizza u nikkummenta fuq testi li diġ{ tgħallimt u fuq testi li għadni ma ltqajtx magħhom. Jiena kapaċi wkoll insaħħaħ dak li ngħid u dak li nikteb permezz ta' kwotazzjonijiet u referenzi mit-testi tal-poeżiji (LOF,2012: 36). |
| 2. | Permezz tad-diskors u l-kitba, jiena kapaċi nassessja b'mod kritiku t-testi li huma simili ta' xulxin kif ukoll dawk li għandhom ġeneri differenti billi nikkumpara l-ideat tal-poeti u nikkunsidra l-udjenza u l-aspetti soċjali u storiċi li t-testi jkunu nkitbu fihom (LOF,2012: 36). |
| 3. | Jiena kapaċi niddistingwi u nifhem: toni, vuċijiet, ritmi, kif ukoll emozzjonijiet differenti. Jiena kappaċi napprezza u nifhem l-effett li dawn iħallu fuq it-test u fuqi nnifsi (LOF,2012: 36). |
| 4. | Jiena kapaċi nagħraf u nifhem kif testi letterarji jużaw termini letterarji bħall-metafora, personifikazzjoni, similitudni, mistoqsija retorika, l-ironija, l-anafora, s-sineddoke, s-sarkażmu, u l-apostrofi filwaqt li kapaċi napprezzahom u nifhem l-effetti li jħallu fil-poeżija kif ukoll fuqi nnifsi (LOF,2012: 36-37). |
| 5. | Jiena kapaċi nagħraf li t-testi differenti għandhom tifsira u interpretazzjoni differenti. Jiena kapaċi niġġustifika l-interpretazzjonijiet tiegħi b'evidenza mit-test stess kif ukoll minn testi oħra (LOF,2012: 41). |
| 6. | Jiena kapaċi nidentifika testi partikolari li nħoss li jmorru mal-kultura tiegħi, ma' esperjenzi personali u soċjali tiegħi kif ukoll ma' testi li jiffurmaw parti min-nazzjonalit{ tiegħi. Jiena naf nevalwa b'mod kritiku permezz tad-diskors u l-kitba billi nqabbel testi u ġeneri ma' oħrajn, filwaqt li nikkumpara l-ideat u l-argumenti tagħhom. ( LOF, 2012: 41). |

*Tabella 4: Xi għanijiet tal-LOF's li se jintlaħqu f'dan il-proġett*

### *4.1.3 Kif il-proġett Poe-Pittura jilħaq l-iskaluni*

L-iskaluni huma għanijiet li jridu jintlaħqu mill-istudenti fl-aħħar tal-lezzjoni jew fl-aħħar tal-proġett ta' tagħlim (Grima, 2001: xiv). Dawn jagħtu biss idea lill-għalliema dwar kif jistgħu jsawru l-lezzjonijiet kif ukoll l-għanijiet li l-istudenti għandhom jilħqu f'kull stadju tal-iskola sekondarja, mill-ewwel sal-ħames sena. Jiena u nifforma dan il-proġett, ikkunsidrajt l-iskaluni bl-iskop li noffri esperjenza sħiħa lill-istudenti fit-tagħlim letterarju tagħhom.

| L-iskaluni fil-qasam letterarju fil-proġett *Poe-Pittura* (Portelli 2001: 109-124) | | |
|---|---|---|
| **In-numru tal-iskaluni** | **L-iskaluni** | **Il-poeżiji li jilħqu l-għanijiet tal-iskaluni** |
| **Skaluna 7.2.6** | Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari. | • Ħelsien ta' Abigail Attard<br>• Notturn (lil Vincent Van Gogh) ta' Kevin Saliba<br>• L-arloġġ ta' Dalì<br>• Il-ktieb ta' Adrian Grima |
| **Skaluna 7.2.3** | Jorbtu l-esperjenza personali tagħhom mal-esperjenza tal-kittieba kif tixref mit-test. | • Frida Kahlo ta' Abigail Attard |
| **Skaluna 7.2.5** | Isiru midħla tal-isfond skoriku u kulturali tat-test. | • Guernica II ta' Victor Fenech<br>• Il-Baruni ta' Achille Mizzi |
| **Skaluna 7.3.8** | Japprezzaw it-tifsir differenti li jista' jkollu l-istess test għal nies differenti. | • Notturn (lil Vincent Van Gogh) ta' Kevin Saliba |
| **Skaluna 7.4.9** | Japplikaw l-għarfien li jiksbu mill-qari ta' xi testi letterarji biex jifhmu ahjar lilhom nfushom, il-kultura li jgħixu fiha u l-kundizzjoni tal-bniedem f'din l-eżistenza. | • Xbihat taż-żmien ta' Marlene Saliba<br>• Raħal/Barriera ta' Victor Fenech<br>• Guernica II ta' Victor Fenech |
| **Skaluna 7.1.5** | Jidentifikaw u jempatizzaw ma' karattri li jaqraw dwarhom. | • Viżjoni ta' Maria Grech Ganado<br>• L-arloġġ ta' Dalì ta' Victor Fenech |
| **Skaluna 7.2.2** | Jaraw rabta bejn ħajjet il-kittieba u l-produzzjoni letterarja tagħhom. | • Viżjoni ta' Maria Grech Ganado<br>• Guernica II ta' Victor Fenech<br>• Raħal/Barriera ta' Victor Fenech |
| **Skaluna 7.2.6** | Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari | • Guernica II ta' Victor Fenech<br>• Raħal/Barriera ta' Victor Fenech<br>• Notturn (lil Vincent Van Gogh) ta' Kevin Saliba<br>• Il-Baruni t'Achille Mizzi |
| **Skaluna 7.4.7** | Jużaw b'għaqal it-terminoloġija addattata meta jiġu biex japprezzaw xi test letterarju. | • Ħelsien ta' Abigail Attard<br>• L-arloġġ ta' Dalì<br>• Guernica II ta' Victor Fenech |

*Tabella 5: L-iskaluni mal-antoloġija Poe-Pittura*

# L-arloġġ ta' Dalì

ta' Victor Fenech

*L-ewwel lezzjoni*

# IL-pjan tal-lezzjoni

**Is-silta letterarja:** L-arloġġ ta' Dalì ta' Victor Fenech.

**L-iskaluni:**

- Iwessgħu l-użu tat-terminoloġija biex jikkummentaw fuq it-testi differenti skont il-karatteristiċi ewlenin ta' ġeneru partikolari.
- Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari.

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jgħamlu reviżjoni ta' xi wħud mit-termini letterarji
- Jagħrfu jidentifikaw it-termini letterarji f'poeżija
- Jesploraw l-effetti li jħallu t-termini letterarji

**Ir-riżorsi:** Preżentazzjoni diġitali (powerpoint) dwar il-poeżija, pakkett ta' noti għall-istudenti.

**L-iżvilupp:**

*L-introduzzjoni:* L-għalliema se tibda l-lezzjoni billi tintroduċi lill-istudenti mal-perjodu tas-Surrealiżmu. Wara, se tintorduċihom mal-artist Salvador Dalì u se tipproġettalhom il-pittura 'The persistence of memory' fuq il-bord. Wara se tistaqsihom:

- X'qegħdin taraw f'din il-pittura?

L-istudenti se jingħataw ċans sabiex jikkritikaw il-pittura u jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom dwarha. Wara, l-għalliema se tistaqsihom :

- X'taħsbu li jissimbolizzaw: l-arloġġ, il-wiċċ u n-nemel?

Din il-mistoqsija se sservi bħala introduzzjoni għall-poeżija 'L-arloġġ ta' Dalì' ta' Victor Fenech, ladarba inkitbet b'ispirazzjoni minnha.

*It-tieni pass:* L-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-poeżija. Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsihom:

- Fuq xiex taħsbu li qiegħda tittratta l-poeżija?
- Taħsbu li hemm xi relazzjoni bejn il-poeżija u l-pittura?

Se tifforma diskussjoni. Wara, l-istudenti se jaħdmu l-ewwel attività mill-pakkett tan-noti. Wara, l-istudenti se jaqsmu t-tweġibiet ma' sħabhom.

*It-tielet pass:* L-għalliema se tipproġetta l-kliem: 'krajnu , flamenka, laguni u fjordi' fuq il-bord. L-istudenti huma mistennija li jgħidulha xi jfissru dawn il-kliem. Wara, l-għalliema se tispjega t-tifsira tal-kliem li ma nftihemx. Wara, l-istudenti se jaqraw il-poeżija waħidhom u billi jafu t-tifsira tal-kliem ġdid u b'dak li ddiskutew dwar il-pittura, l-istudenti għandhom jifhmu l-poeżija iktar. Wara, l-istudenti se jaqsmu l-opinjonijiet tagħhom dwar il-poeżija mal-bqija tal-klassi.

*Ir-raba' pass:* L-għalliema se tipproġetta dawn it-termini fuq il-bord interattiv: 'antiteżi, anafora, similitudni, ritornell u duplikazzjoni'. L-istudenti se jingħaqdu f'pari u flimkien se jsibu eżempji ta' dawn it-termini letterarji fil-poeżija. Wara li jlestu, l-istudenti se jagħtu l-eżempji li kitbu, u wara se jispjegaw l-effett li qiegħed iħalli kull terminu fuq il-poeżija.

*Il-ħin ta' riflessjoni:* L-istudenti se jfittxu terminu letterarju ieħor fil-poeżija b'mod individwali u se jaraw għala qiegħed jintuża u x'effett jaħsbu li qiegħed iħalli fil-poeżija.

*Il-konklużjoni:* Wara li l-istudenti jaqsmu ma' sħabhom dak li kitbu, l-għalliema se tistaqsihom:

- Issa li fhimtu t-termini letterarji u x'effetti qegħdin iħallu fuq il-poeżija ta' Fenech, dwar xiex taħsbu li hi l-poeżija?
- Mir-reviżjoni tat-termini li għamilna llum, tistgħu tagħtuni eżempju ġdid ta' antiteżi, similitudni u duplikazzjoni?

L-istudenti se jwieġbu dawn il-mistoqsijiet u se jagħtu l-opinjonijiet u l-interpretazzjonijiet tagħhom.

**Ix-xogħol għad-dar:** Jaħdmu l-aħħar attività mill-pakkett tan-noti.

# L-arloġġ ta' Dalì

ta' Victor Fenech

Poeżija meħuda mill-ktieb *Il-poeżiji* ta' Victor Fenech, p.134

Daż-żmien ħsibijieti jasluli
minxura
bħall-arloġġ ta' Dalì
narahom/ma nħosshomx
inħosshom/ma nifhimhomx
u dejjem iżjed niżżerżaq
fl-antika mera ta' moħħi
fil-kaverna tal-ħolm.




Tifkiriet ċpar
tifkiriet imbiegħda
jinfirxu/jitferrxu
u jfaqqgħu nirien;
silġ-nirien ifaqqgħu
il-kranju jagħfsuli
f'deżerti jfakkruni
fi fjordi f'laguni
fi tkaken itektku
daqqiet ta' sikkina
żeffiena flamenka
katavru f'kantina.

Daż-żmien ħsibijieti jasluli
minxura
bħall-arloġġ ta' Dalì.

# The Persistence of Memory (1931)

*ta' Salvador Dalì*



# *L-artist Salvador Dalì*

**1904-1989**





Jiena artist Spanjol u twelidt fl-1904.

Ħafna mix-xogħol artistiku tiegħi juri ħsibijieti u l-ħolm tiegħi.

Inħobb nibdel kull ma hu reali għall-mod ta' kif nixtiequ jien. B'hekk, noħloq dinja fantastika ġdida, dinja li ma teżistix.





# Il-perjodu artistiku tas-Surrealiżmu



Dan il-moviment tal-arti beda fl-1924 fPariġi.



L-artisti bdew ipinġu l-ħolm tagħhom u dak li hu mistur ġo fihom b'mod mhux reali.

Il-pitturi bdew juru affarijiet fantastiċi, b'karikaturi strambi u dinja tal-ħolm.

Dan l-istil t'espressjoni bħal donnu għen lill-artisti sabiex jidħlu fihom infushom u jpinġu l-ħolm tagħhom jew kif jixtiequ li jkunu l-affarijiet





Artisti li pinġew b'dan l-istil huma Dalì, Magritte u Breton fost l-oħrajn.

36

Imla l-kaxxi l-vojta bi kliem mill-poeżija skont dak li taħseb li hu xieraq mal-oġġetti li jinsabu fil-pittura ta' Salvador Dalí ; 'The Persistence of Memory'.



## Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.

Din il-poeżija ta' _____________________ (1) hi mnebbħa mill-pittura ta' ______________________ (2) : 'The persistence of memory'. Il-poeta jqabbel ħsibijietu mal-_________________(3) minxura ta' Dalí. It-tifkiriet tiegħu mhumiex daqshekk ______________(4) għax issa li kiber il-memorja m'għadhiex l-istess bħal qabel.

Dawn il-memorji u l-ħsibijiet qegħdin jiġu fi __________________________ (5)partikolari tas-sena. Mill-kliem ____________________(6), ________________________(7), ____________________________(8) u ____________________________(9) wieħed jista' jinnota li dawn ma kinux memorji sbieħ iżda huma dawk li jfakkruh fis-solitudni tiegħu.



# Xbihat taż-żmien

ta' Marlene Saliba

*It-tieni lezzjoni*

# Il-pjan tal-lezzjoni

(Din il-lezzjoni hi mqassma f'żewġ lezzjonijiet)

**Is-silta letterarja:** Xbihat taż-żmien ta' Marlene
Saliba **L-iskaluni:**

1. Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari.
2. Japplikaw l-għarfien li jiksbu mill-qari ta' xi testi letterarji biex jifhmu ahjar lilhom nfushom, il-kultura li jgħixu fiha u l-kundizzjoni tal-bniedem f'din l-eżistenza.

**L-għanijiet**:
Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jitrawmu ftit fuq l-artist Brian Grima u l-poetessa Marlene Saliba.
- Jesperjenzaw ir-relazzjoni ta' bejn il-pittura ta' Grima u l-poeżija ta' Saliba

**Ir-riżorsi:** preżentazzjoni diġitali (powerpoint) dwar il-poeżija, pakkett ta' noti għall-istudenti.

**L-iżvilupp :**
**L-introduzzjoni :** L-għalliema se tibda l-lezzjoni billi tqassam l-istudenti fi gruppi ta' ħamsa. Kull grupp se jingħata *jigsaw puzzle* u jrid jgħaqqadha. Wara li jgħaqqadha, l-membri tal-grupp iridu jiddiskutu l-istampa li tkun iffurmat. Kif ilestu, kull grupp se jiġi quddiem nett tal-klassi u se juri lill-gruppi l-oħra l-istampa li kellu u se jaqsam ma' magħhom dak li jkun iddiskuta l-grupp. Waħda mill-istampi tal-grupp se tkun il-pittura 'Capriccio' ta' Brian Grima. Din se sservi bħala introduzzjoni għal-lezzjoni: Xbihat taż-żmien' ta' Marlene Saliba.

*It-tieni pass:* Wara d-diskussjoni tal-ewwel attività, l-għalliema se tipproġetta l-pittura ta' Grima fuq il-bord interattiv u se tistaqsihom x'qegħdin jaraw fil-pittura. L-ewwel attività li għamlu għandha tgħinhom sabiex jiskopru din il-pittura. Għandu jingħata ħin biżżejjed sabiex l-istudenti jikkritikaw il-pittura u joħorġu b'interpretazzjonijiet differenti.

*It-tielet pass:* L-għalliema se tintroduċi lill-istudenti mal-artist Brian Grima. Dan se jgħin lill-istudneti biex jifhmu l-pittura aħjar, ladarba jiskopru l-istil tal-artist. Wara, l-istudenti se jaħdmu l-ewwel attività mill-pakkett tan-noti f'pari. Hawnhekk l-istudenti se jerġgħu lura għall-pittura. Kif ilestu l-attività, l-għalliema se tistaqsihom:

- X'qegħdin taraw fil-pittura ta' Brian Grima?
- Taħsbu li l-bini hu kollu tal-istess żmien?
- Min taħsbu li kien jgħix hemm?
- Taħsbu li n-nies tal-Pre-Istorja u n-nies ta' żmien il-Barokk għixu flimkien?

Dawn il-mistoqsijiet se jgħinu lit-tfal għal meta jiġu biex jaqraw il-poeżija.

*Ir-raba' pass:* L-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-poeżija. Wara, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

- X'konnessjoni taħsbu li hemm bejn il-pittura u l-poeżja?

  Wara d-diskussjoni, l-istudenti jridu jsibu kliem mill-poeżija li qegħdin ukoll fil-pittura (it-tieni attività fil-pakkett tan-noti). Wara, l-istudenti se jaqsmu ma' sħabhom il-konnesjonijiet li sabu.

*Il-ħin ta' riflessjoni* : Wara li l-istudenti jkunu sabu xi kliem fil-poeżija li huma relatati mal-pittura, l-għalliema se tispjega li din il-poeżija saret b'ispirazzjoni diretta minn din il-pittura u għalhekk irnexxielhom isibu xi kliem li jinsab fil-pittura. L-istudenti se jingħataw ftit ħin ta' riflessjoni sabiex jiskopru x'inhi din ir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ tipi ta' arti.

*Il-konklużjoni:* L-għalliema se tagħlaq il-lezzjoni billi tistaqsi lill-istudenti:

- X'taħsbu mir-relazzjoni li hemm bejn il-pittura u l-poeżija?

  L-istudenti se jaqsmu ma' sħabhom ħsibijiethom u se tifforma diskussjoni.

**It-tieni lezzjoni**

# Il-pjan tal-lezzjoni

**L-iskaluna:** Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari.

**L-għanijiet**:

Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jiffukaw fuq l-effett li tħalli l-punteġġjatura fil-poeżija
- Jirriflettu dwar 'il-misteru tal-għixien' li ssemmi l-poetessa fil-poeżija

**Is-silta letterarja:** Xbihat taż-żmien ta' Marlene Saliba

**Ir-riżorsi:** preżentazzjoni diġitali (powerpoint) dwar il-poeżija, pakkett ta' noti għall-istudenti.

**L-iżvilupp :**

*L-introduzzjoni* **:** L-għalliema se tibda l-lezzjoni billi tistaqsi lill-istudenti x'għamlu u xi skoprew fl-aħħar lezzjoni ħalli tiffriskalhom il-memorja. Wara, l-għalliema se tintroduċihom mal-poetessa Marlene Saliba. Meta jesploraw l-ispirazzjoni li Saliba kienet issib fit-tempji Maltin, l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu iktar il-poeżija.

*It-tieni pass:* L-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-poeżija. Wara, l-għalliema se tistaqsihom:

- Minn dak li għamilna fl-aħħar lezzjoni u mill-affarijiet ġodda li skoprejna dwar il-poetessa, x'taħsbu issa dwar il-poeżija?
- Min qiegħed jitkellem fil-poeżija u x'inhu jagħmel?

*It-tielet pass:* L-għalliema se titlob lill-istudenti sabiex jaqraw il-poeżija b'mod individwali f'qalbhom. Wara, se jħarsu lejn il-punteġġjatura użata fil-poeżija u jridu jsibu x'effett qiegħda tħalli. Wara li titlesta din l-attività, din se tiġi diskussa fil-klassi. Wara d-diskussjoni fejn l-għalliema se tħalliha f'idejn l-istudenti sabiex jagħtu l-interpretazzjonijiet u l-opinjonijiet tagħhom, l-għalliema se tispjega l-irwol tal-punteġġjatura fil-poeżija, u diversi effetti li poeżija jista' jkollha bl-użu tal-punteġġjatura. Dan se jgħinhom jifhmu li l-punteġġjatura użata fil-poeżija ta' Saliba turi l-ħsibijiet tal-poeta filwaqt li tistieden lill-qarrej sabiex jieħu l-mawra li ħadet hi mentalment fil-poeżja, li hi mawra simili tal-pittura, li kieku persuna kella timxi ġo fiha mix-xellug għal-lemin.

*Il-ħin ta' riflessjoni:* L-għalliema se titlob lill-istudenti sabiex iħarsu lejn versi 16 u 20. L-istampa użata fl-ewwel attività tal-aħħar lezzjoni turi b'mod viżwali dawn il-versi mela din se tgħinhom. L-għalliema se tipproġetta vv. 29-32 fuq il-bord interattiv. F'dan il-ħin, l-istudenti jridu jifhmu versi 16 u 20 filwaqt li bihom jiskopru x'inhu 'l-misteru tal-għixien li ma jinbidel qatt' (vv. 29-32).

*Il-konklużjoni:* wara l-ħin ta' riflessjoni, l-istudenti se jaqsmu ħibijiethom mal-kumplament tal-klassi. Wara, l-għalliema se tistaqsihom:

- Minn dak li ddiskutejna fuq il-versi 16 u 20, u minn dak li rajtu fil-pittura ta' Grima, x'taħsbu li hu l-misteru tal-għixien?

Din il-mistoqsija se toħloq tiskussjoni fejn l-istudenti huma mistennija li jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.

**Ix-xogħol għad-dar:** L-istudenti jridu jagħtu l-intrerpretazzjoni personali tagħhom tal-poeżija (l-aħħar attività mill-pakkett tan-noti).

# XBIHAT TAŻ-ŻMIEN

*ta' Marlene Saliba*

*mill-ktieb 'Xbihat tal-Antenati', ta' Marlene Saliba*

Ħafja-
blat... ċagħaq... bebbux...
ramel... ġebel ċkejken
iħallu l-għeliem ritmiċi
f'qigħan saqajja,
u ġewwa l-fond sieket ta' moħħi -
nipprova nimxi
minn ġewwa l-millenji
ta' ġografija li dejjem
tniedi l-bidla.



Kesha... frisk... sħana ...
frisk... sħana.
Bit-taħbit ngħaddi bil-mod
minn dehriet Neolitiċi.
Friska... għajjiena... b'saħħti...
żagħżugħa... xiħa... żagħżugħa...
nara mbagħad
xbihat oħrajn Paleolitiċi.
Felħana... dgħajfa...
tifla... mara... xiħa... tifla...
il-ħin kollu għanja
b'rabta ġewwinija mad-dinja
li twennes l-għeruq ta' ħajti.





Nagħraf id-dell tiegħi
fl-ibħra, fix-xmajjar
għaddej mis-sekli jitgerbu
u nifhem li l-blat ta' ġismi
jaf ukoll xi tibdil ġeoloġiku.
It-tgelgil bla hedu taż-żmien
iseħibni wkoll mal-misteru
tal-għixien
li ma jinbidel qatt.

Ħafja fuq ir-ramel għal ftit nistrieħ
ġewwa gżira li jista' jkun
xi darba kienet il-quċċata
ta' muntanja li għaqqdet
it-tramuntana u nofsinhar
l-orjent u l-punent tad-dinja.
Nixtarr il-vjaġġ twil tiegħi
tul dawn is-sekli kollha
donnhom bla tmiem
li jista' jkun kieku biss ftit sekondi
fi żmien kożmiku.
Bidu... dehra qasira ta' dak
li l-għorrief u l-qaddisin
jażżardaw isejħu... l-eternità...

Capriccio , 1997, pittura ta’ Brian Grima



**Attività f'pari**: Kull persuna (persuna n.1, n.2 u n.3) miexja quddiem bini differenti.

Iddeskrivi x'bini x'qiegħed/a tara wara kull persuna.




*Pittura ta' Brian Grima, Capriccio, 1997, żejt fuq it-tila.*

| Persuna numru 1, il-mara anzjana | Persuna numru 2, it-tifla |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| ____________________ | ____________________ |
| ____________________ | ____________________ |
| ______________ | ____________________ |

**Persuna numru 3, il-mara**

________________________________________

________________________________________

**Minn dak li rajtu fil-pittura u minn dak li qrajtu fil-poeżija, dwar xiex taħsbu li qiegħda titkellem il-poeżja?**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

# Marlene Saliba (1947- / )






Jiena poeta u noqgħod Santa Lucia. Ilni kiteb minn mindu kelli madwar tmintax-il sena.

Kull ma nara madwari jispirani sabiex nikteb, anke jekk nara fjura fi ġnien.

Inħobb nagħmel ir-riċerka dwar it-tempji u l-istorja ta' Malta, nżur it-tempji Maltin u Għawdxin u nikteb poeżiji dwarhom. Uħud minn dawn il-poeżji jinsabu fi ktieb li ktibt jiena 'Xbihat tal-Antenati-Ancestral Visions' (2011).

Jiena gradwajt mill-Università ta' Malta fl-Ingliż. Bl-imħabba kbira li għandi għal din il-lingwa, nħobb nittraduċi kull poeżja li nikteb bil-Malti għall-Ingliż.

**Sibu xi kliem mill-poeżija li huma relatati ma' dak li jinsab fil-pittura 'Capriccio' u iktbuhom fil-kaxxa t'hawn taħt. Wara, iktbu n-numri fuq il-parti tal-pittura li taħsbu li hi addattata għal dik il-kelma partikolari**




*L-ewwel eżempju hu lest:*

0. Għeliem ritmiċi (v. 4)
1. ___________________________
2. ___________________________
3. ___________________________
4. ___________________________
5. ___________________________
6. ___________________________
7. ___________________________
8. ___________________________
9. ___________________________

## Aqra l-poeżija u ffoka fuq dawn il-versi t'hawn taħt:

"Żagħżugħa … xiħa … żagħżugħa …" (v. 16)

"tifla … mara … xiħa … tifla …" (v. 20)

"It-tgelgil bla hedu taż-żmien
iseħibni wkoll mal-misteru
tal-għixien
li ma jinbidel qatt." (vv. 29-32)

Minn dak li osservajt f'dawn il-versi kif ukoll minn dak li qrajt fil-poeżija ta' Saliba, x'taħseb li hu 'l-misteru tal-għixien li ma jinbidel qatt'?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

Agħti l-interpretazzjoni tiegħek tal-poeżija 'Xbihat taż-Żmien'

*ta' Marlene Saliba.*

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________



*Pittura ta' Brian Grima, Capriccio, 1997, żejt fuq it-tila*

# ‘Xbihat taż-żmien’ ta’ Maria Grech Ganado



Meta l-poetessa Marlene Saliba żaret l-esibizzjoni ta’ Grima ‘Theatrum Melitensei’ fl-1997 li saret l-Mużew Nazzjonali tal-Arti tal-Belt Valletta u rat din il-pittura, *Capriccio*, ispirat ruħha sabiex tikteb il-poeżija ‘Xbihat taż-Żmien’.



*Figura 1.1*

Din il-pittura turi bini Malti minn perjodi differenti: is-swar Malti; it-tempji Pre-istoriċi u bini ta’ żmien il-Barokk li ta’ spiss naraw fil-knejjes Maltin. Il-pittura hi dettaljata ħafna u turi ambjent kalm, ambjent li joffrulek it-tempji, postijiet bħall-Imdina u l-knejjes Maltin.

Il-pittura tista’ tinqasam fi tlett partijiet *(ara figura 1.1).* Kull parti turi ġenerazzjoni ta’ nies differenti, li bnew bini tipiku skont il-bżonn ta’ dak iż-żmien. Dawn il-binjiet tqiegħdu apposta b’dan il-mod mill-artist u dlonk iġiegħlu lill-visitatur jaħseb u jirrifletti fuq il-ħajja tan-nies ta’ żminijiet differenti: x’ħajja kellhom u forsi kif tvarja minn perjodu għall-ieħor.









## ‘Raħal/Barriera’

ta’ Victor Fenech

*It-tielet lezzjoni*

# Il-pjan tal-lezzjoni

(Din il-lezzjoni hi mqassma f'żewġ lezzjonijiet)

**Is-silta letterarja:** 'Raħal/Barriera' ta' Victor Fenech

**L-iskaluna :** Japplikaw l-għarfien li jiksbu mill-qari ta' xi testi letterarji biex jifhmu ahjar lilhom nfushom, il-kultura li jgħixu fiha u l-kundizzjoni tal-bniedem f'din l-eżistenza.

**L-għanijiet:** *Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se*:

- Jitrawwmu fuq l-artist Emvin Cremona
- Jesperjenzaw ir-relazzjoni bejn il-pittura ta' Cremona u l-poeżija ta' Fenech

**Ir-riżorsi:** preżentazzjoni diġitali (powerpoint) dwar il-poeżija, pakkett ta' noti għall-istudenti.

**L-iżvilupp :**

*L-introduzzjoni:* Il-lezzjoni se tibda billi l-għalliema tintroduċi lit-tfal mal-artist Malti Emvin Cremona sabiex l-istudenti jifhmu ftit l-istil tieqgħu. Wara, l-għalliema se tipproġetta l-pittura 'Raħal/Barriera' ta' Cremona fuq il-bord interattiv u se tistaqsihom:

- X'qegħdin taraw?
- Għalfejn taħsbu li r-raħal hu rrappreżentat minn kaxxi ġo kaxxi ?
- Il-pittura jisimha 'Raħal/barriera'. Mill-osservazzjoni li għamiltu s'issa, issa li sirtu tafu x'inhu t-titlu tal-pittura, dwar xiex eżatti taħsbu Ii titratta l-pittura?
- Għalfejn taħsbu li barra r-raħal hemm raħal ieħor?
- Normalment naraw '/' meta l-affarijiet ikunu jfissru l-istess jew simili ħafna: mela x'taħsbu li qed tirrappreżenta eżatt il-pittura t'Emvin Cremona?

L-istudenti se jwieġbu dawn il-mistoqsijiet. Se jiġu diskussi t-tifsiriet tal-kliem 'raħal' u 'barriera'. Wara se tistaqsihom:

- La barriera hi ħofra fonda fl-art u raħal hu post li jgħixu fih in-nies, mela għalfejn taħsbu li l-artist ta dan it-titlu lill-pittura?

Se tifforma diskussjoni fejn l-istudenti se jagħtu l-interpretazzjonijiet tagħhom dwar il-pittura. Din se sservihom bħala introduzzjoni għall-poeżija 'Raħal/Barriera' ta' Victor Fenech, poeżija ispirata direttament minn din il-pittura.

*It-tieni pass:* L-għalliema se tgħid lill-istudenti li Victor Fenech, poeta, għandu bħala possesjoni din il-pittura fid-dar tiegħu stess u b'ispirazzjoni kbira minnha, kiteb il-poeżija 'Raħal/Barriera'. L-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-poeżija. Wara, l-għalliema se tistaqsihom:

- Minn dak li nnutajtu diġa' fil-pittura, x'taħsbu issa dwar il-poeżija? X'taħsbu li qiegħed jipprova jgħid il-poeta?

L-istudenti se jagħtu l-interpretazzjonijiet tagħhom.

*It-tielet pass:* L-għalliema se titlob lill-istudenti sabiex jagħmlu linja taħt dawn il-kliem: yin, yang, bur, opak, luċenti, konxju , inkonxju, ka u karma. Wara, l-istudenti se jingħaqdu f'pari u flimkien iridu jiktbu t-tifsira tagħhom fuq l-ewwel attività mill-pakkett tan-noti. Wara, l-istudenti se jaqsmu dak li kitbu. Dan se jgħinhom sabiex jifhmu l-poeżija aħjar.

*Ir-raba' pass:* L-istudenti se jaqraw il-poeżija b'mod individwali f'qalbhom. Wara, l-istudenti se jagħmlu t-tieni attività mill-pakkett tan-noti b'mod individwali.

*Il-konklużjoni:* L-għalliema se tistaqsihom:

- Minn dak li pinġejtu, x'taħsbu issa dwar ir-rappreżentazzjoni tar-raħal?

Se tifforma diskussjoni.

# Il-pjan tal-lezzjoni

(It-tieni lezzjoni)

**Is-silta letterarja:** 'Raħal/Barriera' ta' Victor Fenech

**L-iskaluna :** Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari.

**L-għanijiet:** *Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se*:

- Jagħrfu l-importanza tal-anafora u r-ritornell u jaraw x'effett qegħdin iħallu fil-poeżija
- Jaħsbu b'mod kritiku x'kienu jagħmlu li kieku kienu fis-sitwazzjoni tal-poeta

**Ir-riżorsi:** Preżentazzjoni diġitali (powerpoint) dwar il-poeżija, pakkett ta' noti għall-istudenti.

**L-iżvilupp:**

*L-introduzzjoni:* L-għalliema se tibda l-lezzjoni billi tistaqsi lill-istudenti x'jiftakru minn dak li sar fl-aħħar lezzjoni ħalli tiffriskalhom il-memorja. Wara, se tgħidilhom l-għanijiet ta' din il-lezzjoni x'se jkunu.

*It-tieni pass:* L-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-poeżija. Wara, l-għalliema se tikteb il-kelma 'anafora' fuq il-bord. L-istudenti se jingħaqdu f'pari u flimkien iridu jsibu eżempji ta' anafora fil-poeżija. Wara, fit-tielet attività mill-pakkett tan-noti, jridu jiktbu x'effett jaħsbu li qiegħda tħalli l-anafora fil-poeżija, minn dak li qraw u minn dak li tgħallmu fl-aħħar lezzjoni.

*It-tielet pass:* L-istudenti se jaqsmu dak li kitbu mal-kumplament tal-klassi. L-għalliema se tispjega iktar fid-dettal l-enfasi li l-poeta qiegħed jagħmel fuq ir-raħal permezz tal-anafora. Wara, l-għalliema se tikteb il-kelma 'ritornell' fuq il-bord u l-istudenti jridu jsibu eżempju ta' ritornell fil-poeżja. Wara, se jiktbu l-effett tar-ritronell fuq l-istess paġna tat-tielet attività.

*Ir-raba' pass:* L-istudenti se jaqsmu ma' sħabhom dak li kitbu. Wara, l-għalliema se tikteb il-vers 'nirtira mriegħex mill-fondoq tal-bur' (v. 21, v. 27) fuq il-bord u se tistaqsihom:

- Minn dak li rajtu fil-pittura u minn dak li qrajtu fil-poeżja, għalfejn taħsbu li l-poeta rtira mriegħex minn dak li ra barra r-raħal?

*Il-konklużjoni:* L-għalliema se turi lill-istudenti filmat qasir tal-allegorija tal-għar tal-filosofu Platun. Wara, l-istudenti se jiġu mistaqsa:

- Li kieku intom kontu tgħixu ġo post b'mentalità magħluqa bħar-raħal/barriera li qed isemmi l-poeta, iżda bħalu jirnexxielkom toħorġu minnu u tiskopru ftit il-verità u l-ħażen tal-ħajja (vv. 11-17), taħsbu li tagħmlu bħall-poeta, terġgħu lura għal dak ir-raħal magħluq jew inkella tibqgħu fil-kobor tal-bur u tkomplu tintellettwaw ruħkom bħall-priġunier li ħarab mill-għar fl-allegorija ta' Platun?

L-istudenti se jingħataw ftit ċans sabiex jaħsbu u jirriflettu. Jistgħu jniżżlu xi punti fuq ir-raba' attività mill-pakkett tan-noti. Wara l-istudenti se jaqsmu ma' sħabhom ħsibijiethom u l-opinjonijiet tagħhom.

# Raħal/Barriera

*ta' Victor Fenech*
*mill-ktieb 'Sangraal' ta' Victor Fenech, p.26*

Raħal ċkejken u barriera fonda.
Raħal ħiemed u barriera siekta.
Raħal ċittadella ma' barriera sentinella.
U balla – nar (jew alla-xemx)
tqattar għeja u għaraq
fuq il-bur u fuq ir-raħal.
U kollox qiegħed jongħos fil-ħedla
ta' awwissu fil-ħin ta' nofsinhar.

Noħroġ mill-fosdqa tar-raħal
nintilef fil-kobor tal-bur,
fl-opak u l-luċenti
fil-konxju u l-inkonxju
fil-yin u fil-yang
fil-brahma u fl-atman
fil-ka u fil-karma
fil-jien u fil-ħolqien
fl-għarfien fil-misteru
fl-ispazju, wesgħan.
It-triq isserrep twila
u mċajpra il-viżjoni…

Nirtira mriegħex mill-fonfuq tal-bur
u narġa' nitkaxkar
lejn ċokon ir-raħal,
u nishar fis-skiet
tal-ħofra fir-ramel
ħdejn baħar bla kwiet.

Nirtira imriegħex fil-fondoq tal-bur
u nidħol fil-fosdqa
ta' ċokon ir-raħal
li jagħlaq madwari qanfud lewn kubrid
iżommni mill-qilla t'għarfien infinit.

## Raħal/barriera

*pittura t'Emvin Cremona*



# Emvin Cremona

(1919-1987)



Jiena twelidt il-Belt Valletta fis-sebgħa u għoxrin ta' Mejju, 1919. 1

2 Jiena artist Malti u kont l-iktar wieħed famuż fis-seklu għoxrin.

3 Studjajt l-arti kemm f'Malta kif ukoll f'Londra, Pariġi u fl-Italja.

4

Pittirt fil-knisja tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex, fil-knisja parrokkjali tal-Imsida, fil-mużew nazzjonali tal-arti (NMFA) tal-Belt Valletta kif ukoll mal-koppla u s-saqaf tal-knisja ta' San Gejtanu tal-Ħamrun fost oħrajn.

5 Fi żmieni l-iktar artisti li jagħmlu suċċess kienu dawk li jpittru fil-knejjes Maltin, iżda jiena minbarra li rnexxieli nagħmel dan, ksibt ukoll fama internazzjonali.

6

Minbarra li esibixxejt xogħli f'Londra, għamilt ukoll xogħol fil-kwartieri ġenerali tal-Ġnus Magħquda ta' New York u fil-WHO (World Health Organization) ta' Geneva.

7 Inħobb inpinġi b'ħafna kuluri u bi stil modern, li jispikka ħafna ħdejn pitturi oħra tal-knejjes Maltin.

Pittirt ukoll il-bollol Maltin u għamilt xi disinji għaċ-ċelebrazzjonijiet Pawlini. 8




*Il-bolla ta' Malta, impittra minn Emvin Cremona*

# Xi pitturi tal-artist
# Emvin Cremona



Pittura t'Emvin Cremona fil-knisja ta' Pinu, Malta



Astratt, medja mħallta tas-seklu 20, propjetà

tal-Heritage Malta.



Xena ta' bini storiku u turġien, inka, tinsab l-Ingilterra.



Is-solennità tal-Annunzjoni, il-knisja ta' Pinu, Għawdex'

Immarkaw dawn il-kliem bil-lapes fuq il-poeżija. Aqraw il-poeżija u mit-test, pruvaw ifhmu xi jfisser dan il-kliem t'hawn taħt. Wara, iktbu t-tifsira tal-kliem ħdejn kull kelma.

1. Ying ____________________________________________
2. Yang ____________________________________________
3. Bur ____________________________________________
4. Opak ____________________________________________
5. Luċenti____________________________________________
6. Konxju ____________________________________________
7. Inkonxju____________________________________________
8. Ka ____________________________________________
9. Karma ____________________________________________



**Pinġi affarijiet li timmaġina ġewwa ċ-ċokon tar-raħal li qiegħed iżomm lill-poeta mill-għarfien infinit u dak li timmġina li hemm barra mir-raħal.**

Barra mir-raħal/barriera

Ġewwa r-raħal/barriera



## Sib xi eżempji ta’ anafora u ritornell fil-poeżija. Wara, għid x’effett

Eżempji ta’ anafora:

1. ____________________________
   ____________________________(v. ___)
2. ____________________________
   ____________________________(v. ___)
3. ____________________________
   ____________________________(v. ___)
4. ____________________________
   ____________________________(v. ___)

**L-effett li qiegħed tħalli l-anafora fil-poeżija**

____________________________________
____________________________________
____________________________________
____________________________________
____________________________________
____________________________________
____________________________________

Eżempji ta’ ritornell:

1. ____________________________
   ____________________________(v. ___)
2. ____________________________
   ____________________________(v. ___)

**L-effett li qiegħed iħalli r-ritornell fil-poeżija**

____________________________________
____________________________________
____________________________________
____________________________________
____________________________________
____________________________________
____________________________________



Li kieku kont tgħix ġo post b’mentalità
maghluqa bħar-raħal/barriera li qed isemmi l-poeta, iżda
bħalu jirnexxielek toħroġ minnu u tiskopri ftit il-verità
u l-ħażen tal-ħajja, kieku x’tagħżel, a jew b? Agħti raġuni għall-għażla tiegħek.

A. Terġa’ lura lejn iċ-ċokon ta’ raħal/barriera bħalma għamel il-poeta għax it-triq kienet isserrep wisq.
B. Tibqa’ fil-kobor tal-bur u tkompli tiskopri l-ħajja, bħalma għamel il-priġunier li ħarab mill-għar fl-allegorija ta’ Platun.

# Guernica II

ta' Victor Fenech

*Ir-raba' lezzjoni*

# Il-pjan tal-lezzjoni

**Is-silta letterarja:** 'Guernica II' ta' Victor Fenech.

**L-iskaluni:**

- Isiru midħla tal-isfond skoriku u kulturali tat-test.
- Jesprimu r-rispons tagħhom għall-qari ta' xi testi letterarji b'mezzi u b'forom differenti (mhux bil-kitba biss).

**L-għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jesploraw l-effett li jħallu l-Indenzjoni u r-Ritornell fil-poeżija.
- Jirriflettu u jaħsbu b'mod kritiku dwar is-sitwazzjoni f'Malta kif ukoll barra minn Malta dwar l-attitudnijiet tal-poplu madwar id-dinja u l-kisba tal-paċi bejn il-pajjiżi.

**Ir-riżorsi:** Preżentazzjoni diġitali (powerpoint) dwar il-poeżija, pakkett ta' noti għall-istudenti.

**L-iżvilupp:**

*L-introduzzjoni:* L-għalliema se tibda l-lezzjoni billi tintroduċi lill-istudenti mat-traġedja li ġrat f'Guernica fl-1937. Wara l-għalliema se tistaqsihom:

- Taħsbu li hu sew dak li għamlu l-Ġermaniżi?
- Kieku intom sirtu tafu b'dak li ġara, kieku x'kontu tagħmlu?
- Fi żmien fejn l-internet ma kienx jeżisti, x'mezz kontu tużaw kieku biex tipprotestaw u twasslu l-messaġġ tagħkom lil ħafna nies madwar id-dinja?

Wara li l-istudenti jwieġbu dawn il-mistqosijiet, l-għalliema se tgħidilhom x'għamel Picasso meta sema' bl-aħbar.

*It-tieni pass:* L-għalliema se tipproġetta l-pittura ta' Picasso bit-titlu 'Guernica' fuq il-bord interattiv. L-għalliema se titlob lill-istudenti sabiex jingħaqdu f'pari u flimkien janalizzaw x'hemm fil-pittura u jniżżlu ftit punti dwarha fuq l-ewwel attività tan-noti. Wara li l-istudenti janalizzaw il-pittura, l-istudenti se jaqsmu ma' sħabhom dak li kitbu. Wara l-interpretazzjonijiet tagħhom, l-għalliema se tagħtihom ftit iktar informazzjoni dwar il-pittura.

*It-tielet pass:* L-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-poeżija. Wara se tistaqsihom:

- X'fhimtu mill-poeżija?
- X'għandha x'taqsam il-pittura 'Guernica' u dak li għamilna fil-bidu tal-lezzjoni mal-poeżija?

Wara li jwieġbu dawn il-mistoqsijiet, l-għalliema se titlob lill-istudenti sabiex iħarsu lejn l-ewwel strofa u jaqrawha f'qalbhom. Wara, l-għalliema se tipproġetta l-versi sebgħa u tmienja fuq il-bord interattiv u se tistaqsihom:

- X'taħsbu minn dawn il-versi?
- Jekk 'il-poplu malti jingħi', bħalma ż-żiemel fil-pittura ta' Picasso li jirrappreżenta lin-nies ta' Guernica qiegħed iwerżaq, kif il-poeta qed jgħid li 'taħt qamar Malti jingħi' qiegħed jara lil Guernica II? X'taħsbu dwar dan?

Se tifforma diskussjoni fejn l-istudenti se jagħtu l-interpretazzjonijiet tagħhom.

*Ir-Raba' pass:* L-għalliema se titlob lill-istudenti biex iħarsu lejn it-tieni u t-tielet strofa. Se tistaqsihom:

- Għalfejn taħsbu li dawn l-istrofi huma mdaħħlin 'il ġewwa (Indenzjoni)?
- X'taħsbu li qiegħed jipprova jgħid il-poeta b'dawn il-versi?

L-istudenti se jwieġbu dawn il-mistoqsijiet. Wara l-għalliema se tispjega ftit iktar fid-dettall dwar l-indenzjoni użata fil-poeżja. Wara, l-għalliema se titlob lill-istudenti sabiex iħarsu lejn il-vers 'qamar qilla f'sema Malti' u se tgħidilhom li dan il-vers jidher iktar minn darba fil-poeżija. Wara se tistaqsihom :

- X'tissejjaħ din it-teknika?
- X'effett taħsbu li qiegħda tħalli fil-poeżija?

Wara li jwieġbu dawn il-mistoqsijiet, l-istudenti se jaqraw is-seba' u t-tmien vers f'qalbhom b'mod individwali u wara se jaħdmu t-tieni attività mill-pakkett tan-noti.

*L-għeluq:* L-istudenti se jaqsmu ma' sħabhom dak li kitbu fit-tieni attività tan-noti. Wara, l-għalliema se titlobhom iħarsu lejn l-aħħar strofa. L-għalliema se tistaqsihom:

- X'taħsbu li qiegħed jipprova jgħidilna l-poeta bil-poeżija tiegħu?
- Jekk tħarsu ftit lejn dak li qiegħed jiġri madwar id-dinja llum il-ġurnata, taħsbu li hawn il-paċi f'kull pajjiż u għaqda bejn il-pajjiżi?
- Taħsbu li n-nies tgħallmu minn dak li ġara f'Guernica, jew taħsbu li ġara bħalma qiegħed jgħid il-poeta, li mitt sena wara, dlonk intesa dak kollu li ġara fl-1937?

Se tifforma diskussjoni u l-istudenti se jagħtu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-aħħar strofa tal-poeżija.

**Ix-xogħol għad-dar**: Jaħdmu t-tielet attività mill-pakkett tan-noti.

# Guernica II

*ta' Victor Fenech*

(minn Sangraal, p. 54)

Qiegħed nara qamar qilla
f'sema Malti.
Qiegħed nara x-xafra mċappsa.
Qiegħed nara l-isdra mħaffra.
Qiegħed nara għadajjar demm.
Taħt qamar Malti jingħi
qiegħed nara lil Guernica II.



Għaliex poeta, ma wissejtx lill-poplu tiegħek?
Għax m'għarraftux dwar il-vulkan
pass pass jogħla fl-epiċentru,
jagħli jbaqbaq lej' l-iżbroff?



Twaħħalx fija, tgħidlix ħati
jekk dak poplu jagħti widen
biss lil min jagħtih ftit tiben
b'id irjali paternali.
Twaħħalx fija jekk dal-poplu
aljenat fl-assurdità
drittijiet lest ipartat
ma' ftit iktar kumdità.

Twaħħalx fija jekk dal-poplu
ta' qalb tajba imma llupjat
b'pika lava lilu nnifsu
ħalla jiġi vvelenat.

Qed nikteb
Dwar qamar qilla f'sema Malti,
'mma min minn niesi qed jarani?
(Orqod, poeta, orqod
trekken f'għar taħt il-blat samm,
ixrob ftit għasir taċ-ċedru,
idħol bil-lajma f'nagħsa seklu.

Minn sen'oħra, mal-bewsaxemx,
terġa' tistejqer …
u ma tiftakar xejn minn Guernica II).



Guernica, pittura tal-artist Spanjol Pablo Picasso, 1937, pittura biż-żejt fuq it-tila, 3.49m x 7.77m

# Guernica II

ta’ Pablo Picasso



**Ħares sew lejn din il-pittura tal-artist Spanjol Pablo Picasso, u wara li tanalizzaha, niżżel xi ftit punti dwarha.**

X'taħseb li ried ifisser b'dawn il-versi l-poeta fil-poeżija 'Guernica II'?

"Taħt qamar Malti jingħi
Qiegħed nara l-Guernica II."
(vv. 7-8)

**Irrifletti ftit dwar l-attakki li qegħdin isiru u l-gwerrer li qas waqfu f'ċertu pajjiżi madwar id-dinja. X'taħseb li jrid isir biex il-gwerrer jieqfu u fl-aħħar ikun hawn il-paċi fid-dinja?**

**Bħalma Picasso rreaġixxa għall-attakk li sar f'Guernica fl-1937 permezz tal-pittura 'Guernica' sabiex jipprotesta madwar id-dinja, pinġi stampa/pittura bil-messaġġ li tixtieq li twassal lid-dinja kollha.**



# Frida Kahlo

ta' Abigail Attard

**Il-ħames lezzjoni**

# Il-pjan tal-lezzjoni

**Is-silta letterarja:** 'Frida Kahlo' ta' Abigail Attard.

**L-iskaluna:** Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari.

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jitrawmu ftit fuq l-artista Frida Kahlo.
- Jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ħajja tal-artista Frida Kahlo u jitgħallmu mill-esperjenza tagħha.
- Jirriflettu dwar il-mistoqsija retorika tal-poeżija sabiex anke jabbinaw l-esperjenzi tagħhom u n-nies ta' madwarhom magħha.

**Ir-riżorsi:** preżentazzjoni diġitali (powerpoint) dwar il-poeżija, pakkett ta' noti għall-istudenti.

**L-iżvilupp:**

*L-introduzzjoni:* L-għalliema se tibda l-lezzjoni billi tintroduċi lill-istudenti mal-artista Frida Kahlo. Wara, l-istudenti se jingħaqdu f'pari u se jaħdmu attività dwar din l-artista. Din se sservi bħala introduzzjoni għall-poeżija 'Frida Kahlo' ta' Abigail Attard.

*It-tieni pass:* L-istudenti se jiġu mistaqsa dwar x'kitbu fuq l-artista u x'jaħsbu dwarha u dwar ħajjitha. Wara se tinqara l-poeżija 'Frida Kahlo' fil-klassi minn xi student. Wara l-qari, l-istudenti se jiġu mistaqsa dwar x'fehmu mill-poeżija u x'konnessjoni hemm bejn dak li tgħallmu dwar Kahlo u dak li qiegħed jintqal fil-poeżija.

*It-tielet pass:* Se jiġi spjegat min hi 'Nike' ħalli l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu sew il-poeżija. L-għalliema se tikteb dawn il-figuri tat-taħdit fuq il-bord 'Metafora', 'Ritornell' u 'Mistoqsija Retorika'. L-istudenti se jingħaqdu f'pari u jridu jfittxu dawn il-figuri tat-taħdit fil-poeżija. Wara se jiġi diskuss bħala klassi x'inhu l-użu tagħhom fil-poeżija u x'effett qegħdin iħallu. Wara se jiġu spjegati xi effetti oħrajn li hemm fil-poeżija.

*Il-ħin ta' riflessjoni:* L-istudenti se jingħataw karta u fuqha jridu jagħtu tweġiba għall-mistosija Retorika li hemm fil-poeżija. Wara se tifforma diskussjoni fil-klassi u xi studenti se jaqsmu mal-oħrajn dak li kitbu. Dan ix-xogħol se jsir b'mod individwali.

*Il-konklużoni:* L-istudenti se jingħataw karta u fuqha jridu jpinġu lilhom infushom b'mod li jirrappreżentaw lilhom infushom ; il-karattru tagħhom, xi jħobbu jagħmlu u l-bqija. Iridu jpinġu kemm affarijiet li huma kapaċi fihom eżempju 'ballun' għax tajbin fil-Futbol u 'somma' għax mhumiex tajbin fil-Matematika. Wara jridu jiktbu nota qasira dwar x'għandhom tajjeb u x'għandhom

inqas tajjeb u se jagħlqu billi jagħtu soluzzjoni, eżempju*: nista' mmur aħjar fil-Matematika billi naħdem iktar somom id-dar u nistudja iktar.* Dan se jsir ħalli l-istudenti jitgħallmu mill-istorja ta' Frida Kahlo, li għal kull problema hemm soluzzjoni u jridu jagħrfu jsibuha. L-attività' se titkompla d-dar.

**Ix-xogħol fil-klassi:** Se jiktbu punti dwar Frida Kahlo u jsibu xi figuri tat-taħdit mill-poeżija. Se jirriflettu wkoll fuq il-mistoqsija retorika użata fil-poeżja.

**Ix-xogħol għad-dar:** Se jużaw it-tpinġija bħala forma t'espressjoni bħalma jagħmlu f'kitba deskrittiva. Iridu jpinġu anke x'inhuma d-diffikultajiet tagħhom eżempju : m'humiex bravi fil-Matematika u jridu jiktbu soluzzjoni għall-problema eż: 'irrid nistudja iktar'.

# Frida Kahlo

*ta' Abigail Attard*

Arma qawwija,
fi żminijietek.

Iddevjajt ruħek min-norma
u l-ward kollu miegħek għollejt,
- Kahlo -

raġel-mara-mara-raġel;
x'jimporta?

Mhux biss.

Minkejja d-dalma
li waqgħet fuqek,
int naqqartha.
Ftit illum, ftit għada …
Irxuxtajt,
- Nike –

Arma qawwija fi żminijietek.
Arma qawwija b'potenzjal tal-azzar.

Tgħid baqa' nies bħalek?



*Frida Kahlo, Awto-ritratt*



*Alla Griega li tirrappreżenta r-rebħa, Nike*

# Pitturi ta' Frida Kahlo



**Pittura ta' Frida Kahlo, *Roots***

Jista' jkun li din il-pittura qiegħda tirreferi li għalkemm kellha l-inċident, sabet il-pittura li mlitilha ħajjitha, u li sakemm hemm il-pittura, hi kuntenta.

**Pittura ta' Frida Kahlo, *The two Fridas***

F'din il-pittura, Frida wriet li f'ħajjitha kellha kemm affarijiet koroh kif ukoll sbieħ.





**Pittura ta' Frida Kahlo,**
***The Conversation***

Ħafna mill-pitturi ta' Kahlo jinkludu lilha nnifisha. Dan għax kienet tuża l-arti bħala d-djarju tagħha fejn kienet tesprimi ruħha. Peress li ma setax ikollha tfal, kienet tħobb lill-annimali daqshom u dawn ta' spiss jidhru fil-pitturi tagħha.

# Min hi Frida Kahlo?



**X'taħseb dwar Frida Kahlo?**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Pinġi lilek innifsek billi tpinġi oġġetti li jirrappreżentawk



X'għandi tajjeb?

X'għandi inqas tajjeb?

**Ikteb dak li tħossok tajjeb fih u dak li tħossok inqas tajjeb fih. Wara, agħti soluzzjoni ta' x'tista' tagħmel biex ittejjeb dak li ma tħossokx daqshekk tajjeb fih.**

X'taħseb dwar il-Mistoqsija Rettorika fil-poeżija *Frida Kahlo* ta' Abigail Attard ?



# Frida Kahlo

*ta' Abigail Attard*

Frida Kahlo qiegħda tiġi indirizzata bħala 'arma'. L-arma toffri protezzjoni lill-individwu li m'għandu xejn ħliefha sabiex jipproteġi lilu nnifsu kontra l-għadu. Kahlo (1907-1954) ġiet indirizzata b'dan il-mod għax kienet mara ta' potenzjal qawwi fi żmienha, żmien fejn in-nisa ftit kienu stmati u kellhom drittijiet.

Arma qawwija,

fi żminijietek.

Iddevjajt ruħek min-norma

u l-**ward** kollu miegħek għollejt

- Kahlo –

**Raġel** – mara – mara – **raġel**;

X' jimporta?

Mhux biss.

Kahlo marret kontra il-mentalita' ta' dak iż-żmien.

**Alliterazzjoni**

Għal Kahlo, il-fatt li kienet mara f'soċjetà li r-raġel kien jiddomina, marret kontra l-mentalità ta' dak iż-żmien u uriet li anke mara kapaċi tkun ta' suċċess.

Il-*ward* hawn qiegħed jirreferi għan-nisa. Bl-imġiba tagħha, uriet li għalkemm f'soċjeta' fejn l-irġiel kienu jiddominaw, hi uriet li anke mara kapaċi tkun ta' suċċess : kemm fil-politika kif ukoll bħala artista.

Il-kelma 'dalma' qiegħda tirreferi għall-għawġ li ltaqgħet miegħu fil-ħajja, speċjalment l-inċident li kellha li spiċċa ħalliha paralizzata minn daharha. (vv9-10) 'Minkejja dik id-dalma li waqgħet fuqek'.

Minkejja d-dalma

li waqgħet fuqek,

<u>int naqqartha.</u>

Ftit illum, ftit għada …

<u>Irxuxtajt,</u>

- Nike –

Arma qawwija fi żminijietek

Arma qawwija b'potenzjal tal-azzar.

**Tgħid baqa' nies bħalek?**

Anafora: ripetizzjoni tal-kelma 'arma' fil-bidu ta' vv.15-16 sabiex ikun hemm enfasi fuq il-fatt ta' kemm Kahlo kienet mara ta' potenzjal qawwi għal żmienha.

Ritornell: Ripetizzjoni tal-vers 'Arma qawwija fi żminijietek': għandha l-istess effett tal-anafora.

Metafora: (Hi naqqret id-dlam) – Kahlo jum wara l-ieħor għelbet kull ostaklu li kellha sakemm fl-aħħar, minkejja d-diżablita' tagħha, irnexxielha tikseb suċċess u skop f'ħajjitha *(Metafora – għax ħadd ma jista' jnaqqar id-dlam. Tista' tnaqqar il-ħobż jew xi tip ta' ikel ieħor iżda d-dlam le).*

Referenza għall-Bibbja

**<u>Mistoqsija Retorika:</u>** tgħid baqa' nies illum il-ġurnata li minkejja l-għawġ u x-xkiel kollu li jinqala', xorta jagħmlu li jistgħu biex jirnexxielhom? Jew forsi iktar jagħżlu li jitgħażżnu għax minflok li jħarsu lejn ir-realtà bħala sfida, jagħżlu li jaċċettaw is-sitwazzjoni kif inhi, mingħajr ma jippruvaw jagħmlu xejn dwarha?

Nike hi l-alla Griega li tirrappreżenta l-vittorja. Kahlo ġiet indirizzata f'isimha, għax ħarġet ta' rebbieħa. Minkejja li għamlet xhur sħaħ fis-sodda minħabba l-inċident li kellha, sabet l-arti u minn hemm, bdiet tpinġi u rnexxielha tikseb suċċess bħala artista.

## Il-metrika

- ✓ Poeżija moderna
- ✓ Mingħajr rima
- ✓ Strofi u versi ħielsa
- ✓ Poeżija Didattika: trid tgħallem lill-qarrejja sabiex qatt ma jaqtgħu qalbhom.

# Notturn (lil Vincent Van Gogh)

ta' Kevin Saliba

Is-sitt lezzjoni

# Il-pjan tal-lezzjoni

**Is-silta letterarja:** 'Notturn (lil Vincent Van Gogh)' ta' Kevin Saliba.

**L-iskaluna:** Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari.

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- jitrawmu ftit fuq l-artist Vincent Van Gogh;
- jitgħallmu dwar l-effett li jħalli t-terminu 'Anadiplosi';
- jiffamiljarizzaw ruħhom mat-test billi jabbinawh mal-opinjonijiet u l-esperjenzi personali tagħhom.

**Ir-riżorsi:** preżentazzjoni diġitali (powerpoint) dwar il-poeżija; il-pittura u l-artist; nota għall-istudenti dwar l-artist; nota dwar il-pittura u nota dwar il-poeżija; karti tat-taħriġ; karta għal taħriġ fi gruppi u karta tat-taħriġ għal xogħol b'mod individwali.

**L-iżvilupp:**

*L-introduzzjoni*: L-għalliema se tibda l-lezzjoni billi titfa' l-mużika ta' tip 'Notturn' u turihom stampa tal-lejl. Wara, l-għalliema se tistaqsihom x'emozzjonijiet qanqlulhom il-mużika u r-ritratt. Wara se tistaqsihom xi jfisser il-lejl għalihom.

*It-tieni pass:* L-għalliema se tagħti definizzjoni tal-kelma 'notturn' u se tispjega li s-silta mużikali li semgħu hi wkoll ta' notturn għax hi silta dwar il-lejl. Wara, l-għalliema se tipproġetta l-pittura 'Starry Night' ta' Vincent Van Gogh u se tispjega li anke din hi 'Notturn' għax hi xena li tirrappreżenta l-lejl.

*It-tielet pass:* L-għalliema se taqsam lill-istudenti fi gruppi u se tqassmilhom il-karta tat-taħriġ. Flimkien bħala grupp, l-istudenti jridu janalizzaw il-pittura u jniżżlu xi punti dwarha.

*Ir-raba' pass:* Se ssir diskussjoni ta' xi ntqal u x'kiteb kull grupp. Wara, l-għalliema se tagħtihom ftit informazzjoni dwar l-artist Vincent Van Gogh u ftit informazzjoni dwar

il-pittura. Din se sservi bħala introduzzjoni għall-poeżija 'Notturn (lil Vincent Van Gogh)' ta' Kevin Saliba.

*Il-ħames pass:* L-għalliema se tqassam il-poeżija 'Notturn (lil Vincent Van Gogh)' lill-istudenti. L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti jħarsu lejn it-titlu u jgħidulha dwar xiex jaħsbu li se titratta l-poeżija mill-ewwel lemħa lejn it-titlu. Dan se jagħmluh permezz tal-informazzjoni mgħoddija dwar it-tifsira ta' 'notturn' kif ukoll mit-tagħrif mgħoddi dwar l-artist Van Gogh u l-pittura tiegħu. Wara, l-għalliema se tqabbad student sabiex jaqra l-poeżija fil-klassi. Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsihom x'fehmu mill-poeżija u dwar xiex jaħsbu li qiegħda titkellem.

*Is-sitt pass:* L-għalliema se tispjega t-tifsira tat-terminu 'Anadiplosi'. Wara, se titlob lill-istudenti sabiex jingħaqdu f'pari u flimkien ifittxu jekk hemmx xi tip ta' 'Anadiplosi' fil-poeżija. Huma jridu jaraw ukoll x'effett qiegħda tħalli. Dan se jsir sabiex l-istudenti jagħrfu li l-poeta qiegħed jagħmel ħafna enfasi fuq kemm trid tħobb il-lejl għax ma hemm xejn isbaħ minnu.

*L-għeluq*: L-għalliema se terġa' tipproġetta l-pittura 'Starry Night' ta' Van Gogh u se tistaqsi lill-istudenti:

- X'konnessjoni hemm bejn il-pittura 'Starry Night' u l-poeżija ta' Kevin Saliba?

  Din il-mistoqsija se tgħinhom jirriflettu fuq kemm il-qari tal-pittura hu viċin tal-qari tal-poeżija. Id-dawl safrani tal-pittura fid-dalma tal-lejl qiegħed juri t-tama u s-sabiħ tal-ħajja anke fl-iktar mumenti kiefra. Min-naħa l-oħra, Saliba jgħidilna li trid tidra tħobb il-lejl, il-lejl tas-skiet għax dak biss jista' jagħtik wens, meta għad tintebaħ kemm inti waħdek. Għalkemm ma tantx kellu ħajja sabiħa, il-lejl kien ta' wens għall-pittur Van Gogh u kien jispirah sabiex ipitter mela kien iferrħu. B'mod simili, Saliba jurina kemm għandna napprezzaw il-lejl, għax hu pjuttost il-lejl li jgħinek tirrifletti u tagħraf is-sabiħ tal-ħajja, mela hu dak li jista' jsabbrek, anke fl-iktar mumenti diffiċli.

**Ix-xogħol fil-klassi**: karti tat-taħriġ

**Ix-xogħol għad-dar**: L-istudenti jridu jiktbu 80-100 kelma fuq x'inhu l-lejl għalihom. Fil-lezzjoni ta' wara wħud mill-kitbiet se jiġu diskussi biex b'hekk, jagħrfu li bħalma qal il-poeta Kevin Saliba, il-lejl hu differenti għal kulħadd; mhux kulħadd iħares lejh bl-istess mod.

## *Notturn* (lil Vincent Van Gogh)

*ta' Kevin Saliba*

*"I often think that the night is more alive and more richly coloured than the day"* – Vincent Van Gogh).

Ma hawn xejn isbaħ mil-lejl.

Mhux dak tas-Sibt fl-għaxija
tal-ġenn u l-fratterija,
lanqas il-lejl tal-irqad
li jtir qisu ma kien qatt.

Iżda lejn inin bil-mod
fis-skiet jittektek jirtogħod,
ilbieraħ ilu li għadda
u l-għodwa għadha 'l bogħod.

Eh, trid tħobbu l-lejl
għax il-lejl hu x-xejn
u x-xejn huwa l-baħħ
u l-baħħ huwa l-lejl.

U trid tidra tixbhu l-baħħ
għax dak biss jista' jsabbrek
meta għad taħbat tintebaħ
kemm tabilħaqq int waħdek.

Il-pittura *'Starry Night'* ta' Vincent Van Gogh.



## Hares ftit lejn din il-pittura u niżżel ftit punti dwarha:



*Punti li jistgħu jgħinuk:*

- X'qiegħed/qiegħda tara f'din il-pittura?
- Analizza l-użu tal-kulur.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

**Riflessjoni**: Xi jfisser il-lejl għalik?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________

# 'Notturn'

## ta' Kevin Saliba



**Mimdudin**

2 Bħalma prova juri l-artist Van Gogh fil-pittura 'Starry night', Saliba fil-poeżija 'Notturn' qiegħed juri li anke fl-iktar mumenti diffiċli jew koroh tista' ssib il-paċi, dik il-ftit kuntentizza u s-sors ta' ___________ fil-ħajja. Mela anke fl-iktar mumenti diffiċli, jekk tidra tħobb il-lejl, tagħraf kemm jista' jagħtik wens, għax il-lejl u l-ħemda li jġib miegħu, joffri lill-individwu spazju fejn jista' jirrifletti u jaħseb, u hemm jagħraf isib lilu nnifsu u l-pożittività' f'ħajtu.

4 Notturn hi poeżija dwar il-___________.

5 Għall-artist, il-lejl kien jarah iktar _______ mill-ġurnata u dan jidher sew mit-teknika artistika tiegħu li kienet tagħti l-ħajja lill-pitturi tiegħu.F'din il-poeżija hemm enfasi qawwi fuq il-lejl.

6 Il-poeta Kevin Saliba f'din il-poeżija ispira ruħu mill-artist _________________.

**Weqfin**

1 Il-poeta fetaħ il-poeżija tiegħu bl-użu tal-____________ (v1), fejn qal li 'Ma hawn xejn isbaħ mil-lejl'.

3 Saliba kompla jagħmel enfasi fuq is-sbuħija tal-lejl bit-teknika tal-_______________ (vv10-13). Il-poeta jgħid li l-lejl hu x-xejn jew il-baħħ u trid tidra tixbħu għax dak biss jista' jsabbrek meta tagħraf kemm inti waħdek fil-ħajja.

# Viżjoni

ta' Maria Grech Ganado

Is-seba' lezzjoni

# Il-pjan tal-lezzjoni

**Is-silta letterarja:** 'Viżjoni' ta' Maria Grech Ganado.

**L-iskaluna:** Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari.

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jitgħallmu fuq il-poetessa Maria Grech Ganado. Dan se jwassalhom sabiex ikunu jistgħu jifhmu l-poeżija 'Viżjoni' aħjar.
- Jitrawmu ftit fuq l-artist Raymond Pitrè u l-istil artistiku tiegħu.
- Jagħrfu li m'hemmx qtugħ bejn il-pittura u l-poeżija, ladarba l-poetessa kitbet b'ispirazzjoni minnha.
- Jifhmu s-sentimenti u l-ħsibijiet tal-poetessa.

**Ir-riżorsi:** Preżentazzjoni diġitali dwar il-poeżija; il-poeta u l-artist għall-istudenti. Karti tat-taħriġ.

**L-iżvilupp:**

*L-introduzzjoni:* L-għalliema se tibda l-lezzjoni billi tintroduċi lill-istudenti mal-artist Malti Raymond Pitrè. Wara li turihom xi xogħlijiet minn tiegħu, se tipproġetta l-pittura 'The Melting Man'.

*L-ewwel pass*: L-għalliema se tgħid lill-istudenti li l-poetessa Maria Grech Ganado ispirat ruħha minn din il-pittura ta' Pitrè u kitbet poeżija dwarha. Wara, l-għalliema se tagħtihom ftit informazzjoni dwar il-poetessa.

*It-tieni pass*: L-għalliema se tqassam lill-istudenti l-ewwel karta tat-taħriġ dwar il-pittura. L-istudenti se jingħaqdu f'pari u flimkien se jiddiskutuha. Wara se tifforma diskussjoni fil-klassi fejn xi wħud se jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.

*It-tielet pass:* L-għalliema se tikteb il-kelma 'viżjoni' fuq il-bord. Se tara x'jifhmu b'din il-kelma u wara tistaqsihom:

- Taħsbu li hemm xi rabta bejn il-kelma 'viżjoni' u dak li hemm fil-pittura?

*Ir-raba' pass:* L-għalliema se tipproġetta l-pittura 'The Melting Man' ta' Raymond Pitrè fuq il-bord interattiv. Se tistaqsihom x'qegħdin jaraw fil-pittura u dwar xiex jaħsbu li tittratta. Wara, l-għalliema se tqassmilhom il-poeżija 'Viżjoni' ta' Maria Grech Ganado. L-għalliema se tistaqsihom dwar xiex jaħsbu li hi l-poeżija, ladarba din hi ispirata mill-pittura 'The Melting Man'.

*Il-ħames pass*: L-għalliema se tqabbad lil xi student sabiex jaqra l-poeżija mill-preżentazzjoni diġitali. L-istudenti wara l-qari huma mistennija li jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar x'jaħsbu li tittratta l-poeżija.

*Is-sitt pass:* L-istudenti se jerġgħu jaqraw il-poeżija b'mod individwali. Wara se jingħaqdu f'pari u flimkien se janalizzaw il-poeżija.

*Is-seba' pass:* L-għalliema se titlobhom jerġgħu jħarsu lejn il-pittura 'The melting man'. Se tistaqsihom:

- X'hemm komuni bejn il-pittura u l-poeżija? Dan se jsir sabiex l-istudenti jifhmu l-poeżija aħjar, ladarba l-poeżija hi miktuba dwar pittura partikolari.

*It-tmien pass:* L-għalliema sa tagħtihom iktar informazzjoni dwar il-poeżija fuq preżentazzjoni diġitali. Wara l-istudenti se jingħataw karta tat-taħriġ dwar l-interpretazzjoni tal-poeżija. Wara se tiġi kkoreġuta fil-klassi.

*L-għeluq*: L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

- Mir-raġel jinħall li pitter Raymond Pitrè u minn dak li qrajna fil-poeżija ta' Ganado, x'taħsbu mill-versi 'qed twiegħed twelid mill-ġdid f'idejk' u 'għal sekonda ma' xuxtek leħħet tama meħlusa minn xufftejk'?
- Taħsbu li l-poetessa għad baqgħalha tama jew din hi biss viżjoni?

**Ix-xogħol fil-klassi:** Karti tat-taħriġ

**Ix-xogħol għad-dar:** Jiktbu mitt kelma dwar l-interpretazzjoni tagħhom tal-poeżija 'Viżjoni'. L-istudenti iridu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.

## **Viżjoni** (imnebbħa minn kwadru ta' Ray Pitrè)

*ta' Maria Grech Ganado*

Ilmaħtek fjamma mlewna mis-seba' sema
dawlek ileqq ma' qalbi wisq imdallma -
rajtek iddur u stħajjiltek ħielsa tiżfen
għodwa qed twiegħed
twelid mill-ġdid f'idejk.

Rajtek, anġlu mingħajr mistrieħ tinħall,
tissielet ma' xibka mwiegħra rajtek
tiżfen imriegħed l-ilwien jissiebħu
u x-xemx tinġibed minn ġod-dlam
sa ħdejk ...

Ilmaħtek anġlu ddur maqbud ġo fjamma
u għal sekonda ma' xuxtek leħħet tama
meħlusa minn xufftejk...

*Mill-ktieb "Taħt il-kappell t'għajnejja" ta' Maria Grech Ganado*

## 'The Melting Man'

*ta' Ray Pitrè*



1. X'qiegħed/qiegħda tara f'din il-pittura?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

2. X'emozzjoni taħseb li qiegħda turi?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

3. X'taħseb mill-użu tal-kulur?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

# Raymond Pitrè u l-ħajja artistika tiegħu

## ( 1945 - /  )

1

Jiena twelidt fl-1945 u noqgħod Ħal Balzan.

2

L-arti minn dejjem kienet parti kbira minn ħajti, però, minbarra l-karriera ta' artist, għamilt xi żmien pulizija wkoll.

Inħobb nikteb il-poeżiji u ktibt anke novelli.

3

Urejt xogħli f'ħafna pajjiżi differenti fosthom: Pariġi, New York, Londra, Berlin, Palermo u Tripli fis-snin tmenin.

4

5

Il-pitturi tiegħi huma espressivi ħafna. Bdejt billi npinġi b'mod tradizzjonali iżda maż-żmien żviluppajt l-istil tiegħi u llum il-ġurnata ixaqleb iktar lejn dak modern.



Pittirt f 'ħafn a po stijiet fosthom: is-saqa f tal-knisja ta' San Ġużè pp tal-Ims ida, 'Villa Mdina' fin-Na xxar, fil-'Corinthia Hotel' u l-'Herita ge Malta'. Fis-sebgħinijiet iddisin jajt ukoll il-bolol ta' Malta.

6

Nagħmel kemm skultura kif ukoll pittura. Jiena avventuruż ħafna u nuża ħafna materjal differenti fosthom il-plastik, il-ħadid u d-drapp.

7

8

Kważi kull biċċa xogħol artistika li nagħmel tkun tqanqal emozzjoni għal min jaraha. L-arti tiegħi hi espressiva ħafna.

# Xi xogħlijiet Ta’ Raymond Pitrè



‘Mother’, 1966



‘rods’, Raining,



Head of a girl, 1983



‘Dr. Giorgio Borg Olivier’,
Prim Ministru ta' Malta



‘Landscape’, 1962

## Il-poetessa Maria Grech Ganado

Jiena minn Ħal Lija u twelidt fl-1943.

Studjat fl-Università ta' Malta, kif ukoll f'Cambridge u Heidelberg.

Għandi tlett itfal: Xandru, Francesca u Louisa.
Kont l-ewwel mara li ħdimt bħala lettur fuq bażi ta' *full-time* fl-Università ta' Malta fl-1971.



Ktibt ħafna poeżiji kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Ħafna mix-xogħlijiet tiegħi jirriflettu l-ħajja personali li kelli mar-raġel tiegħi.

Uħud mill-poeżiji tiegħi juru wkoll l-ispirazzjonijiet li kelli minn sorsi mitoloiġiċi, mill-Bibbja u xogħlijiet letterarji li ltqajt magħhom.

Il-poeżiji tiegħi ġew ippubblikati f'rivisti famużi kemm fl-Ingilterra kif ukoll fl-Awstralja u xi poeżiji dehru f'pajjiżi bħall-Italja, Spanja, il-Litwanja u r-Repubblika Ċeka.

Minbarra l-antoloġija li ktibt, ktibt ukoll ''Fil-ħofra bejn Spallejha'', ''Iżda mhux biss'' u ''Skond Eva''.

L-istil tiegħi fil-poeżija hu dak modern. L-ironija tidher ta' spiss f'kitbieti.

# *Viżjoni*

*ta' Maria Grech Ganado*

Il-poeżija 'Viżjoni' ta' Maria Grech Ganado qiegħda titkellem dwar ____________ li fiha rat lir-__________ tagħha. Hu qiegħed jiġi mqabbel ma' ___________ u _____________. Il-poetessa tgħid li qalbha hi _______________ iżda fl-aħħar rat ftit _________________. It-____________ ġdid f'ħajjithom jiddependi minnu mela jekk hemm xi tama, hu jrid jagħtihielha.

Il-poetessa tagħtina l-idea li hemm xi ostaklu bejniethom u dan turih billi tpinġih _______________ ma' xibka mwiegħra. Din ix-xibka jista' jkun li qiegħda tirrappreżenta xi xkiel jew ostaklu li hemm fir-relazzjoni tagħhom u li qiegħed iżommhom 'il bogħod minn xulxin.

Ganado tagħtina l-impressjoni li r-raġel tagħha hu dgħajjef billi rrappreżentatu bħala raġel imwiegħer u anġlu mingħajr ________________. Minkejja dan, lejn l-aħħar Ganado tgħid li x-__________ inġibdet minn ġod-_____________ mela donnha ftit ____________ reġgħet feġġet fir-relazzjoni tagħhom iżda din kienet biss għal ftit tal-____________. Din it-tama nħelset minn _______________, mela wiegħda xi ħaġa hu stess, iżda kulma rat Ganado, kienet biss viżjoni. Bħalma r-raġel fil-pittura 'The Melting Man' ta' ____________________ hu rrappreżentat bħala bniedem li qiegħed jinħall, bl-istess mod, it-tama ta' Ganado qiegħda tisfaxxa fix-xejn.



# Il-Baruni

ta’ Achille Mizzi

It-tmien lezzjoni

# Il-pjan tal-lezzjoni

**Is-silta letterarja:** Il-baruni ta' Achille Mizzi

**L-iskaluna:** Isiru midħla tal-isfond skoriku u kulturali tat-test.

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

Jitrawwmu fuq il-moviment artistiku Rokoko kif ukoll fuq l-użu tal-pittura fi żmien fejn ma kiniux jeżistu r-ritratti.

Jagħrfu jużaw informazzjoni li tgħallmu sabiex jifhmu test ġdid.

Jidħlu fiż-żarbun tal-poeta sabiex jifhmu iktar il-kuntest tal-poeżija.

**Ir-riżorsi:** preżentazzjoni diġitali (powerpoint) dwar il-poeżija, pakkett ta' noti għall-istudenti.

**L-iżvilupp** :

*L-introduzzjoni:* L-għalliema se tibda l-lezzjoni billi tipproġetta l-pittura 'Antoon van Dyck' ta' Peter Paul Reubens. L-għalliema se titlob lill-istudenti sabiex josservaw il-pittura u se tistaqsihom:

- X'qegħdin taraw fil-pittura?
- X'karattru taħsbu li għandu?
- X'taħsbu li jrid jgħid bl-espressjoni ta' wiċċu?

L-istudenti se jwieġbu dawn il-mistoqsijiet f'forma ta' diskussjoni. Wara, l-għalliema se tispjega li qabel, fiż-żmien fejn il-fotografija ma kinitx teżisti, is-sinjuri kienu jqabbdu artist biex ipinġihom. Ħafna drabi, l-pittura kienet turi n-nobiltà u l-karattru tagħhom. L-għalliema se turihom xi eżempji ta' pitturi simili minn żminijiet differenti sabiex l-istudenti jifhmu iktar il-kuntest.

*It-tieni pass:* L-għalliema se tipproġetta ritratt ta' salott stil Rokoko fuq il-bord interattiv. Wara se tistaqsi lill-istudenti:

- X'qegħdin taraw f'dan ir-ritratt?
- Ta' min taħsbu li hu dan is-salott?

Wara li l-istudenti jwieġbu dawn il-mistoqsijiet, l-għalliema se tagħtihom ftit informazzjoni dwar il-moviment artistiku Rokoko li kien affettwa kemm l-arti kif ukoll l-istil ta' ħajja.

*It-tielet pass*: L-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-ewwel żewġ strofi tal-poeżija filwaqt li se tħalli l-pittura ta' Reubens ipproġettata fuq il-bord interattiv waqt il-qari. Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsihom:

- Minn dak li ddiskutejna dwar iż-żmien Rokoko u dwar il-pittura, x'taħsbu li jfissru dawn iż-żewġ strofi?

Wara li l-istudenti jwieġbu din il-mistoqsija u l-għalliema se tagħti ċans lill-istudenti sabiex joħorġu bl-interpretazzjonijiet tagħhom, l-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-poeżija kollha. Wara, l-għalliema se titlobhom jaħdmu l-ewwel attività mill-pakkett tan-noti b'mod individwali. Wara, l-istudenti se jaqsmu ma' sħabhom l-interpretazzjoni tal-poeżija.

*Ir-raba' pass:* L-għalliema se tipproġetta vv. 29-31 fuq il-bord interattiv. L-għalliema se titlobhom jaqrawha f'qalbhom. Wara, l-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-poeżija. Wara, l-għalliema se titlobhom jingħaqdu f'pari u se jaħdmu t-tieni attività mill-pakkett tan-noti. Kif ilestu, l-istudenti se jaqsmu ma' sħabhom l-interpretazzjoni tagħhom.

*L-għeluq:* L-għalliema se tipproġetta vv. 32-37 fuq il-bord interattiv. Se tistaqsihom:

- X'taħsbu minn dawn il-versi?
- Ġieli esperjenzajtu xi ħaġa simili ta' din il-poeżja? (eżempju li l-għalliema tista' tagħti: Ġieli ġratilkom li fil-familja jkollkom xi rwol u ilu jsir għal għexieren ta' snin, eżempju familja li n-negozju ilha magħha tul is-snin u waqa' fuqkom u intom għandkom ħolma/xewqa differenti? X'tagħmlu kieku? Kif tirreaġixxu għaliha?)
- Kieku kontu minflok il-'pro-neputi' (v. 13), x'kontu tagħmlu?

Se tifforma diskussjoni.

## Il-Baruni

ta’ Achille Mizzi

mill-ktieb *Eklissi Perpweti* ta’ Achille Mizzi

Sekli sħaħ

kien ilu l-baruni

impastat ġol-inkwadru,

ġo tila u gwarniċ

jara l-għabra tinqabad

fl-imrieżaq tax-xemx.

Ħarstu mżarġna ta’ nobbli

u xufftejh mibrumin

qishom qaws

jifirxu dominju

fuq salott

stil rokoko.



Salott stil Rokoko

Meta azzarda l-proneputi

iċaqlaq

biċċa għamara minn postha

ħareġ idu mill-inkwatru

il-baruni …

ħareġ idu minn ġos-sekli

u tah daqqa

ta’ ħarta

bħallikieku ried ifakkru
f'dak li nħossu f'għadamna
minn dejjem …
li l-passat ghadu mana
bħal dell ;
negattiva li tiqliel
saħansitra
jekk jisfar ir-ritratt u jiċċappas.

Xejn ma jisċentra
li hemm miktub miktub…
minn ewliemes.

U dak li ħolmot xi darba razzitna
għadu jnebbet
u jxekkel
bħall-alka
ġol-akkwarju
taż-żmien.



Pittura ta' Peter Paul Reubens 'Antoon van Dyck'



Xogħol f'pari: Ejjew nirriflettu ftit flimkien!

**Minn dak li osservajtu fl-ewwel żewġ strofi u minn dak li qrajtu fil-kumplament tal-poeżija, dwar xiex taħsbu li titratta din il-poeżija?**





**Ħin ta' riflessjoni:** **Minn dak li analizzajtu u osservajtu tul il-lezzjoni, x'tifhmu b'versi vv. 29-31? Niżżlu punti dwar l-opinjonijiet u l-interpretazzjonijiet tagħkom.**



# Ħelsien

ta' Abigail Attard

Id-disa' lezzjoni

# Il-pjan tal-lezzjoni

**Is-silta letterarja:** Ħelsien ta' Abigail Attard

**L-iskaluni :**

1. Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari.
2. Jużaw b'għaqal it-terminoloġija addattata meta jiġu biex japprezzaw xi test letterarju.

**L-għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni l-istudenti se:

- Jevalwaw it-ton tal-poeżija
- Jiskopru l-volta fil-poeżija
- Jidħlu fiż-żarbun tal-persuna fil-poeżija

**Ir-riżorsi:** Preżentazzjoni diġitali (powerpoint) dwar il-poeżija, pakkett ta' noti għall-istudenti.

**L-iżvilupp :**

*L-introduzzjoni*: L-għalliema se tibda l-lezzjoni billi tintroduċi lill-istudenti mal-artista u l-poeta Abigail Attard. Dan se jgħinhom sabiex jifhmu iktar l-istil tal-kitba tagħha.

*It-tieni pass:* L-għalliema se tipproġetta l-pittura 'Ħelsien' fuq il-bord interattiv. Se tistaqsi lill-istudenti:

- X'qegħdin taraw fil-pittura?

F'dan il-ħin l-istudenti se jagħtu l-ewwel interpretazzjonijiet tagħhom u se tifforma diskussjoni. Wara, l-istudenti se jaħdmu f'pari l-ewwel attività mill-pakkett tan-noti fejn se jidħlu iktar fid-dettall fl-analiżi tal-pittura.

*It-tielet pass:* L-għalliema se titlob lill-istudenti sabiex kull grupp jaqsam mal-klassi dak li kiteb. Se tifforma diskussjoni mill-interpretazzjonijiet li taw l-istudenti dwar il-pittura. Wara, l-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-poeżija. Wara, l-għalliema se tistaqsihom:

- Il-pittura li rajtu l-ewwel inkitbet direttament dwar din il-poeżija. Minn dak li rajtu fil-pittura u minn dak li fhimtu mill-poeżja, dwar xiex taħsbu li titratta l-poeżija?

L-istudenti se jagħtu l-ewwel interpretazzjonijiet tagħhom tal-poeżja.

*Ir-raba' pass:* L-għalliema se titlob lill-istudenti sabiex jaqraw l-ewwel tlett strofi f'qalbhom. Wara se tistaqsihom:

- Erġgħu ħarsu lejn il-pittura. Minn dak li qrajtu fl-ewwel tlett strofi, min taħsbu li qiegħed jitkellem fil-poeżija?
- Dwar xiex qiegħda titkellem il-poetessa?

*Il-ħames pass:* Wara li l-istudenti jwieġbu dawn il-mistoqsijiet, l-għalliema se tqabbad lil xi ħadd sabiex jaqra r-raba' strofa. Wara se tistaqsihom:

- X'ton qiegħed jintuża fil-poeżija?
- X'differenza qegħdin taraw mill-ewwel tlett strofi għal din l-istrofa?
- Erġgħu ħarsu lejn il-pittura, taħsbu li hemm differenza bejn il-ħajja ta' ġewwa t-torri għall-ħajja li hemm barra t-tieqa?

Wara li l-istudenti jwieġbu dawn il-mistoqsijiet, l-għalliema se tistaqsihom:

- Meta l-poeżija filli għandha ton negattiv u filli teqleb fuq ton pożittiv hemm terminu letterarju li jirrappreżenta dan l-istil ta' kitba. X'taħsbu li jissejjah?

*Is-sitt pass*: L-għalliema se tqabbad lil student sabiex jaqra l-ħames strofa. Wara se tistaqsi lill-istudenti:

- X'taħsbu li qed jiġri f'din l-istrofa?
- X'ton qiegħed jintuża?

Wara li l-istudenti jwieġbu dawn il-mistoqsijiet, l-għalliema se titlob lill-istudenti sabiex jerġgħu jaqraw il-poeżija f'qalbhom u din id-darba jiffukaw fuq il-ħames u s-sitt versi. Wara se tistaqsihom:

- X'taħsbu li ġara issa fil-poeżija?

L-istudenti se jagħtu l-interpretazzjonijiet tagħhom.

*Il-ħin ta' riflessjoni :* L-istudenti se jaħdmu t-tieni attività mill-pakkett tan-noti fejn se jpinġu bħal *cardiogram* skont it-ton tal-poeżija kif ivarja minn strofa għall-oħra. Fl-istess attività l-istudenti jridu jagħtu l-opinjoni tagħhom dwarha u kif it-ton qiegħed jaffettwa fil-poeżija.

*L-għeluq*: L-għalliema se tipproġetta l-aħħar strofa tal-poeżija fuq il-bord interattiv. L-għalliema se tistaqsihom:

- Minn dak li osservajtu s'issa u minn dak li ktibtu fl-aħħar attività, xi tgħiduli fuq l-aħħar storfa?
- X'taħsbu li ġara?

Wara l-interpretazzjonijiet tat-tfal, l-għalliema se tgħidilhom li din il-poeżija l-poetessa kitbitha dwar ħabib li kellha. Il-persuna fit-torri kien il-ħabib tagħha u l-ħolma li kellu kienet li jkun kuntent u jagħraf iħobb lilu nnifsu. Għalkemm kienet diffiċi għalih, fl-aħħar irnexxilu jagħmilha. Din il-poeżija inkitbet biex twassal messaġġ li fil-ħajja għalkemm xi kultant is-sitwazzjoni tkun diffiċli, jekk nippruvaw, jirnexxielna. L-għalliema se tgħid lill-istudenti sabiex jiffukaw fuq l-aħħar vers 'GHAX IRXUXTAJT JIENA' u se tistaqsihom :

- La l-aħħar vers hu miktub b'ittri kapitali, mela l-poetessa riedet tagħmel enfasi qawwi fuq il-fatt li l-persuna 'rxuxtat'. Għalfejn taħsbu li 'rxuxtat'? X'taħsbu li ġara?

L-istudenti se jwieġbu dawn il-mistoqsijiet f'forma ta' diskussjoni.

**Ix-xogħol għad-dar:** Jaħdmu l-aħħar attività mill-pakkett tan-noti.

## Ħelsien
*ta' Abigail Attard*

Hemm fil-għoli għoli,
daħna kbira u sewda
w għeluq kbir.
Kantun u ċnagen
wieħed fuq l-ieħor,
u għoli hemm kien kalzrati.

Indur ġo dik id-dalma
għalkemm dak l-għoli,
ġo dik in-naqra,
hemm kont indur.
Nifqa' moħħi,
niġġennen, nitħasseb,
moħħi nkisser,
mifqugħ b'dal-ħsibijiet.
Bħal ġebla titrabba ma' ġismi,
u jiena ndur u ndur
sakemm maż-żmien,
jibda jitmermer,
minn miegħi jinħall,
u nersaq lejn dik it-tieqa ċkejkna.



Ċkejkna,
imm'hemm tara dinj'oħra.
Dawl biss u ħdura.
Ma tibqax tisma'
dawk in-nies jgħajjtu u jgedwdu
ġo ħsusi.
Nibda nosserva u nilmaħ 'il
bogħod
sal-inqas farka u kantuniera....

Nibda nisma' l-baħar jiċċaqlaq
ma' żiffet ir-riħ,
dak il-ħlejju t'għanjtet l-għasafar
u dik is-saħna fuq ġismi
b'raġġet ix-xemx
li tilqani u tilqotni fuq wiċċi u
spallti
biex tagħtini d-dawl.
Dawlet it-tama,
li xi darba għad nitwaħħad
magħhom
u noħroġ minn hawn ġew.





Iżda nerġa' lura,
pass lura,
għax lesta miniex
u nerġa nibda ndur u ndur
ġo dik id-dalma
forsi did-darba ninħall minn
dawk l-ilħna
u mit-tieqa 'l isfel naqbeż
għal ġo dak l-ilma
hekk frisk,
li jsaffini
u jnessini,
u hemm bħal tarbija,
nibda nħares madwari
w nara kollox b'mod ġdid.



Nersaq lejn ġildet il-ġmiel ta' ħut
ileqq
u riħa tfuħ u ħmura ta' ward,
bħal dik il-ħdura u s-sbuħija
tan-natura twaħħdet miegħi.

U minn hemm,
irħejtha lejn raħli,
sabiex nurihom
dik il-persuna b'saħħitha
bi tbissima fuq fommha,
lesta biex tibni dinj'oħra.
Dik il-persuna friska u ġdida,
mneżża' mill-ġebel u l-ilħna,
GĦAX IRXUXTAJT JIENA !



## Abigail Attard

## (1994 - / )



Jiena twelidt fl-1994 u noqgħod ir-rabat. Jiena npitter kif ukoll nikteb il-poeżiji. 1

Minn dejjem kont inpinġi iżda bdejt nitgħallem l-arti bis-serjetà meta kelli tnax-il sena. 2



Fit-27 ta' Mejju 2017, għamilt esibizzjoni bit-titlu ta' *Spektrum* ġewwa l-mużew Marittimu tal-Birgu fejn għaqqadt l-installazzjoni mal-poeżiji li ktibt jiena stess. 3

Togħġobni ħafna il-filosofija u din taffettwani ħafna fil-mod ta' kif nikteb u s-suġġetti li nagħżel biex niskultura jew inpinġi. 4





Inħobb ninqeda bl-arti jew bil-poeżija sabiex inwassal xi messaġġ partikolari lis-soċjetàà. 5



# Ħelsien

Pittura u poeżija ta' Abigail Attard



**Xi punti li jistgħu jgħinuk:**

- ✓ X'qiegħed/a tara fil-pittura?
- ✓ X'hemm ġewwa l-bini u x'emozzjonijiet taħseb li hemm?
- ✓ X'qieħed/a tara 'il barra mit-tieqa?

**Ħares sew lejn il-pittura u analizzaha. Wara, niżżel xi noti dwarha.**

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

Aqra l-poeżija u analizza t-ton tal-poeżija li minn strofa għall-oħra ġieli jvarja. Wara, uri l-mod ta' kif ivarja t-ton billi għal kull strofa timmarka grad fuq din it-tabella t'hawn taħt permezz ta' linji. L-ewwel eżempju hu lest.




Ikkummenta dwar it-ton użat fil-poeżija. X'taħseb dwar ir-riżultat ta' din it-tabella?

Imla l-kaxxi vojta bi kliem li jinsabu fil-poeżija li taħseb li huma relatati ma' dawn il-partijiet tal-pittura.



Immaġina li kieku inti kont minflok il-persuna fit-torri, ikteb nota fejn se tiddeskrivi l-esperjenza tiegħek u x'ġiegħlek tipprova titwaħħad man-natura u titwieled mill-ġdid.



# Il-ħames kapitlu

## L-analiżi tar-riċerka

## 5.1 L-għażla tal-kampjuni għar-riċeka tiegħi

Għalkemm kont limitata minħabba ż-żmien, xorta irnexxieli nagħżel għalliema minn skejjel differenti sabiex jipparteċipaw f'din ir-riċerka. Dan hu importanti għalija ħalli nosserva jekk għalliema minn skejjel differenti, ikollhomx opinjonijet u fehmiet differenti.

### *5.1.1 L-għażla tal-għalliema li se jagħtuni feedback dwar il-proġett Poe-Pittura*

L-għalliema li għażilt biex jagħtuni feedback dwar ir-riżorsi, tnejn minn tmien għalliema huma għalliema b'esperjenza ta' iktar minn għaxar snin fil-qasam tat-tagħlim, tlieta minn tmien għalliema għandhom bejn tlieta u erba' snin t'esperjenza bħala għalliema u tlieta minn tmien għalliema għandhom sena biss esperjenza. Għamilt din l-għazla ħalli nara għalliema b'esperjenzi differenti kif jaħsbuha dwar din il-pedagoġija, għax it-tagħlim ivarja matul is-snin. Min gradwa għaxar snin ilu mill-Università bħala għalliem, aktarx kellu tagħlim u prattika differenti, għalkemm hemm probabbiltà li bħala għalliema addattaw ruħhom maż-żmien, speċjalment illum il-ġurnata (2017) fejn it-teknoloġija bosta drabi hi integrata bis-sħiħ waqt il-lezzjonijiet.

Għamilt din it-tip ta' għażla wkoll għax naf li fil-maġġoranza tal-għalliema li gradwaw dawn l-aħħar ħames snin, minn dak li osservajt waqt it-taħriġ prattiku fl-iskejjel, l-għalliema miftuħa għall-bidla, mod li kien ferm differenti mill-pedagoġija t'għalliema li għandhom ħafna esperjenza bħala għalliema. Ladarba din ir-riċerka hi kwalitattiva u se niġbor il-*feedback* dwar ir-riżorsi minn tmien għalliema, dan se jkun biss kampjun, u ma jistax ikolli riżultat definit dwar hemmx differenza fl-opinjonijiet, is-suġġerimenti u l-ideat ta' għalliema b'esperjenzi differenti fil-qasam tat-tagħlim, għax kull għalliem hu differenti u għandu pedagoġija differenti u minn kampjun ta' tmien għalliema, ma tantx tista' tikseb riżultat definit.

Għażilt li jkolli wkoll għalliema b'esperjenza ta' iktar minn għaxar snin, għax nemmen li bl-esperjenza tagħhom jistgħu jagħtuni *feedback* u suġġerimenti tajbin dwar kif nista' ntejjeb il-pedagoġija tiegħi, u x'jaħdem u ma jaħdimx mal-istudenti.

| L-għalliema li tawni *feedback* dwar ir-riżorsi b'persentaġġi skont l-iskola li jgħallmu fiha | |
|---|---|
| **Għalliema fi skola tal-istat** | 62.5% |
| **Għalliema fi skola tal-knisja** | 25% |
| **Għalliema fi skola tal-privat** | 12.5% |

*Tabella 6: L-għalliema li tawni feedback dwar ir-riżorsi*

Għażilt għalliema minn skejjel differenti sabiex jagħtuni *feedback* dwar il-proġett *Poe-Pittura* ħalli nara jekk il-mod ta' kif jaħsbuha dwar din il-pedagoġija tvarjax bejn għalliema li jgħallmu fi skejjel differenti: minn dawk tal-Istat, tal-Knisja u tal-Privat.

Għamilt distinzjoni bejn 'għalliem' u 'għalliema' ħalli nara jekk is-sess jaffettwax l-opinjonijiet tal-għalliema. Tlett għalliema minn tmienja kienu rġiel u l-kumplament kienu nisa.

### *5.1.2 L-għażla tal-għalliema li tawni feedback waqt li osservaw il-lezzjonijiet li wettaqt jiena mal-istudenti*

Bħala skejjel għażilt tnejn tal-Knisja u fihom wettaqt żewġ lezzjonijiet filwaqt li l-għalliema ta' kull klassi osservat il-lezzjoni tiegħi u tatni *feedback* dwar il-pedagoġija, Il-lezzjoni u l-proġett *Poe-Pittura*.

| Il-mod ta' kif se nirreferi għall-għalliema li osservawni waqt il-lezzjonijiet li Wettaqt | |
|---|---|
| **Għalliema Ċ** | Lezzjoni : 'Viżjoni' ta' Maria Grech Ganado |
| **Għalliema D** | Lezzjoni: 'Frida Kahlo' ta' Abigail Attard |

*Tabella 7: Il-mod ta' kif se nirreferi għall-għalliema li osservawni waqt il-lezzjonijiet li wettaqt*

### *5.1.3 L-għażla tal-għalliema li għamlu lezzjoni huma mir-riżorsa Poe-Pittura*

Il-lezzjonijiet saru minn żewġ għalliema f'żewġ skejjel differenti tal-Knisja.

| **Il-mod ta' kif se nirreferi għall-għalliema li wettqu l-lezzjonijiet mill-antoloġija *Poe-Pittura*** | |
|---|---|
| **Għalliema A** | Lezzjoni: 'Notturn' ta' Kevin Saliba |
| **Għalliema B** | Lezzjoni: 'Frida Kahlo' ta' Abigail Attard |

*Tabella 8: Il-mod ta' kif se nirreferi għall-għalliema li wettqu l-lezzjonijiet mill-antoloġija Poe-Pittura*

### *5.1.4 L-evalwazzjonijiet personali tal-lezzjonijiet*

| **Il-mod ta' kif se nirreferi għall-evalwazzjonijiet li għamilt jiena fl-iskejjel** | |
|---|---|
| **Għalliema** | **Il-lezzjoni** |
| **Għalliema Ċ** | Il-poeżija 'Viżoni' ta' Maria Grech Ganado fi skola tal-knisja |
| **Għalliema D** | Il-poeżja 'Frida Kahlo' ta' Abigail Attard fi skola tal-knisja |

*Tabella 9: Il-mod ta' kif se nirreferi għall-evalwazzjonijiet li għamilt jiena fl-iskejjel*

## 5.2 L-għanijiet tar-riċerka

Jiena ħloqt kemm pedagoġija u użajtha mal-istudenti u għalliema oħra għamlu użu minnha mal-istudenti tagħhom, kif ukoll għamilt pakkett ta' riżorsi u tmien għalliema tawni *feedback* dwaru. Ir-riċerka tiegħi ddur fuq kemm jekk il-pedagoġija hix tajba kif ukoll jekk ir-riżorsi humiex utli għal-lezzjonijiet tal-poeżija. B'din ir-riċerka, l-għanijiet li xtaqt li nilħaq huma dawn:

| L-għodda li ħloqt | L-għanijiet li nixtieq li jintlaħqu permezz ta' din ir-riċerka. |
|---|---|
| **L-integrazzjoni tal-arti tgħin fit-tagħlim tal-poeżja.** | L-arti tgħin biex tiffaċilita t-tagħlim tal-poeżija lill-istudenti, speċjalment għall-iktar student batuti.<br>Lezzjonijiet interessanti li jistimulaw l-attenzjoni tat-tfal.<br>It-tagħlim integrat jgħin sabiex l-istudenti jitgħallmu japplikaw affarijiet minn suġġetti oħra f'sitwazzjonijiet differenti.<br>Tagħlim li jilaq lil kulħadd.<br>Jittrawmu kulturalment. |
| **Ir-riżorsi** | Riżorsi attraenti b'attivitàjiet kreattivi li jgħinu lit-tfal sabiex jirriflettu u jaħsbu b'mod kritiku. |
| **Il-pedagoġija** | Tpoġġi lill-istudenti fiċ-ċentru filwaqt li l-istudenti isiru awtonomi fit-tagħlim tagħhom.<br>Pedagoġija li tgħin lill-istudenti sabiex jieħdu gost waqt il-lezzjoni tal-poeżija u jitgħallmu japprezzawha iktar. |

*Tabella 10: L-għanijiet li nixtieq li jintlaħqu permezz ta' din ir-riċerka*

## 5.3 Poe-Pittura, proġett pożittiv

Mill-intervisti li għamilt ma' żewġ għalliema wara li wettquli lezzjoni mill-proġett *Poe-Pittura* mal-istudenti tagħhom, ħareġ li dawn il-lezzjonijiet kienu pożittivi. Għalliema A qalet li t-tfal kienu diġà familjari mal-pittura famuża ta' Van Gogh, allura t-tfal iktar fehmu l-poeżija. L-għalliema l-oħra qalet li t-tfal interessaw ruħhom ħafna fil-ħajja tal-artista Frida Kahlo u l-għan tal-lezzjoni ntlaħaq bis-sħiħ: l-istudenti tgħallmu minn ħajjitha, li qatt m'għandhom jaqtgħu qalbhom. L-għalliema li osservawni waqt li tajt il-lezzjonijiet jiena fl-iskejjel (għalliema Ċ, D) qaluli li l-lezzjonijiet kienu mexxejja u li l-istudenti wrew interess kbir u pparteċipaw bis-sħiħ tul il-lezzjoni. Meta tajt il-lezzjonijiet jiena rajt ħafna motivazzjoni min-naħa tal-istudenti, speċjalment mill-istudenti li għandhom l-arti bħala suġġett. L-istudenti staqsew u pparteċipaw ħafna. Il-ħajja tal-artisti u l-pitturi vera interessawhom u ħassejt li l-

integrazzjoni tal-Arti mal-poeżija għinet ħafna: kemm biex tistimula interess fit-tfal kif ukoll biex tiffaċilita t-tagħlim tal-poeżija. Ħassejt li permezz tal-pitturi, it-tfal fehmu l-poeżiji sew.

### *5.3.1 L-integrazzjoni tal-arti fit-tagħlim tal-poeżija*

Kemm għalliema A kif ukoll għalliema B qalu li l-aspett viżiv għen sabiex iqanqal ċertu interess fl-istudenti. Fl-intervista huma tennew li l-istudenti ħadu gost iqabblu l-pittura mal-poeżija. L-għalliema ħassew li permezz tal-pittura, l-istudenti rnexxielhom jifhmu l-poeżija aħjar għax irnexxielhom jidħlu fiż-żarbun tal-poeti.

Għalliema B sostniet li l-pitturi għenu ħafna fil-lezzjoni għax Kahlo kienet tinqeda bil-pitturi bħala d-djarju tagħha u l-poeżija hi dwar ħajjitha. B'hekk, bit-turija tal-pitturi tagħha, l-istudenti setgħu jifhmu l-poeżija aħjar. Għalliema A wettqet il-lezzjoni mal-iktar klassi batuta. L-għalliema qalet li fl-aħħar tal-lezzjoni t-tfal kienu vera kuntenti għax irnexxielhom jifhmu l-poeżija u jagħrfu l-figuri tat-taħdit huma, xi ħaġa li s-soltu kienu jsibuha diffiċli.

L-għalliema li pparteċipaw f'din ir-riċerka, kollha qablu li l-integrazzjoni tal-arti tgħin fit-tagħlim tal-poeżija. Erba' minn tmien għalliema li tawni *feedback* fuq ir-riżorsi qalu li tkun idea tajba kieku din il-pedagoġija tiġi integrata bħala parti mis-sillabu. Għalliem li tani *feedback* fuq ir-riżorsi qal li din l-inizjattiva se tgħin sabiex l-istudenti jsiru iktar kreattivi, element li hu importanti ħafna għax skont dawn l-għalliema, hu skars fl-iskejjel. Minn barra dan, għalliema oħra qalet li lezzjonijiet bħal dawn jgħinu lill-istudenti sabiex jinġibdu iktar lejn il-letteratura filwaqt li erba' minn tmien għalliema qalu li peress li hemm relazzjoni diretta bejn il-pittura u l-poeżija , il-poeżija tista' tinfthiehem b'mod iktar faċli, fejn l-istudenti jistgħu jifhmu anke l-iktar kunċetti astratti.

Skont għalliema Ċ u D, permezz tat-tagħlim tal-pittura, l-artist jew il-perjodu artistiku, l-istudenti fehmu l-poeżija aħjar. L-informazzjoni mgħoddija kienet b'mod interessanti li laqtet l-interessi tat-tfal. Għalliema Ċ qaltli wkoll li r-riżorsi u l-pedagoġija jimxu ħafna mal-LOF's (Ministry of Education, 2012), li hu element tajjeb ħafna għax il-lezzjonijiet iduru mal-istudenti filwaqt li wettaqt pedagoġija li tilħaq l-għanijiet nazzjonali fil-qasam edukattiv.

Għalliema B kif ukoll tliet għalliema minn tmienja mill-għalliema li tawni l-*feedback* fuq ir-riżorsi qalu li kieku t-tfal jintalbu sabiex jagħmlu riċerka d-dar huma minn qabel dwar xi perjodu artistiku jew artist, jgħin iktar lill-istudenti għax meta jiġu biex jagħmlu poeżija partikolari mill-proġett Poe-Pittura, digà jkollhom sfond artistiku u jekk l-għalliema tkun mgħaġġla bis-sillabu, b'hekk xorta tkun tista' tagħmel lezzjoni bħal din f'lezzjoni waħda u l-lezzjoni abli tkun iktar mexxejja għax l-istudenti ma jkunux qegħdin jiltaqgħu mal-artisti jew mal-perjodu artistiku għall-ewwel darba. Li jagħmlu riċerka huma jgħinhom ukoll sabiex ikunu studenti indipendenti u responsabbli għat-tagħlim tagħhom filwaqt li eżerċizzji bħal dawn jippreparawhom għall-ħajja ta' wara s-Sekondarja.

Skont għalliema A, B, Ċ u D, l-integrazzjoni tal-arti kienet b'mod kreattiv u qanqlet kurżità sabiħa fl-istudenti. L-istudenti dehru rilassati waqt il-lezzjoni permezz tal-pitturi u l-għalliema ħassew li l-arti għinet ħafna waqt il-lezzjoni. Minbarra li l-arti għinet biex tiffaċilita t-tagħlim tal-poeżija, skont għalliema Ċ, din l-integrazzjoni taż-żewġ suġġetti tgħinhom sabiex jitgħallmu japplikaw dak li jitgħallmu f'suġġetti differenti f'sitwazzjonijiet differenti (DeZure, 1999).

### *5.3.2 Poe-Pittura għin lill-istudenti sabiex jiksbu iktar kunfidenza fl-interpretazzjoni tal-poeżija u l-arti*

B'din il-pedagoġija ħassejt li l-istudenti ħadu iktar mil-lezzjoni tal-poeżija (evalwazzjoni tal-lezzjonijiet li wettaqt jiena). Ix-xogħol f'pari li għamlu l-istudenti fil-lezzjoni 'Viżjoni' ta' Ganado l-istudenti rnexxielhom joħorġu b'interpretazzjonijiet differenti u l-pittura daruha b'kull mod possibbli. Dan għinhom jifhmu l-fatt li l-arti hi miftuħa għall-interpretazzjoni u mhemmx tweġiba waħda valida. Skont għalliema Ċ, dan jgħin sabiex l-istudenti jiksbu kunfidenza fl-interpretazzjoni tal-poeżiji.

Fil-lezzjonijiet li wettaqt kelli l-attenzjoni assoluta tal-istudenti. L-istudenti kienu impenjati f'attivitàjiet u l-lezzjoni kienet iddur magħhom, mela involvejthom il-ħin kollu. L-istudenti kollha tajthom *feedback* b'mod individwali fuq dak li kienu qegħdin jagħmlu (evalwazzjoni tal-lezzjonijiet li wettaqt jiena). Fil-lezzjoni 'Frida Kahlo' li għamilt mal-istudenti, għalliema D qaltli li l-fatt li l-istudenti raw il-poetessa quddiemhom stess, għax għamilt magħhom poeżija li ktibt jiena, l-poeta sar iktar uman u dan abli jispirhom sabiex jiktbu. Fl-istess

lezzjoni osservajt li l-mistoqsija qajmet interess kbir fl-istudenti għax kienet tirrikjedi li l-istudenti jirriflettu fuq in-nies ta' madwarhom kif ukoll dwarhom infushom mela l-poeżiji laqtuhom b'mod sħiħ.

### 5.3.3 L-għanijiet tal-proġett Poe-Pittura ntlaħqu fl-iskejjel Sekondarji

L-għalliema li tawni l-*feedback* fuq ir-riżorsi kollha qablu li l-lezzjonijiet huma mqassmin tajjeb għax iħallu lok lill-istudenti sabiex jaħsbu, jirriflettu, jikkritikaw kif ukoll jipparteċipaw bis-sħiħ fil-lezzjoni. Skont Għalliema Ċ, il-messaġġ tal-poeżija nfthiehem sew u ċar mal-istudenti filwaqt li erbgħa minn tmien għalliema li tawni *feedback* fuq ir-riżorsi qalu li lezzjonijiet bħal dawn jiffaċilitaw t-tagħlim tal-iktar studenti batuti għax il-viżwali jgħin ħafna. Permezz tal-arti viżiva, l-istudenti jkunu jsitgħu jifhmu anke l-iktar kunċetti astratti.

Fit-tieni lezzjoni li wettaqt mal-istudenti (Viżjoni' ta' Maria Grech Ganado), l-għanijiet tal-lezzjoni ntlaħqu bis-sħiħ kif ukoll ħareġ wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' din ir-riċerka: dak li jgħin lit-tfal sabiex jaħsbu b'mod kritiku u jirriflettu. Ħassejt li l-pittura għinithom sabiex kemm jirriflettu kif ukoll jikkritikaw u jipparteċipaw f'diskussjoni (evalwazzjoni tal-lezzjonijiet li wettaqt jiena). L-istudenti ħadu gost janalizzaw il-pitturi fiż-żewġ lezzjonijiet mela l-għan li t-tagħlim tal-letteratura hu wieħed li jagħti gost, intlaħaq bis-sħiħ mill-istudenti. Fil-poeżija ta' Ganado, l-istudenti ħarġu b'diversi interpretazzjonijiet tal-pittura li Ganado ispirat ruħha minnha. Kien hemm bosta interpretazzjonijiet. Kien hemm min qal li r-raġel tal-pittura qisu qiegħed fil-ġenna imma maqbud fl-infern fl-istess ħin. Kien hemm oħrajn li bdew jassoċċjaw il-kuluri tal-pittura ma' emozzjonijiet bħall-aħmar mat-tbatija u l-blu mal-kalma u l-paċi filwaqt li kien hemm gruppi li raw li l-pittura kienet wisq astratta allura taw ħafna interpretazzjonijiet differenti. Minn dak li osservajt fil-lezzjoni li tajt jiena stess, ħassejt li l-istudenti raw din il-lezzjoni bħala logħba, fejn kellhom jippruvaw isolvu xi misteru u kulħadd beda jipprova jagħmel il-parti tiegħu biex jgħin. F'lezzjoni bħal din, it-tfal ingħaqdu bħala klassi u d-diskussjonijiet kienu għanja (evalwazzjoni tal-lezzjoni 'Viżjoni' ta' Ganado).

L-għalliema kollha li tawni l-*feedback* dwar ir-riżorsi kollha qablu li din it-tip ta' metodu se jgħin lill-istudenti sabiex isibu l-lezzjonijiet interessanti kif ukoll jifhmu iktar il-poeżija permezz tal-pittura għax it-twaħħid tal-kitba flimkien mal-viżiv jaf joffri iktar informazzjoni

speċjalment għal ċertu poeżiji li bil-miktub biss jaf ikunu kemmxejn diffiċli għall-istudenti. Dan esperjenzajtu bis-sħiħ fil-lezzjoni 'Viżjoni' għax mill-analiżi dettaljata tal-pittura, it-tfal irnexxielhom jinterpretaw fid-dettall anke l-poeżija ta' Ganado. L-istudenti bdew joħorġu bil-konklużjonijiet huma permezz tal-pittura eżempju meta ma rawx idejn fil-figura tal-pittura ta' Pitrè u Ganado fil-poeżija tgħid li rat tama f'idejh, l-istudenti stess qalu li ma hemm l-ebda tama. Hassejt li r-relazzjoni *Poe-Pittura* esplorawha sew f'din il-lezzjoni (evalwazzjoni tal-lezzjoni 'Viżjoni' ta' Ganado).

Għan ieħor li xtaqt li jintlaħaq b'dan il-proġett hu li l-istudenti jieħdu gost filwaqt li jitgħallmu japprezzaw iktar il-letteratura. Tliet għalliema minn tmienja li tawni feedback fuq ir-riżorsi qalu li permezz tal-integrazzjoni tal-arti, tiżdied iktar ħeġġa min-naħa tal-istudenti sabiex jitgħallmu filwaqt li l-għalliema kollha qablu li lezzjonijiet bħal dawn jgħinuhom iktar sabiex japprezzaw il-poeżiji. Għan ieħor kien li l-istudenti jitrawmu kulturalment (NMC 2012). Seba' minn tmien għalliema qalu li dan jista' jintlaħaq b'mod sħiħ għax il-proġett Poe-Pittura jinkorpora r-rispett tal-multikulturaliżmu (Il-ktieb, Grima) kif ukoll huma esposti għal kulturi differenti permezz tat-tagħlim fuq artisti u movimenti artistiċi minn perjodi differenti.

Għan ieħor kien li l-istudenti jkollhom tagħlim li jservi tul ħajjithom. 25% tal-għalliema jaħsbu li dawn il-poeżji se jintlaqgħu iktar mill-istudenti għax f'poeżji bħal 'Frida Kahlo', 'Ħelsien' u 'Notturn', l-istudenti jistgħu jirrelatawhom mal-ħajja tagħhom ta' kuljum u jitgħallmu minnhom (Learning outcomes framework, 2012).

### *5.3.4 Ir-riżorsi*

Ir-riżorsi ntlaqtu mill-għalliema kollha li tawni l-*feedback* dwar ir-riżorsi. L-għalliema sabuhom utli, mimlija b'għadd t'informazzjoni, interessanti, mżewqa b'kuluri li jattrattaw lit-tfal kif ukoll b'attivitàjiet kreattivi. L-għalliema qalu li r-riżorsi huma magħmulin bi ħsieb u laqathom il-fatt li l-istil u l-kuluri li għażilt għal ċertu lezzjonijiet, jirriflettu t-tema tal-poeżja bħall-poeżji 'Notturn' ta' Kevin Saliba li huma magħmulin mill-kulur isfar tal-istilel u l-blu tas-sema bil-lejl, kif ukoll il-poeżja 'Raħal/Barriera' ta' Victor Fenech li anke l-mod ta' kif ppreżentajt il-poeżija qiegħda rrappreżentata bħala kaxxi ġo kaxxi, simili għal dak li hemm fil-pittura u dak li jgħid Victor Fenech fil-poeżija.

L-għalliema sostnew li r-riżorsi huma faċli biex wieħed jutilizzhom u jifhimhom, kemm minn naħa tal-għalliema kif ukoll minn naħa tal-istudent. L-informazzjoni hi ċara u mgħoddija b'mod kreattiv u oriġinali. Żewġ għalliema minn tmienja li tawni feedback dwar ir-riżorsi kif ukoll għalliema Ċ, għoġobhom il-fatt li l-informazzjoni dwar l-artist jew il-poeta hi fl-ewwel persuna għax dan iqiegħed lill-personaġġ eqreb tal-istudenti.

Tlett għalliema minn tmienja qalu li l-attivitàjiet huma interessanti ħafna speċjalment fl-attivitàjiet fejn iridu jpinġu. Huma attivitàjiet li ma jsirux normalment fil-lezzjoni tal-poeżja. Minkejja dan, tlieta minn tmien għalliema ssuġġerew li l-istudenti jkollhom ċans joħolqu pittura jew poeżija bħala rispons għax-xogħol letterarju jew għall-pittura. B'dan il-mod, l-istudneti jesperjenzaw iktar ir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ tipi ta' arti.

### *5.3.5 Il-ħin fil-lezzjoni*

Meta għamilt il-poeżija 'Frida Kahlo' mal-istudenti ħassejt li lħaqt nagħmel kull ma ppjanajt. L-għanijiet tal-lezzjoni ntlaħqu kollha u ma kienx hemm pass mgħaġġel mela l-istudenti ħadu l-esperjenza sħiħa li ridt noffrilhom b'din il-lezzjoni. L-istudenti kellhom il-ħin sabiex jaħdmu f'pari u joħorġu bl-interpretazzjonijiet huma. Fil-lezzjoni 'Viżjoni', l-għanijiet kollha ntlaħqu
u t-tfal fehmu l-poeżija sew permezz tal-pittura kif ukoll irnexxielhom joħorġu b'ħafna interpretazzjonijiet differenti iżda xtaqt li kelli ftit ħin iktar sabiex nispjega t-termini letterarji aħjar. Kien ikun aħjar kieku f'lezzjoni waħda ffukajt biss fuq ir-relazzjoni ta' bejn il-pittura u l-poeżija u f'lezzjoni oħra ddedikajt il-lezzjoni għat-tagħlim tal-metrika u t-termini letterarji, b'hekk l-istudenti jkunu jistgħu jiffukaw fuq dettall wieħed f'kull lezzjoni. Dan l-aspett tal-ħin osservawh ukoll l-għalliema. Għalliema Ċ qaltli li kieku l-lezzjoni li osservatli hi kienet imqassma fuq żewġ lezzjonijiet (Viżjoni), kien ikun aħjar għax l-istudenti kien ikollhom iktar ħin sabiex jiffurmaw l-interpretazzjoni tagħhom. Din qaluwhieli wkoll 75% tal-għalliema li tawni l-feedback fuq ir-riżorsi. Issuġġerewli li nqassam il-lezzjonijiet fuq
żewġ jew tliet lezzjonijiet ħalli l-istudenti jkollhom esperjenza ikbar fejn ikunu jistgħu kemm japprezzaw l-arti sew kif ukoll il-poeżija.

### *5.3.6 Il-proġett Poe-Pittura u r-rispons tal-għalliema*

It-tmien għalliema li tawni l-*feedback* fuq il-proġett *Poe-Pittura* (riżorsi), kollha qablu li riżorsi bħal dawn se jintlaqgħu tajjeb mill-għalliema. Erba' minn tmien għalliema qalu li jieħdu gost b'riżorsi bħal dawn u kieku jingħatawlhom, iservuhom ta' għajnuna minħabba li l-lezzjonijiet tal-letteratura jikkonsistu f'ħafna preparamenti. Żewġ għalliema minn tmienja li l-esperjenza tagħhom f'dan il-qasam tvarja, stqarrew li sfortunatament, biex ilaħħqu mas-sillabu jkollom jillimitaw il-kreattività fil-lezzjonijiet tagħhom iżda kieku jingħataw dawn ir-riżorsi, żgur li jagħmlu użu minnhom, ladarba l-preparamenti tal-lezzjonijiet huma lesti. Tnejn minn tmien għalliema qalu li riżorsi bħal dawn jinkoraġixxu lill-għalliema biex jiskopru modi differenti ta' kif iwasslu t-tagħlim tal-letteratura lit-tfal, b'mod interessanti u li jilħaq lil kulħadd filwaqt li għalliema minnhom qalet li peress li hemm disa' poeżiji biss, l-għalliema jkunu jistgħu jiddedikaw iktar ħin fuq il-poeżija u jħallu iktar lok fejn l-istudenti jkunu jistgħu japprezzaw il-letteratura.

Fl-intervista, l-għalliema li wettqu l-lezzjonijiet tiegħi mal-istudenti qalu li l-preżentazzjoniet diġitali nltaqgħu bis-sħiħ mill-istudenti. Għalliema A qalet li l-oriġinalità fl-għamla u l-festa ta' kuluri li fihom, attrattaw l-attenzjoni tat-tfal. Madanakollu, meta tajt il-lezzjonijiet jiena ħassejt li kien ikun aħjar li kieku kabbart il-kliem ħalli l-istudenti jkunu jistgħu jaraw il-preżentazzjoni sew minn kull parti tal-klassi. Għalliema li osservatli l-lezzjoni, għalliema Ċ, qaltli li kien ikun aħjar li meta nurihom pittura, inpoġġi waħda biss f'kull slajd ħalli l-istudenti dejjem ikunu qegħdin jiffukaw fuq ħaġa waħda. Min-naħa 'l oħra, t-tmien għalliema li tawni *feedback* fuq ir-riżorsi kollha qaluli li r-riżorsi huma oriġinali, attraenti b'dettalji u informazzjoni ppreżentati b'mod kreattiv kif ukoll mżewqa b'attivitàjiet li jmorru lil hinn minn dak li huma mdorrijin bih tradizzjonalment.

L-għalliema li wettqu l-lezzjonijiet tiegħi mal-istudenti tagħhom, għalliema A u B, qalu li r-riżorsi sabuhom tajbin ħafna u li l-istudenti ħadu ħafna gost bihom. Meta wettaqt il-lezzjonijiet jiena, x'ħin qassamitlhom in-noti f'forma ta' ktejjeb, għall-bidu ħadu qatgħa għax raw ħafna paġni iżda x'ħin fetħuh vera għoġobhom tant li kienu ħerqana għal-lezzjoni, mela mir-riżorsi diġà nnutaw li ma kinitx se tkun lezzjoni bħas-soltu. Tant ħadu gost bir-riżorsi t-tfal li qabel tlaqt staqsewni jekk jistawx iżommu r-riżorsi huma u x'ħin għidtilhom li iva vera

ferħu (evalwazzjoni tal-lezzjoni li wettaqt jiena). Għalliema A u B fl-intervisti qaluli li riżorsi bħal dawn jgħinu anke lill-istudenti sabiex jistudjaw għax in-noti huma attraenti li żgur mhux se jiddejqu jistudjawhom, anzi l-kuluri u l-integrazzjoni tal-pitturi jgħinuhom sabiex jiftakru l-poeżiji iktar.

### *5.3.7 L-għażla tal-poeżiji u poeti*

L-għalliema kollha qablu li l-għażla tal-poeżiji hi tajba ħafna. Hemm għażla diversa b'poeżji minn żminijiet differenti, kemm ta' poeti moderni kif ukoll ta' poeti stabbiliti. Għoġobhom ukoll il-fatt li hemm kemm kittieba nisa kif ukoll irġiel.

It-temi huma varji wkoll. Sebgħa minn tmien għalliema li tawni feedback fuq ir-riżorsi għoġobhom ħafna l-fatt li t-tagħlim tagħhom jilqot lill-istudenti b'mod personali. Iktar milli dawk il-poeżiji 'tas-soltu' bit-temi tan-natura jew is-solitudni tal-poeta, diversi minn dawn il-poeżiji jistiednu lill-istudenti biex jiffirlettu, jaħsbu u jagħrfu l-valuri u l-moralità tal-ħajja b'mod li jistgħu japplikaw dak li jitgħallmu fil-ħajja ta' kuljum. Dan jagħmluh billi jitgħallmu japprezzaw lilhom nfushom, isolvu l-problemi (Ħelsien, Frida Kahlo: Attard) u jaraw l-pozittività fil-ħajja (Notturn: Saliba). Żewġ għalliema minn tmienja qalu li hu importanti ħafna li elementi bħal dawn jiġu integrati fis-sillabu.

Skont għalliema A, fil-lezzjoni Frida Kahlo (Attard 2017), it-tfal empatizzaw ruħhom mal-artista Frida Kahlo kif ukol daħlu fihom nfushom u pruvaw jaraw x'għandhom tajjeb u x'għandhom inqas tajjeb u x'jistgħu jagħmlu biex itejbu dak li mhux daqshekk tajbin fih. Din l-attività ħadu gost biha t-tfal. Ħadu gost kemm ipinġu kif ukoll meta kulħadd beda jaqra dak li pinġa u kiteb, ħassewhom kuntenti u li għollitilhom il-moral, mela l-għażla tal-poeżji kienet eċċellenti għax laqtu lill-istudenti b'mod tajjeb li t-tagħlim tal-poeżija tahom tagħlim li hu ħafna ikbar mit-tagħlim li nressqu s-soltu fil-lezzjonijiet tal-letteratura. L-għalliema kollha ta' din ir-riċerka qalu li l-għażla tal-kontenut sar bi ħsieb.

### *5.3.8 L-għażla tal-pitturi u l-artisti*

L-għalliema kollha qablu li l-għażla tal-pitturi hi tajba għax hemm kemm talent lokali kif ukoll barrani. Għoġobhom ukoll il-fatt li daħħalt kemm artisti nisa kif ukoll irġiel b'età li tvarja minn artist għall-ieħor. L-għalliema kkummentaw ukoll dwar l-aspett ta' *Poe-Pittura* u qalu li l-għażla tal-pitturi hi tajba ħafna u jiffaċilitaw it-tagħlim tal-poeżja. Żewġ għalliema minn tmienja li tawni feedback fuq ir-riżorsi qalu wkoll li l-pitturi jħallu lok għall-aspett kritiku min-naħa tal-istudenti.

### *5.3.9 Il-proġett Poe-Pittura lest li jibda jiġi ntużat mill-għalliema*

L-għalliema kollha qablu li r-riżorsi huma dettaljati ħafna, b'mod li l-għalliema m'għandhomx isibu diffikultà sabiex jagħmlu użu minn din il-pedagoġija. In-noti tal-istudenti huma konċiżi u fl-istess ħin diretti b'mod li jagħtu sfond kemm artistiku u poetiku lit-tfal. Minkejja dan, żewġ għalliema minn tmienja li tawni *feedback* fuq ir-riżorsi kif ukoll għalliema A, qalu li xorta l-għalliema għandhom jagħmlu r-riċerka tagħhom.

Żewġ għalliema minn tmienja li tawni l-*feedback* fuq ir-riżorsi, għandhom esperjenzi differenti f'dan il-qasam. Huma qalu li għalkemm huma riżorsi diretti u faċli biex tagħmel użu minnhom, abli jkun hemm għalliema li jgħallmu b'mod tradizzjonali u jsibu diffikultà sabiex ibiddlu l-pedagoġija tagħhom. Dan minħabba l-fatt li biex tibdel il-pedagoġija, abli tieħu naqa żmien sakemm għalliema bħal dawn jaqbdu din is-sistema. Diffikultà oħra tista' tkun li jekk hemm għalliema li qas jistgħu jlaħħqu mas-sillabu, ma jistgħux jiddedikaw daqshekk ħin fuq fuq poeżija waħda allura xi ftit mill-għanijiet ma jkunux intlaħqu kollha (żewġ għalliema minn tmienja).

Erba' minn tmien għalliema li tawni *feedback* fuq ir-riżorsi qalu li sfortunatament minħabba s-sillabu jkollhom jgħaġġlu sabiex ilaħħqu kollox għall-eżami, ma tantx jiddedikaw ħin għal-lezzjonijiet tal-letteratura. Huma saħqu li kieku jingħataw riżorsi lesti bħal dawn, żgur li jagħmlu użu minnhom, filwaqt li n-nofs l-ieħor qalu li din il-pedagoġija għandha tidħol bħala parti mis-sillabu u li żgur jagħmlu użu minnha għax hi pedagoġija nnovattiva li toffri esperjenza intrinsika lill-istudenti: kemm tat-tagħlim dwar il-ħajja, kif ukoll jitgħallmu japprezzaw il-letteratura u jitrawwmu kulturalment.

## 5.4 Il-konklużjoni

Din ir-riċerka rriżultat li meta l-istudenti jitgħallmu b'iktar minn mod wieħed, it-tagħlim jistagħna (Duncuum 2004). L-integrazzjoni tal-pittura fit-tagħlim tal-poeżija kien wieħed ta' suċċess. L-istudenti wrew li ħadu gost jitgħallmu u pedagoġija bħal din ġibditilhom l-attenzjoni u qanqlitilhom l-interess waqt il-lezzjoni. L-istudenti ħadu gost jikkritikaw u jinterpretaw kemm il-poeżiji kif ukoll il-pitturi u dan ħalla spazju għal diskussjonijiet fejn l-istudenti kollha pparteċipaw waqt il-lezzjoni u ħadd ma qgħad lura.

Il-metodu mħaddem iqiegħed lill-istudenti fiċ-ċentru u l-istudenti kellhom ċans ikunu kreattivi, li bħalma qalu xi għalliema, hu element nieqes ħafna fl-iskejjel. It-tagħlim kien wieħed sħiħ u l-għażla tal-poeżiji kienet meqjusa tant li offriet tagħlim morali, soċjali u personali waqt il-lezzjonijiet tal-poeżija, tagħlim li jmur lil hinn minn dak li l-istudenti jitgħallmu s-soltu akkademikament. Din ir-riċerka wriet li l-pittura għinet sabiex lill-istudenti biex jifhmu anke l-iktar kunċetti astratti u dan ħareġ minn lezzjoni li saret ma' studenti batuti ħafna li s-soltu kienu jsibu l-lezzjonijiet tal-poeżija diffiċli (għalliema A, 'Notturn' ta' Saliba). Nemmen li proġett bħal dan għandu jiġi ssuġġerit fl-iskejjel filwaqt li nispera li jkun hawn iktar riċerka f'dan il-qasam, għax bħall-għalliema li pparteċipaw f'dan l-istudju, nemmen ħafna li dan hu t-tagħlim il-ġdid li jilħaq l-istudenti ta' llum il-ġurnata, studenti li ġejjin minn familji differenti u wħud mill-poeżiji abbli jgħinuhom ikunu iktar pożittivi fil-ħajja, filwaqt li pedagoġija bħal din tgħin lil ħafna studenti b'abbiltajiet differenti, studenti li għandhom bżonn medju ieħor sabiex it-tagħlim ikun iktar sħiħ.

## 5.5 Xi limitazzjonijiet ta' din ir-riċerka

Peress li meta ġejt biex inwettaq il-lezzjonijiet fl-iskejjel kien ftit ġimgħat 'il bogħod mill-eżamijiet, kienet ftit diffiċli sabiex insib skola li l-għalliema jaċċettaw li niħdilhom xi lezzjonijiet. B'hekk, kelli nillimita ruħi billi nwettaq il-lezzjonijiet f'żewġ skejjel tal-Knisja. Xtaqt li kelli esperjenza kemm fi skola tal-Knisja kif ukoll fi skola tal-Istat. Xtaqt ukoll li ikun hemm iktar għalliema li jwettqu xi lezzjonijiet minn tiegħi iżda għall-istess raġuni, peress li kienu resqin l-eżamijiet, il-maġġoranza tal-għalliema kienu qegħdin bl-eżatt mas-sillabu u

ma setgħux jaffordjaw li jwettqu xi lezzjoni minn tiegħi għax inkella qas ilaħħqu dak kollu li kellhom jagħmlu sabiex iwasslu lill-istudenti għall-eżamijiet. Madanakollu, xorta rnexxieli nsib żewġ għalliema li għamluli żewġ lezzjonijiet fi skejjel differenti tal-Knisja.

## 5.6 Xi suġġeriment għal skop t'iktar riċerka

Għal din ir-riċerka l-għan tiegħi kien li nara l-integrazzjoni tal-pittura jgħinx fit-tagħlim tal-poeżija u dan kien wieħed pożittiv. Ir-riċerka kwalitattiva tatni informazzjoni li żgur ma kinitx se tagħtini riċerka kwantitiattiva. Però, sabiex sistema bħal din tidħol bħala parti mis-sillabu, li hi xi ħaġa li ssuġerew l-għalliema li pparteċipaw f'dan l-istudju, nemmen li għandha ssir riċerka kwantitattiva fejn il-lezzjonijiet jiġu mwettqa f'ħafna skejjel Maltin kemm f'tal-istat, kemm fi skejjel tal-Knisja kif ukoll fi skejjel Privati. Dan għax fir-riċerka tiegħi ma rajtx differenza bejn għalliema nisa u rġiel, u bejn għalliema minn skejjel differenti. Peress li l-kampjun tiegħi kien żgħir għax ir-riċerka kienet kwalitattiva, ma setax ikolli r-riżultat definit ta jekk għalliema minn skejjel differenti jikkorrispondux lejn din il-pedagoġija b'modi differneti. B'hekk, jekk jittieħed kampjun ħafna ikbar u riċerka bħal din issir f'ħafna skejjel Maltin, nemmen li r-riżultat ikun iktar eżatti dwar kif pedagoġija bħal din taħdem fi skejjel differenti minn għalliema differenti.

Nissuġerixxi wkoll li din il-pedagoġija ssir fi klassijiet ta' livelli u abiltajiet differenti. B'hekk, nemmen li jkun hemm riżultat preċiż tal-mod ta' kif pedagoġija bħal tintlaqa'minn studenti ta' skejjel differenti kif ukoll minn studenti b'livelli u abiltajiet differenti. Dan joħroġ ukoll il-mod ta' kif l-istudenti jitgħallmu l-aħjar (Gardner: Intelliġenza multipla). Xi suġġeriment ieħor hu li minbarra l-pitturi, jistgħu jidħlu wkoll skulturi u installazzjonijiet sabiex l-istudenti jkunu esposti għal medji differenti tal-arti u mhux għall-pittura biss.

## 5.7 L-għeluq

Din ir-riċerka ħaditni mawra fija nnifsi u ġiegħlitni nagħraf aktar x'inhuma l-passjonijiet tiegħi, dawk tal-Arti u l-poeżija filwaqt li għinitni nsaħħaħ iktar il-pedagoġija tat-tagħlim tiegħi, tagħlim li żgur se jgħini fil-karriera tiegħi bħala għalliema. Il-bżonnijiet tal-istudenti jinbidlu maż-żmien u b'hekk, l-għalliema trid taddatta skont il-bżonn u dejjem tibqa' taġġorna ruħha dwar is-suġġett u dwar dak kollu li qiegħed jiġri madwarha. Nixtieq Ii jkun hemm iktar għalliema li jintegraw suġġetti varji mal-letteratura sabiex il-letteratura tibqa' ħajja u tingħata l-ġieħ li jistħoqilha, filwaqt li jwasslu tagħlim iktar sħiħ u interessanti lill-istudenti.

# Lista ta' referenzi


A National Minimum Curriculum Framework for All 2012. (bn.d.). Miġjub minn https://education.gov.mt/en/Documents/Malta%20National%20Lifelong%20Learning%20Strategy%202020.pdf

Aquilina, O. (2002). It-tagħlim ta' Letteratura: Storja u Prattika, 40-101.

Attard, J. (2017, June 15). Il-letteratura u s-soċjetàà: Studju dijakroniku tal-ħsieb estetiku Malti. 1-18. Miġjub minn https://akkademjatalmalti.files.wordpress.com/2015/03/josette-attard-seminar-paper.pdf

Bejn ħalltejn (2014): Antoloġija għal-letteratura fil-livell taċ-ċertifikat għall-edukazzjoni Sekondarja. (n.d.), Malta.

Benton, M. (1997). Anyone for Ekphrasis? . British Journal of Aesthetics 37, 37, 367

Benton, M. P. (1990). Double Vision: Reading paintings ... Reading poems ... Reading paintings (7 ed.). Hodder & Stoughton.

Cage, T. L. (1989). Ekphrastic Poetry in Performance: An Examination of Audience Perceptions of the Relationship between Poetry and Painting. 9(3), 199-206. Miġjub minn http://dx.doi.org/10.1080/10462938909365931

Cage, T. L. (1989, 7 1). Ekphrastic Poetry in Performance: An Examination of Audience Perceptions of the Relationship between Poetry and Painting. Text and Performance Quarterly, 9(3), 199-206.

Arnold, et al. (1993). Qawsalla: Antoloġija tal-Letteratura Maltija (it-tieni edizzjoni).
Malta: L-Università ta' Malta.

Dascalescu, G. (2008, June). Language and Literature: Teaching and the Visual Arts, Developing Students' Cultural and Aesthetic Motivation and Strategies. Humanising Language Teaching, 10(3).

Dewey, J. (n.d.). John Dewey on Progressive Education. Chapter 2: Life in schools. Miġjub minn http://newlearningonline.com/new-learning/chapter-2/john-dewey-on-progressive-education

Emma, K. (2007, December). EKPHRASIS AND THE ROLE OF VISUAL ART IN of CONTEMPORARY AMERICAN POETRY. University Leicester. Misjub minn https://core.ac.uk/download/pdf/196838.pdf

Fenech, V. (1987). Sangraal: Poeżija, Poeproża, Proża. Malta: Pubblikazzjoni Bugelli.

Fenech, V. (2011). Il-Poeżiji. Malta: Klabb Kotba Maltin.

Fred C. Lunenburg, M. R. (2014). Applying Multiple Intelligences in the Classroom: A Fresh Look at teaching writing. International Journal of Scholarly Academic Intellectual Diversity, 16(1).

Ganado, M. G. (2014). Taħt il-Kpiepel t'Għajnejja. Malta: Klabb Kotba Maltin.

García, M. R. (2012). Usage of Multimedia Visual Aids in the English Language Classroom: A Case Study at Margarita. 9, 10. Miġjub minn https://www.ucm.es/data/cont/docs/119-2015-03-17-11.MariaRamirezGarcia2013.pdf

Goates, J. V. (2010, 5). Manuscripts, Illuminated: A Collection of Ekphrastic Poems (22). Miġjub minn http://digitalcommons.usu.edu/honors/50

Jester, J. (2003). Of Paint and Poetry: Strengthening Literacy Through Art. The Quarterly, 25(4). Miġjub minn https://www.nwp.org/cs/public/print/resource/958

Kedward, T. D. (2015). The poetry society. Miġjub minn Top tips for teaching poetry: https://poetrysociety.org.uk/competitions/foyle-young-poets-of-the-year-award/top-tips-for-teaching-poetry/

Learning outcomes framework. (2012). About the learning outcomes framework. Malta: Ministry of Education and Employment.

Kaswa, J. (2015). THE EFFECT OF VISUAL LEARNING AIDS ON STUDENTS' ACADEMIC PERFOMANCE IN PUBLIC SECONDARY SCHOOLS: A CASE OF MAGU .

Malta international life long learning strategy 2020. Miġjub minn https://education.gov.mt/en/Documents/Malta%20National%20Lifelong%20Learning%20Strategy%202020.pdf

Maltikurja. Miġjub minn: It-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel tal-knisja u skejjel oħra: https://maltikurja.com/

Marshall, J. K. (2016). Poetry and Paintings: A Comparative Study. Yale-New Haven Teachers Institute. Miġjub minn http://teachersinstitute.yale.edu/curriculum/units/1980/2/80.02.06.x.html

Maxcer, M. (2015, 10 16). Reading literature helps develop critical-thinking skills. Idaho Education News. Miġjub minn https://www.idahoednews.org/voices/students/reading-develops-critical-thinking-skills/

Miltner, R. (2001). Where the visual meets the verbal : Collaboration as Conversation Text. *Enculturation*, 3(2), 205.

Mullaney, J. Poetry. Connections/Poetry. Miġjub minn http://metmuseum.org/connections/poetry

Perloff, M. (1985). Alterable Noons: 'The Poemes Elastiques' of Blaise Cendras and Frank O'Hara (Vol. 15). University of Southern California: Modern Humanities Research Association. doi:10.2307/3508553

Portelli, T. (2001). Skaluni għat-tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja. Malta: L-istitut tal-Lingwistika u l-Universita' ta' Malta.

Portelli, T. (2002). Stedina għat-tagħlim fis-Sekondarja. Malta: Dyad Publications.

Raphael, C. A. (2010, August 12). The Art book. Imaginative Empathy :Where Art and Poetry Meet, 17(3). doi:10.1111/j.1467-8357.2010.01109.x

Saliba, M. (2011). Xbihat tal-antenati - Ancestral Visions . Malta: BDL Books.

Shwartz, K. (2015, Jannuary 3). How Integrating Arts Into Other Subjects Makes Learning Come Alive. Mind shift: how we all learn. Miġjub minn

https://ww2.kqed.org/mindshift/2015/01/13/how-integrating-arts-into-other-subjects-makes-learning-come-alive/

Sipe, C. D. (2007). A Unique Visual and Literary Art Form: Recent Research on Picturebooks. *Language Arts*). Language Arts, 84(3), 273-280.

Steiner, W. (1986). The Colours of Rhetoric: Problems in Relations between Modern Literature and Painting. Chicago: University of Chicago.

Tanti Rigos, O. (2010). The Foundations of the Disciplinary Society . The Junior Lyceum Entrance: A Foucauldian Genealogy, pp. 13-26.

Trevisan, S. (2013). The Impact of Netherlandish Landscape Tradition on Poetry and Painting in Modern England. Landscape in England, 66(3), 866-903.

Writer 's plea: Open our market... and our minds: Interview with Malta's EU prize-winning author Immanuel Mifsud . (2012, May 11). Times of Malta. Miġjub minn https://www.timesofmalta.com/articles/view/20120511/local/writer-s-plea-open-our-market-and-our-minds.419270

Yenawine, P. (1997). Thoughts on Visual Literacy.

Debattista, M. (2017, May 23). The Insiter. Spektrum: The student Art exhibition. Miġjub minn http://theinsiter.org/features/71134/spektrum-the-student-art-exhibition/

McGuire, R. L. (1973). Passionate Attention: An Introduction to Literary Study. New York: Norton.

Danielson, C. T. (2000). Teacher evaluation to enhance professional practice. New York, America: ASCD Publications.

Johnson, S. D. (1995). Will our research hold up under scrunity? Journal of Industrial Teacher Education, 32(3), 3-6.

Patton, M. Q. (2002). Qualitative Evaluation and Research Methods (it-tielet edizzjoni). Thousand Oaks: Sage Publications.

Darmanin et al. (May 2010). Helping children blossom through Holistic education: A comparative study, 12-25.

L.Shehab, R., Ling, C., Hardré, P. L., Nanny, M. A., Nollert, M. U., Refai, H., . . . Wollega, E. D. (2013), Teachers in an Interdisciplinary Learning: Community: Engaging, Integrating, and Strengthening K-12 Education. Journal of Teacher Education, 604(5), 409-423.

Armbruster, P., Patel, M., Johnson, E., & Weiss, M. (2009, March 27), Active Learning and Student-centered Pedagogy Improve. (D. Tomanek, Ed.) Student-centered Pedagogy, 8 (3), 8, 205, Doi: 10.1187/cbe.09-03-0025.

Benton, M. (1990), Double Vision: Reading Paintings - Reading Poems - Reading Paintings (is-seba' edizzjoni). Hodder & Stoughton.

Portelli u Camilleri (2002). Stedina għat-tagħlim fis-sekondarja. Malta, Malta: DYAD publications.

Budden, J. (2007), Using poetry, https://www.teachingenglish.org.uk/article/using-poetry meħud fl-ewwel ta' Marzu, 2017.

Chircop, L. (2014), Citizenship, difference and schooling of Muslim children in Malta. (S. Publications, Ed.) Policy Futures in Education, 12(1), 243-245. Misjub minn: http://journals.sagepub.com/doi/abs/10.2304/pfie.2014.12.1.6. Meħud fit-30 ta' Novembru, 2016.

Collins, A., Seely, J. B., & Newman, S. E. (1987, December), Cognitive Apprenticeship: Teaching the craft of reading, writing and Mathematics. Center for the study of reading, 403, 2-3, 14-15, 23-24.

DeLong, M., & Winter, D. (2002), Learning to Teaching and Teaching to Learn Mathematics : Resources for Professional Development. Mathematical Associations of America, meħud fl-10 t'Ottubru, 2016.

Armstrong. (n.d.), Multiple Intelligences. American Institute for learning and human development. Misjub minn: http://www.institute4learning.com/resources/articles/multiple-intelligences/
Inqara nhar is-17 ta' Frar, 2017.

Dresner, M., & Worley, E. (2006), Teacher research experiences, partnerships with scientists and teacher networks: Sustaining factors from professional development. Journal of Science, 1-14.

Duncum, P. (2004), Visual culture isn't just visual: Multiliteracy, Multimodality and Meaning. A Journal of Issues and Research, 45(3), 252-261.

Ebejer, F. (2010). Menz. Malta: Klabb Kotba Maltin.

Loosman, I. (2013, June). Moral development and education: Aristotle and Kant. Moral Education, p.9.

Mahmoudi, S. (2012). Holistic education : An approach for the 21st century.

International Education studies, 5(3), 179-184.

Mercer, Ġ. E. (2010). Leli Ta' Ħaż-żgħir. Malta: Book Distributions limited.

Mizzi, A. (1998). Vetrati milwiena: poeziji 1991-1996. Malta: P.E.G.

Mostert, M. (Ed.). (2005). Reading images and texts: Medieval images and texts as forms of communication. Urecht studies in Medieval literacy, 71.

NMC, E. M. (2012, December). A national curriculum framework for all. 21.

O'Neil, K. E. (2001, November). Pictures. Developing Visual Literacy for Greater Comprehension, 65(3), 215, meħud fit-3 ta' Marzu, 2017.

Towbridge, S. (2006). 'Reading Art': Pre-Raphaelite Painting and Poetry.

The reading Art project: Art, Birmingham Museum and Art Gallery, Poetry, Pre-Raphaelites , miġjub fit-3 ta' Jannar, 2017, from https://readingart.wordpress.com/2016/01/28/reading-art-pre-raphaelite-painting-and-poetry/

Vella, F. (2010). L-Arti f'ħajti ... nemmen li l-Arti titwieled fik ! , meħud fil-5 ta' Jannar, 2017, minn : http://fionavella.com/features/tag/luciano-micallef/

Schwartz, J. 1982.Ways of the Illustrator: Visual Communication in Children's Literature, Chicago: American Library Association.

Ministry of Education and Employment (2012, December). National Curriculum Framework for all. Miġjub minn http://curriculum.gov.mt/en/Resources/The-NCF/Documents/NCF.pdf

Grima, P. A. (2001). Skaluni għat-tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja. Malta: L-istitut tal-Lingwistika, l-Universita' ta' Malta.

Learning Outcomes Framework: Malti, ir-raba' u l-ħames sena. (2012). 36-42. Miġjub minn http://www.schoolslearningoutcomes.edu.mt/en/subjects/maltese

DeZure, D. (1999). Interdisciplinary teaching and learning. Teaching excellence towards the best in the academy, 10(3). Miġjub minn http://fod.msu.edu/sites/default/files/teaching_excellence.pdf

# Appendiċi A

## Noti supplimentari għall-għalliema

## tal-ewwel lezzjoni

# Is-Surrealiżmu

Is-Surrealiżmu hu perjodu artistiku li beda mill-poeta Andrè Breton f'Pariġi fl-1924 meta kiteb 'The Surrealist Manifesto'. Dan il-moviment kien ukoll reazzjoni għall-psikanaliżi ta' Sigmund Freud u Karl Marx, li kienu jitkellmu ħafna dwar l-inkonxju.

Skont Freud, hu pjuttost l-inkonxju li joħloq il-ħolm. Dan għen lis-Surrealisti sabiex jidħlu fl-inkonxju u jesprimu ħsibijiethom b'mod kreattiv u surreali għall-aħħar. Bosta drabi, l-artisti kienu qegħdin jikxfu l-anzjetajiet tagħhom u jsolvuhom b'mod analitiku bir-rappreżentazzjonijiet artistiċi tagħhom. Dan l-element narawh ħafna fl-artist Salvador Dalì li ta' spiss kien joħloq dinja fantastika minn kreaturi li ma jeżistux.

L-għan ta' dan il-moviment kien li l-artisti jesprimu ħsibijiethom u l-esperjenzi tagħhom li jmorru lil hinn minn dak li hu razzjonali. Ħafna drabi l-inkonxju jikkonsisti minn dawk il-ħsibijiet li l-bniedem għandu mistur fih iżda mhuwiex konxju tagħhom. Billi jidħlu fis-subkonxju, bħalma ssuġġerew Freud u Marx, l-artisti kienu jikkreaw dinji fantastiċi, jew il-ħolm tagħhom.

Dan il-moviment ma kienx biss fl-Arti iżda wkoll fil-letteratura. Fil-poeżija 'L-arloġġ ta' Dalì ' ta' Victor Fenech naraw ispirazzjoni minn dan il-moviment, fejn il-poeta jqabbel ħsibijietu mal-arloġġi minxura li ta' spiss kien ipinġi dan l-artist.



*The son of man, Magritte, 1964.*



*Tired Orpheus Troubadour, Giorgio de Chirico,1970*



*L'Ange du foyer ou Le Triomphe du surréalisme , Max Ernst, 1937.*

# Salvador Dalì

*(1904-1988)*



Salvador Dalì hu artist Spanjol. Twieled fil-11 ta' Mejju, 1904 u hu meqjus meqjus bħala l-ikbar artist tal-moviment Surrealistiku bix-xeni fantastiċi li ħoloq li jmorru lil hinn minn din id-dinja. B'ispirazzjoni mill-kitbiet ta' Sigmund Freud, Dalì kien ipingi dak li hu mistur fis-subkunxju u kien iwaħħdu mal-ħlom li kien ikollu. Fl-arti tiegħu, Dalì wera d-dinja fantastika ta' kif kien jimmaġinha jew il-mod ta' kif xtaq li kienet.

Minn ta' età żgħira, Dalì kien diġà qiegħed ipitter pitturi ta' livell għoli u kif raw hekk, il-ġenituri tiegħu għamlulu studjo tal-Arti sabiex ikun jista' jiprattika. Ta' madwar tnax-il sena, Dalì daħal fi skola tal-Arti, 'Clegio de Hermanod Meritas' kif ukoll fl-'Instituto' ġewwa Figueres fi Spanja. Minn hemm, Dalì beda jispira ruħu minn artisti klassiċi bħal Raphael, Bronzino u Diego Velázquez li għinuh jikseb bażi tajba artistika.

Ta' ħmistax-il sena, Dalì għamel l-ewwel esibizzjoni pubblika fit-teatru 'Municipal' ġewwa Figueres fi Spanja. Minn ta' età żgħira Dalì wera interess fid-dinja tal-ħolm u dan jirrifletti ħafna f'xogħlu. Il-kuntatt li kellu mal-artisti rinommati bħal Picasso, Magritte u Mirò meta kien mar Pariġi ta' sittax-il sena, għenu sabiex jiskopri s-Surrealiżmu. Minn hemm, Dalì kabbar l-għarfien artistiku tiegħu u beda jpitter u jiskultura l-immaġinazzjonijiet surreali tiegħu.

Ta' tmintax-il sena, Dalì daħal fl-Akkademja ta' San Fernando f'Madrid. F'dan iż-żmien, l-artist ispira ruħu mill-metafiżika u l-Kubiżmu. Iktar tard, meta kellu bejn għoxrin u ħamsa u għoxrin sena, Dalì beda jinteressa ruħu fil-moviment artistiku msejjaħ 'Dada' kif ukoll fil-moviment ta' wara l-Ewwel Gwerra Dinjija. Il-moviment tad-'Dada' jirrifletti ħafna fuq il-politika, u lill-artist din kienet tinteressah. Dan il-perjodu ħalla influwenza qawwija fix-xogħlijiet tiegħu.

Dalì ħadem ukoll bl-istili tal-Impressjoniżmu u l-Futuriżmu. Wara li prova għadd ta' stili u tekniki artistiċi differenti, Dalì iffoka fuq l-arti Surrealista wara l-eta' ta' ħamsa u għoxrin sena. L-influwenza tal-movimenti artistiċi u l-artisti li kellu matul is-snin, xorta baqgħet miegħu tul ħajtu. Dalì beda jpinġi l-ħolm tiegħu b'mod dettaljat ta' xeħta Klassika li kien kuntrastanti max-xeni Surrealisti li kien ipinġi.



Ta’ sitta u għoxrin sena, Dalì kien diġà jitqies bħala wieħed mill-iktar artisti importanti tal-moviment Surrealitsa. It-teoriji ta’ Freud baqgħu jispirawh tul ħajtu tant li fl-1936, hu kien ta lezzjoni fuq ‘Authentic paranoid ghosts’ fejn qal li l-ħsieb tiegħu kien li jikkrea l-iktar affarijiet li jinsabu misturin ġewwa s-subkonxju.

Ix-xogħol ta’ Dalì deher anke f’films kbar bħal ;‘An Andalusian Dog’;‘The golden age’u ‘Alfred Hitchcock's Spellbound’. Bejn l-1969 u l-1974, Dalì għamel mużew tiegħu stess ġewwa Figueres, fejn twieled hu. L-arti tieghu hi immaġinattiva immens u Surreali għall-aħħar. L-artist qasam mal-poplu d-dinja fantastika li kien jimmaġina hu, u ħalla lok lilna sabiex napprezzaw is-sbuħija tal-kreattività tiegħu. L-iktar pittura famuża tiegħu hi ‘The persistence of memory’.

Xi xogħlijiet ta’ Salvador Dalì




*L-ismijiet tal-pitturi :*

1. *Still-life, fast moving*, 1956.
2. *Le Sommeil (Sleep)*, 1937.
3. *Swans reflecting elephants*, 1937.
4. *The Ascension of Christ*,1958.
5. *The anthropomorphic cabinet*, 1936.
6. *Apparition of Face and Vase on a Beach* ,1938.

## Dalí u l-influwenza tiegħu fix-xogħol ta' Victor Fenech

Il-pittura 'The persistence of memory' ta' Salvador Dalì għandha bosta interpretazzjonijiet fosthom:

- ✓ L-arloġġi maħlulin fil-poeżija 'The persistence of memory' jirrappreżentaw il-ħin li jgħaddi meta wieħed joħlom iżda meta jqum ma jirrealizzax kemm għadda ħin iżda jiftakar biss memorji mill-ħolma.
- ✓ Il-ħin jgħaddi u ma jistenna lil ħadd.
- ✓ L-arloġġi jirrappreżentaw lill-artist meta kien għadu żgħir u issa li qiegħed jikber il-memorja tiegħu m'għadhiex li kienet u jiftakar biss biċċiet. Iktar ma jikber dejjem jibqa' jiftakar inqas.

Il-poeta Victor Fenech ispira ruħu minn din il-pittura u b'mod simili għat-tielet interpretazzjoni. Il-poeta jgħid li fi żmien partikolari tas-sena, jerġgħu jiġuh ħsibijiet fondi dwar kemm hu bniedem solitarju, tifkiriet li mhumiex daqshekk sbieħ. Il-poeta jqabbel ħsibijietu mal-arloġġi minxura ta' Dalì, ħsibijiet li ilhom misturin fih, iżda issa li kiber, xorta għadhom miegħu.

## Termini Letterarji fil-poeżija 'L-arloġġ ta' Dalì

*ta' Victor Fenech*

vv. 1-3 : **Similitudni**

*"Daż-żmien ħsibijieti jasluli*
*Minxura*
*Bħall-arloġġ ta' Dalì''.*

Hawn il-poeta qiegħed jgħid li f'dan iż-żmien partikolari, jiġuh ħsibijiet li ilhom hemm u qabbilhom mal-arloġġi maħlula tal-pittura 'The persistence of memory'.

vv 4-5*:* **Metafora** *'*Narahom/ ma nħosshomx'.

Il-poeta qiegħed jgħid li ħsibijietu jarahom, iżda ma jistax iħosshom. Il-ħsibijiet ma nistgħux narawhom quddiemna fil-verità iżda jkunu qegħdin jhewdu f'moħħna. Jista' jkun li l-poeta qal li 'jarahom', għax huma tifkiiet stampati ġo moħħu iżda ma jistax iħosshom għax huma tifkiriet li diġà esprejenzahom u għadda ħafna żmien.

*v. 6*: **Antiteżi/kuntrast**: Inħosshom/ma nifhimhomx.

Hawn kuntrast bejn dak li l-poeta qal fil-ħames vers u dan il-vers. Filwaqt li fil-ħames vers il-poeta jgħid li t-tifkiriet ma jħosshomx, fis-sitt vers il-poeta jgħid li jħosshom, iżda ma jifhimhomx. Dan jista' jkun għax ma jistax jifhem għalfejn ġraw ċertu affarijiet. Ħafna drabi fil-ħajja jiġru affarijiet li m'hemmx tifsira għalihom.

**Ċesura**: pawża f'nofs il-ħames u s-sitt vers.

vv. 6-8 *:* **Metafora**

*"u dejjem iżjed niżżerżaq*
*fl-antika mera ta' moħħi*
*fil-kaverna tal-ħolm''.*

Dawn il-versi jindikaw li l-poeta hu kbir fl-età (v.7) u qiegħed jgħid li iktar ma jgħaddi żmien, dejjem qiegħed jiftakar dak li hemm mistur fi ħsibijietu 'v. 8'.

vv. 9-10 : **Anafora**

*"Tifkiriet ċpar tifkiriet*
*mbiegħda".*

*v. 11:* **Allotropu**. Il-kliem 'jinfirxu' u 'jitferrxu' għandhom l-istess tifsira. Dan jagħmel iktar enfasi fuq il-fatt ta' kemm ħsibijietu jinfirxu ġewwa moħħu, kemm jiftakar u jaħseb fil-fond.

vv. 12-13*:* **Duplikazzjoni**, ripetizzjoni tal-kelma 'nirien'.

v. 13: **Antiteżi** : '*silġ-nirien'*.

v. 14: **Personifikazzjoni**. 'il-krajnu jgħafsuli'. Il-ħsibijiet ma jistgħux jagħfsu fuq il-moħħ b'mod tanġibbli. Bniedem jista' jgħafas fuq oġġetti iżda l-ħsibijiet le. Hawn il-poeta qiegħed juri li dawn il-ħsibijiet tant huma fondi 'v. 8' li qegħdin itaqqlulu moħħu.

v. 15: *'f'deżerti jfakkruni'* . Hawn il-poeta qiegħed juri li b'dawn il-ħsibijiet, iktar jiftakar fuq kemm hu bniedem solitarju.

v. 16: **Amplifikazzjoni.** Hawn il-poeta dejjem qiegħed jamplifika s-solitudni tiegħu. Il-fjordi huma dawk l-ispazji li hemm bejn irdum u ieħor li ħafna drabi jirrappreżentaw pass kbir li bniedem irid jagħmel sabiex jirnexxielu jaqsam minn naħa għall-oħra. F'din il-poeżija jista' jkun li l-poeta qiegħed juża din il-kelma sabiex juri li hemm bħal ostaklu fin-nofs li qiegħed jifred naħa minn oħra: it-tifkiriet ifakkruh fi fjordi. Jista' jkun li din tirrappreżenta l-firda minn ma' martu. Dan ukoll juri l-fatt ta' kemm hu bniedem solitarju, maqtugħ mill-kumplament tad-dinja.

Il-kelma 'laguni' għandha effett simili ta' v. 11.

v. 17: **Alliterazzjoni konsonsantali , Onomatopea**: ' fi tkaken itektku'.

**Ritornell:** l-ewwel u l-aħħar strofa. Hemm enfasi fuq il-fatt li f'dan iż-żmien partikolari tas-sena, il-poeta jiftakar tifkiriet li ifakkruh iktar fis-solitudni tiegħu.

**Metafora Estiża** tul il-poeżija kollha.

## Preżentazzjoni diġitali għal waqt il-lezzjoni

### Is-Surrealiżmu

Dan il-moviment tal-arti beda fl-1924 f'Pariġi.



Il-pitturi bdew juru affarijiet fantastiċi, b'karikaturi strambi u dinja tal-ħolm.

L-artisti bdew ipinġu l-ħolm tagħhom u dak li hu mistur ġo fihom b'mod mhux reali.

Dan l-istil t'espressjoni bħal donnu għen lill-artisti sabiex jidħlu fihom infushom u jpinġu l-ħolm tagħhom jew kif jixtiequ li jkunu l-affarijiet.



Artisti li pinġew b'dan l-istil huma Dalì, Magritte u Breton fost l-oħrajn.

## Magritte



## Breton



# Salvador Dalì





Salvador Dalì

Jiena artist Spanjol u twelidt fl-1904.

Ħafna mix-xogħol artistiku tiegħi juri ħsibijieti u l-ħolm tiegħi

Inħobb nibdel kull ma hu reali għall-mod ta' kif nixtieqou jien. B'hekk, noħloq dinja fantastika ġdida, dinja li ma teżistix.



## Pitturi ta' Dalì







**X'qegħdin taraw f'din il-Pittura?**
***Salvador Dali',"Persistance of memory".***






# L-arloġġ ta' Dalì

ta' Victor Fenech.

## L-arloġġ ta' Dali ta' Victor Fenech.




## L-arloġġ ta' Dali' ta' Victor Fenech.



## Xi jfissru dawn il-kliem?

- Flamenka
- Laguni
- Fjordi
- Kranju
- Kaverna



## Iktar dettalji :

### Flamenka :



Tip ta' żfin tradizzjonali li hu ta' oriġini Spanjol/Russu.
Jinżifen mad-daqq tal-kitarra u l-irġiel jilbsu ġlekk u qalziet pulit u n-nisa jilbsu libsa twila bil-frilli.



## Fjordi.

Baħar dejjaq, twil u fond bejn l-irdum jew muntanji li jifforma b'mod naturali bl-ilma ġieri jew bis-silġ mill-muntanji u jispiċċa biex jieħu din il-forma ta' "V".



## Laguni

Baħar vera baxx, separat mill-baħar fond ħafna permezz t'għadd ta' ramel li jidher fil-wiċċ.



## Kranju

L-għadam tar-ras li jipproteġi l-moħħ.



## Kaverna - Għar



Sibu eżempji ta' dawn it-termini letterarji fil-poeżija f'pari u ddiskutu x'effett qegħdin iħallu.

Antiteżi

Anafora

Similitudni

# Termini Letterarji.

Ritornell

Duplikazzjoni

**Agħtuni eżempju għal kull terminu:**

- Similitudni
- Antiteżi
- Duplikazzjoni

# Appendiċi B

## Noti supplimentari għall-għalliema

## tat-tieni lezzjoni

# **Marlene Saliba** (1947- / )

Marlene Saliba twieldet f'Santa Venera u meta kellha disa' snin, marret tgħix ġewwa l-Furjana mal-familja tagħha. Hemmhekk, hi damet tgħix madwar disa' snin oħra u kien dak iż-żmien li bdiet tikteb l-ewwel kitbiet tagħha. Illum il-ġurnata hi tgħix Santa Lucia u f'intervista li kellha mal-gazzetta *Malta Independent* (2010), Saliba stqarret li fejn toqgħod hu post kwiet ħafna, post ideali biex tikteb.



Saliba minbarra li tikteb il-poeżiji, hi tikteb ukoll kitbiet fit-tul dwar il-paċi, l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, fuq il-konservazzjoni tal-ambjent u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Saliba tgħid li tispira ruħha minn dak kollu li tara madwarha bħall-ambjent u bini Malti kif ukoll minn nies li huma qrib tagħha. Għal Saliba, kull ma jispirha, anke sempliċiment fjura jew siġra, donnhom jiktbulha l-poeżija huma bl-ispirazzjoni u l-effet li jħallu fuqha.




Minbarra li l-kitba ta' Saliba tiddependi ħafna mill-ispirazzjoni tal-madwar, Saliba tikteb ukoll kitbiet li jirrikjedu riċerka bħall-poeżiji tal-ktieb *Xbihat tal-Antenati –Ancestral Visions* (2011), kitbiet li jinkludu bini Malti li jġorr miegħu kulturi u esperjenzi differenti. Għaliha, hu importanti li tkun taf dwar l-istorja tal-post. Sabiex tispira ruħha iktar, Saliba ta' spiss tmur Għawdex sabiex iżżur it-tempji Neolitiċi. Hemm hi tgħid li tħossha eqreb lejn l-għeruq tagħha. Hi tħobb ukoll timmedita ħdejn il-baħar jew bil-lejl għad-dawl tal-qamar. Hi tħoss li dawn l-affarijiet naturali jistimulawlha l-kitba tagħha b'mod naturali.

Marlene Saliba hi gradwata mill-Università ta' Malta, fl-Ingliż. L-imħabba li għandha lejn dan is-suġġett tinħass qawwi fil-bżonn li tħoss li tittraduċi kull poeżija li tikteb bil-Malti għall-Ingliż. Hi tħoss li poeżja qatt ma tkun kompluta qabel ma tkun inkitbet biż-żewġ lingwi: bil-Malti u bl-Ingliż. It-tema tal-ambjent Malti tal-qedem tidher ta' spiss f'kitbietha. Il-poeżija 'Xbihat taż-żmien' hi waħda minnhom.

# Brian Grima



Brian Grima twieled fit-22 ta' Mejju, 1965. Minn ta' età żgħira, wera interess kbir fl-arti. Fl-1987 studja ġewwa l-iskola tal-Arti fil-Belt Valletta, Malta, u iktar tard, fl-1991 kompla jistudja ġewwa Firenze, fl-Italja, fl- 'Accademia di Belle Arti'.

Tul ħajtu l-artist għamel diversi esebizzjonijiet bejn l-1989 u l-2014, b'total ta' sittax-il waħda. Xogħlu jinsab kemm f'kollezzjonijiet Maltin kif ukoll f'oħrajn barranin.



*Figura 1.1: Capriccio, Brian Grima, 2014, żejt fuq it-tila*

## *L-istil tal-artist*

Fl-arti ta' Grima wieħed jista' jinnota l-ispirazzjoni qawwija tal-wirt artistiku Malti. F'ħafna mill-pitturi tiegħu nsibu s-swar u bini ieħor importanti.

L-arti ta' Grima hi dettaljata u tidher reali minkejja li ta' spiss ipinġi b'mod immaġinattiv. Kważi f'kull xogħol artistiku daħħal il-bini u ta' spiss jidhru figuri liebsin l-għonnella, li hu tip ta' lbies tipiku Malti li kien jintlibes min-nisa fl-imgħoddi.

## *Is-sensiela ta' pitturi bl-isem 'Capriccio'*

Il-kelma 'Capriccio' tfisser xogħol artistiku li hu mħallat b'affarijiet reali ma' dawk immaġinarji. B'ispirazzjoni qawwija mill-moviment tas-Surrealiżmu, speċjalment mill-artist Salvador Dalì (ara figura 1.2), Grima pinġa l-arkitettura Maltija b'mod ġdid u fantastiku għall-aħħar. Ħafna minn dawn il-pitturi tahom it-titlu *Capriccio*. Dan wettqu billi pinġa bini dinamiku u immaġinarju li ta' spiss ħalltu ma' postijiet varji Maltin kif ukoll barranin (ara figura 1.1).





Figura 1.3: Parti mill-Belt Valletta, taħlita' ta' bini minn perjodi differenti.

B'dan il-mod, Grima jagħti xejra ġdida lill-post, bħalma llum il-ġurnata naraw b'mod

Figura 1.2: Pass 'il bogħod, Brian Grima, 1994

simili ta' dak li qed jiġri fl-arkitettura tal-Belt Valletta, filli tara binja ta' żmien il-Kavallieri, u filli tara binja ta' llum il-ġurnata (ara figura 1.3).

## Pitturi oħra mis-sensiela

### *Capriccio*











# Il-pittura 'Capriccio' u l-ispirazzjoni tagħha

*fil-poeżija 'Xbihat taż-Żmien' ta' Marlene Saliba*



*Figura 1.4 Capriccio, Brian Grima, 1997, żejt fuq it-tila, 50x100cm*

Waħda mill-pitturi tas-sensiela 'Capriccio' ta' Grima, ispirat lill-poetessa Maltija Marlene Saliba sabiex tikteb il-poeżija 'Xbihat taż-żmien'. Dan tgħidu hi stess fil-ktieb tagħha 'Xbihat tal-Antenati' fejn tgħid li meta żaret l-esibizzjoni ta' Grima 'Theatrum Melitensei' fl-1997 ġewwa l-Mużew Nazzjonali tal-Arti tal-Belt Valletta, ispirat ruħha sew minn din il-pittura tant li kitbet poeżija dwarha bit-titlu ta' 'Xbihat taż-Żmien'.



*Figura 1.5*

Din il-pittura turi bini Malti minn perjodi differenti: is-swar Malti; it-tempji Pre-istoriċi u bini ta' żmien il-Barokk li ta' spiss naraw fil-knejjes Maltin. Il-pittura hi dettaljata ħafna u turi ambjent kalm, ambjent li joffrulek it-tempji, postijiet bħall-Imdina u l-knejjes Maltin. Bejn kull perjodu hemm għadd ta' sekli. B'dan il-mod, il-pittura tista' tinqasam fi tlett partijiet (ara figura 1.5). Kull parti turi ġenerazzjoni ta' nies differenti, li bnew bini tipiku skont il-bżonn ta' dak iż-żmien. Dawn il-binjiet tqiegħdu apposta b'dan il-mod mill-artist u dlonk iġiegħlu lill-visitatur jaħseb u jirrifletti fuq il-ħajja tan-nies ta' żminijiet differenti: x'ħajja kellhom u forsi kif tvarja minn perjodu għall-ieħor.

Fil-poeżija 'Xbihat taż-Żmien', naraw li l-poetessa ħadet mawra ġewwa l-millenji li għaddew tul is-snin f'Malta mentalment. Bħalma bniedem jimxi ġewwa l-pittura ta' Grima, b'mod simili l-qarrej jista' jimxi ġewwa l-poeżija ta' Ganado, bi kliem u użu ta' punteġġjatura li jħalli lill-qarrej jimmaġina xena simili ta' din il-pittura. Bħalma *Capriccio* tħalli lill-visitatur jaħseb u jirrifletti fuq il-ħajja umana, l-istess tagħmel il-poeżija ta' Saliba, billi l-poetessa tevalwa s-snin u tikkonkludi li l-misteru tal-għixien, ma jinbidel qatt (vv.30-32).

# Termini u metrika tal-poeżija

## Xbihat taż-żmien

*ta' Marlene Saliba*

(Mill-ktieb : Xbihat tal-Antenati, ispirata mill-pittura ' Capriccio' ta' Brian Grima)

**v.1**: Il-poeżija hi fl-ewwel persuna femminil 'ħafja'.

**vv.2-3**: 'blat… ċagħak… bebbux… ramel… ġebel ċkejken…': kollha kuma parti min-natura, affarijiet naturali.

**L-użu tal-Punteġġjatura:** Din għanda importanza kbira fil-poeżija. Sa' mill-ewwel vers il-qarrej iħoss il-bżonn li jieħu pawżiet differenti. Bħalma fil-pittura 'Capriccio' ta' Grima trid il-ħin biex tħares minn binja għall-oħra, l-istess il-kitba. L-istil ta' Saliba, jġiegħel lill-qarrej jimmaġina lilu nnifsu miexi ġewwa l-millenji taż-żmien, filwaqt li jipprova jifhem ħsibijiet il-poetessa.

**Ċesura**: pawża f'nofs il-vers. Din tidher ta' spiss matul il-poeżija (vv2-3, vv.11-12, vv.15-16, vv.19-20, v.25, v.44, v.46).

**v. 6** : Personifikazzjoni

**vv. 7-8**: Metafora. Ma tistax timxi ġo moħħok u l-anqas tmur minn millenju għall-ieħor. Il-poetessa qiegħda tagħmel dan billi tiftakar, taħseb jew timmaġina. Kollox qiegħed isir fil-moħħ.

**vv. 9-10**: Il-poetessa qiegħda tgħid li qed tipprova timxi ġewwa l-millenji taʾ ġografija li dejjem rat bidla billi taħseb, tiftakar, jew tuża l-informazzjoni li tgħallmet hi. Jekk wieħed iħares lejn l-arkitettura ta' żmien il-Pre-Istorja sa' llum il-ġurnata, b'mod faċli jista' jinnota x'bidla ra l-bini: minn għerien sa tempji u *skyscrapers*; kastelli; knejjes u l-bqija...

Il-poetessa bdiet il-poeżija billi tgħid li miexja fuq il-blat, iċ-ċagħak u r-ramel, oġġetti li abli kienu parti minn xi binja ta' żmien ilu, partijiet ta' bini li ħallew l-għeliem ritmiċi, għax maż-żmien kollox jiġġarraf u dak li hu naturali jerġa jitwaħħad man-natura, bħalma dak li xi darba kien parti minn binja, issa sar parti mill-art (eż: ir-ramel).

**vv. 11-12**: Anadiplosi. Din qed tagħmel enfasi fuq il-fatt li għaddiet minn staġuni differenti.

**v. 15**: Antiteżi. Il-poetessa daqqa qed tgħid li hi friska, daqqa li hi għajjiena u daqqa li hi b'saħħitha fl-istess vers. Dawn juru bidliet fis-saħħa tal-persuna.

**v. 16**: Antitieżi. Hemm bidla fl-età tal-persuna. Jekk din il-persuna filli żagħżugħa, filli xjaħet u filli reġgħet ġiet żagħżugħa, hemm ċans li qed isseħħ ir-riinkarnazzjoni. Persuna normali ma tistax tgħix għal millenji sħaħ, normalment sa' mitt sena, seklu wieħed. Jista' jkun li qed titkellem persuna li wara l-mewt tagħha dejjem qed titwieled mill-ġdid u dejjem qiegħda tara bidla sħiħa

minn seklu għall-ieħor, minn żmien in-Neolitiċi għal dawk Paleolitiċi. Il-pittura 'Capriccio' ta' Brian Grima, b'mod simili, li kieku persuna kienet preżenti miexja f'dik il-pittura, hi u miexja tista' tara l-bidla ġeoloġika taż-żmien. Hemm it-tempji ta' żmien il-Ħaġar; hemm is-swar li nbena fi żmien il-Kavallieri; il-knejjes u binjiet importanti ta' żmien il-Barokk. Dan juri li l-bini kien dejjem skont il-bżonn ta' dak iż-żmien u l-mentalità tal-poplu.

**v.19**: Antiteżi

**v.20** : Bidla fiż-żmien: 'tifla… mara… xiħa… tifla' – (riinkarnazzjoni ?).

**v.21**: 'Il-ħin kollu għanja'. Jista' jkun li matul iż-żmien dejjem kienet kuntenta. Il-kelma 'għani' tfisser sinjur, imma jista' jkun li l-perusna kienet għanja fil-kuntentizza, jew forsi hi referenza għall-ġebel stess, mela għal Malta? Jista' jkun li dik il-mara tal-bidu hi referenza għal Malta. Mela Malta daqqa hi tifla u daqqa xiħa għax il-bini filli hu ġdid u maż-żmien isir ċagħak u ramel (vv.2-3), iżda minn seklu għall-ieħor dejjem qed jitwieldu nies ġodda u jibnu bini ġdid mela Malta dejjem kienet għanja ġeoloġikament.

Hu u jaqra l-qarrej l-ewwel jimmaġina li hi l-poetessa stess li qed tirrakkonta billi tiftakar iżda mbgħad tagħti l-ħjiel ta' riinkarnazzjoni u iktar tard jibda jaħseb li jista' jkun li Malta qiegħda titkellem (interpretazzjonijiet differenti).

**v.23** :Metafora.

**v.26**: Metafora, referenza għaż-żmien li dejjem għaddej u ma jieqaf qatt.

**vv.27-28**: Metafora. Il-ġisem m'għandux blat. Mill-ħsieb li din il-poeżija tista' tkun referenza għal Malta, reġa' lura fuq il-fatt li jista' jkun li din hi dwar il-poetessa stess, ħsibijietha. B'din il-Metafora jista' jkun li qed tgħid li ġisimha ra xi tibdil għax issa m'għadhiex żgħira, iż-żmien għaddej minn fuqha.

**v.29**: Personifikazzjoni, referenza għaż-żmien li hu dejjem għaddej u ma jieqaf qatt.

**v.30**: Il-poetessa jista' jkun li nqdiet b'din il-poeżja sabiex tipprova tifhem x'inhu l-misteru tal-għixien billi tipprova timmaġina li hi għixet f'sekli differenti u nnutat li dan il-misteru dejjem baqa' l-istess: min jitwieled u min imut iżda r-rota dejjem tibqa' ddur għax il-bini li ġġarraf u sar ramel, bini ieħor tela' minfloku u wara l-mewt ta' persuna, twieldet oħra ġdida.

**vv.34-38**: Referenza għal Malta. Dawn il-versi jneħħu l-possibiltà li l-persuna li qiegħda titkellem (v.1) hi Malta. Issa hu iktar ċar li l-persuna li qiegħda tirrakkonta ħsibijietha hi l-poetessa u qiegħda taqsam mal-qarrej dak li hu mistur 'ġewwa l-fond sieket' ta' moħħha (v.6).

**vv.39-43**: Il-poetessa qiegħda tgħid li qiegħda tevalwa/taħseb dwar il-vjaġġ tagħha tul dawn is-sekli kollha, qishom ma jridu jispiċċaw qatt. Sekli li setgħu kienu biss ftit sekondi fi żmien każmiku. Iż-żmien kożmiku hu differenti minn dak tad-dinja. Għalina seklu hu ħafna snin iżda għaż-żmien ta' kif jiġi kkalkulat fl-Univers, abli hu ftit. Għall-poetessa, dawn is-sekli kollha li għaddew minn żmien il-Ħaġar sa' llum il-ġurnata, abli huma biss il-bidu jew dehra qasira tal-eternità. L-eternità

hi l-ħajja ta' wara l-mewt. Mela jista' jkun li dawn il-versi jridu jwasslu l-fatt li għall-poetessa, dak li qed jistenniena wara l-mewt, hu ħafna ikbar minn dawk is-snin tal-ħajja ta' uman.

## Interpretazzjoni:

Jista' jkun li forsi l-poetessa qiegħda taħseb dwar il-millenji kollha li għaddew, tipprova tiskopri l-misteru tal-ħajja: min jitwieled u min imut, iżda l-ħajja dejjem baqgħet għaddejja. Din l-evalwazzjoni (v.39) wasslitha sabiex tifhem li l-ħajja ta' uman hi qasira wisq ħdejn il-ħajja li qiegħda tistenniena wara l-mewt, l-eternità.

Riżorsi għall-ewwel attività tal-lezzjoni









**Preżentazzjoni diġitali għal waqt il-lezzjoni**

# Attività f'pari



# L-artist Brian Grima





Twelidt fit-22 ta' Mejju, 1965. Illum il-ġurnata, għandi 52 sena.
Ispirajt ruħi mill-perjodu tas-Surrealiżmu, speċjalment mill-Artist Salvador Dali. Din l-ispirazzjoni tidher sew f'xogħli.
Studjajt l-arti kemm fl-iskola tal-Arti f'Malta ġewwa l-Belt Valletta kif ukoll fl-Akkademja 'di Belle Arti' f'Firenze fl-Italja.
Ħafna mix-xogħlijiet tiegħi jinkludu l-arkitettura Maltija. Bis-sensiela ta' pitturi bl-isem *Capriccio*, urejt bini Malti b'mod fantastiku u Surreali.




Xi pitturi ta' Brian Grima

Mitluf fl-oċeani taż-żmien



Frammenti



Li tkun, jew li ma tkunx



Pass 'il bogħod



## Dalì kontra Canaletto

# Xi tfisser il-kelma *Capriccio* ?

## *Giovanni Paolo Panini, Capriccio*

'Capriccio' fl-arti tfisser meta l-artist ipinġi l-arkitettura b'mod fantastiku u immaġinarju.



F'din il-pittura, Panini għaqqad l-iktar monumenti importanti tal-Italja: mhumiex vera ħdejn xulxin b'dan il-mod. Din il-pittura hi biss invenzjoni tal-artist, pinġiha kif xtaq hu.


'Capriccio' (1997) , ta' Brian Grima


Is-swar ta' Malta, fortifikazzjonijiet
Parti mit-tempji ta' żmien il-ħaġar
Bini ta' żmien il-Barokk











## Marlene Saliba
(1947 - / )

Jiena poeta u noqgħod Santa Lucia. Ilni kiteb minn mindu kelli madwar tmintax-il sena. Kull ma nara madwari jispirani sabiex nikteb, anke jekk nara fjura fi ġnien.



Inħobb nagħmel ir-riċerka dwar it-tempji u l-istorja ta' Malta, nżur it-tempji Maltin u Għawdxin u nikteb poeżiji dwarhom. Uħud minn dawn il-poeżiji jinsabu fi ktieb li ktibt jiena 'Xbihat tal-Antenati- Ancestral Visions' (2011).


Xbihat tal-Antenati
Ancestral Visions
POEZIJI / POEMS
MARLENE SALIBA
Jiena gradwajt mill-Università ta' Malta fl-Ingliż. Bl-imħabba kbira li għandi għal din il-lingwa, nħobb nittraduċi kull poeżja li nikteb bil-Malti għall-Ingliż. Tistgħu ssibu poeżiji ta' dan it-tip fi ktieb li ktibt jiena fl-2011 : Xbihat tal-Antenati- Ancestral Visions.


Xbihat taż-Żmien
ta' Marlene Saliba
Xi tfisser il-kelma xbiha?


Capriccio fil-poeżija 'Xbihat taż-Żmien'
ta' Marlene Saliba
Pittura
Poeżija
Sibu xi kliem mill-poeżija li qiegħed ukoll fil-pittura


"It-tgelgil bla hedu taż-żmien
iseħibni wkoll mal-misteru
tal-għixien
li ma jinbidel qatt."

# Appendiċi Ċ

## Noti supplimentari għall-għalliema

## tat-tielet lezzjoni

# **Emvin Cremona** (1919-1987)



Emvin Cremona twieled il-Belt Valletta fis-sebgħa u għoxrin ta' Mejju, 1919. Cremona hu artist Malti li ħalla impatt qawwi fl-arti Maltija, speċjalment f'dik li tinsab fil-knejjes Maltin.

Minbarra li studja l-arti fl-iskola tal-arti tal-Belt Valletta taħt l-artisti Edward Caruana Dingli u Karmenu Mangion kif ukoll fi 'School of nude' taħt Josef Kalleja, Cremona studja wkoll fl-Italja, fl-'Accademia delle Belle Arti', f'Londra, kif ukoll f'Pariġi.

Cremona hu meqjus bħala l-aqwa artist tas-seklu għoxrin. Xi pitturi minn tiegħu jinsabu fil-knisja tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex, fil-knisja parrokkjali tal-Imsida, fil-mużew nazzjonali tal-arti (NMFA) tal-Belt Valletta u pitter l-koppla u s-saqaf tal-knisja ta' San Gejtanu tal-Ħamrun fost oħrajn.

Fi żmienu, l-iktar artisti li jagħmlu suċċess kieku dawk li jaħdmu għall-knisja. Għalkemm Cremona kien ta' suċċess f'dan il-qasam, kabbar is-suċċess tiegħu anke barra minn Malta. Esibixxa xogħlu f'għadd t'esibizzjonijiet, fosthom fil-'Commonwealth Institute Art Gallery' f'Londra. F'dawn l-esibizzjonijiet, Cremona qatt ma wera pitturi bħalma kien ipitter fil-knejjes. Ix-xogħlijiet tal-wirja kienu juru l-iktar esperimenti u xogħol astratt u modern li kien jagħmel. Minbarra l-esibizzjonijiet li għamel, Cremona għandu wkoll xogħol fil-kwartieri ġenerali tal-Ġnus Magħquda ta' New York u fil-WHO (World Health Organization) ta' Geneva.



*Pittura t'Emvin Cremona fil-knisja ta' Pinu, Malta*

Għalkemm kien ipitter fil-knejjes, l-arti tiegħu kienet waħda unika meta mqabbla ma' pitturi t'artisti oħrajn bi stil Barokk. L-arti ta' Cremona hi moderna, b'tiżwiq ta' ħafna kuluri li fi knisja toffri sens ta' trankwilità, ferħ u serenità. Minbarra l-fama kbira għall-pitturi li għamel fil-knejjes, Cremona hu wkoll magħruf għax-xogħol li għamel fuq il-bollol Maltin kif ukoll fuq id-disinji li għamel għaċ-ċelebrazzjonijiet Pawlini.

# Xi xogħlijiet ta' Emvin Cremona



Astratt, medja mħallta tas-seklu 20, propjetà tal-Heritage Malta.



Xena ta' bini storiku u turġien, inka, tinsab l-Ingilterra.



Is-solennità tal-Annunzjoni, il-knisja ta' Pinu, Għawdex'




Il-bolla ta' Malta, impittra minn Emvin Cremona

# Il-pittura ‘Raħal/barriera’

*ta’ Emvin Cremona*



Il-poeżija ‘Raħal/barriera’ ta’ Victor Fenech ġiet ispirata mill-pittura ‘Raħal/barriera’ tal-artist Emvin Cremona, pittura li hi propjetà ta’ Fenech stess. Dan jgħidu l-poeta fil-ktieb tiegħu Sangraal (p.26).

Emvin Cremona għamel għadd ta’ pitturi b’dan l-istil. Il-linka sewda kienet waħda mill-medja li kien iħobb juża f’xogħlu.

Din il-pittura turi għadd ta’ kaxxi: kaxxi fuq kaxxi u kaxxi ġo kaxxi. Fuq nett hemm disinn tipiku ta’ raħal li nsibu f’Malta bil-koppla u l-bini. Ir-raħal jidher ferm żgħir ħdejn il-kobor tal-kaxxi. Il-kulur tiegħu hu ċar ħafna wkoll meta kkumparat mal-oskurità tal-kaxxi/barriera.

Jekk wieħed jikkunsidra t-titlu ‘Raħal/Barriera’ u jaqra l-poeżija ta’ Fenech li inkibtet b’ispirazzjoni għal din il-pittura, jista’ jinterpreta li r-raħal f’din il-pittura hu ċar għax hemm issib id-dawl (vv.11-18). Fih tagħraf il-verità u tiskopri l-ħażen tal-ħajja.

Meta l-bini jidher żgħir f’pittura, jindika li hu ‘l bogħod ħafna, mela jista’ jkun li l-barriera hi kbira u fonda ħafna ħdejn ir-raħal t’hemm barra, għax tant il-barriera hi fid-dlam, tant hemm mentalità magħluqa li ċ-ċans li l-poplu joħroġ minnha hu ftit ħafna.

Il-barriera qisha magħmula minn saffi. L-aħħar saff jista’ jkun li qiegħed jirrappreżenta l-iktar post oskur tar-raħal. Mill-banda ‘l oħra, il-kaxxa l-bajda li tinsab fil-kaxxa s-sewda ta’ fuq, jista’ jkun li tirrappreżenta dik il-parti tal-poeżija fejn il-poeta jiddeskrivi lir-raħal bħala ‘barriera sentinella’ (v.3), qisha l-kaxxa s-sewda qiegħda tipproteġi lill-kaxxa l-bajda, lill-poplu tar-raħal. Il-barriera qed iżżommu mill-qilla t’għarfien infinit li jinsab ‘il barra minn dawn il-kaxxi, ‘il barra mill-barriera, fir-raħal ta’ fuq nett tal-pittura.

B’mod simili għal din il-mentalità hi t-teorija ta’ Platun, ‘L-Allegorija tal-Għar’ fejn Platun jiddeskrivi lin-nies bħala skjavi ġo għar, marbutin b’katini u ma jistawx jiċċaqalqu. L-unika affarijiet li jaraw quddiemhom huma d-dellijiet ta’ oġġetti u nies li kienu jagħmlu n-nies u l-annimali stess li kienu jgħaddu minn warajhom; referenza li għal min għadu fid-dlam mentalment, għadu mhux qed jara ċar, għadu m’għarafx il-verità x’inhi, qisu qiegħed jgħix f’gidba. Meta wieħed mill-iskjavi jinħall u jixref ‘il barra mill-għar, ra li kulma ra qabel kien biss illużjoni, dellijiet, u issa beda jara l-oġġetti u n-nies kif vera jidhru. Għall-ewwel

ħassu mkexkex b'dak li ra, bħalma ġralu l-poeta fil-kobor tal-bur. Id-differenza bejn din l-allegorija u l-poeżija ta' Fenech hi li l-iskjav li ħarab mill-għar tat-teorija, wara ftit żmien irnexxilu jaddatta ruħu għal dak li sab u mar lura fl-għar biss bl-għan li jgħin lil sħabu jiksbu l-libertà assoluta huma wkoll filwaqt li l-poeta jew l-personaġġ tal-poeżija mar lura fir-raħal/barriera għax ma kienx lest għal dak li sab, irtira 'mriegħex mill-fondoq tal-bur' (v.21) għax ra li t-triq kienet isserrep u twila u l-viżjoni kienet imċajpra (vv.19-20).

Għalkemm il-poeta għaraf li hemm barra kien hemm 'għarfien infinit' kellu jerġa lura lejn 'ċokon ir-raħal', jew aħjar 'barriera sentinella', dik li kienet qed iżżommu milli jkompli l-mawra tiegħu biex jiskopri iktar, u jintellettwa ruħu.

Il-kaxxi ta' Cremona juru biċ-ċar l-effett li jħallu fuq il-poplu, il-poplu għadu fid-dlam, dlam li mhux faċli toħroġ minnu. Il-poplu għadu wisq f'qiegħ il-barriera fonda u mhux lest li joħroġ hemm barra, li jitla' l-barriera u jilħaq lir-raħal ta' fuq nett tal-pittura, li jiskopri l-għarfien infinit (v.31).

## It-termini u l-metrika tal-poeżija

**vv.1-3**: **Anafora**. Hemm enfasi fuq id-deskrizzjoni tar-raħal. Ir-raħal li hu ċkejken u kwiet u qed jiġi mqabbel ma' barriera fonda u siekta.

**v2**: **Personifikazzjoni**. Referenza għall-fatt ta' kemm ir-raħal hu sieket.

**v3**: **Metafora.** Ir-raħal qed jiġi mqabbel ma' ċittadella. Iċ-ċittadella hi fortifikazzjoni u toffri protezzjoni għal dak li hemm ġo fiha. Mela dan ir-raħal qisu għandu xi ħaġa li qed tipproteġih minn dak li hemm barra, jew aħjar, bħalma ntal fi v.31, ir-raħal qed iżomm lill-poeta minn 'għarfien infinit'**.**

> **Metafora**: 'barriera sentinella'. Ir-raħal qed jiġi mqabbel ma' barriera fonda li qiegħda għassa għal dak li jiġri barra mir-raħal sabiex ma tħallihx jidħol 'il ġewwa. (Interpretazzjoni: donnu min jiggverna lil dan ir-raħal, irid li n-nies jibqgħu lura fil-mentalità u ma jsirux intelliġenti).

**v4**: Referenza għax-xemx.

**v.5**: **Personifikazzjoni**. Ix-xemx ma tkunx għajjiena u ma tgħeriqx bħan-nies. Hi referenza ta' kif iħossu l-poplu fl-eqqel tas-sħana, f'Awwissu fil-ħin ta' nofsinhar: għajjien u bl-għaraq ixoqq minnu, speċjalment min jaħdem fir-raba' (v.6 – fuq il-bur u fuq ir-raħal: referenza għan-nies).

**v.7**: **Personifikazzjoni**. Referenza għall-fatt li x-xemx speċjalment fl-eqqel t'Awwissu, lin-nies tħeddilhom, tgħajjihom u tqabbadhom in-ngħas.

**v.9**: **Metafora**. Il-fosdqa hi dik li tipproteġi lid-dudu sakemm jikber u jsir farfett. Meta jsir farfett, ikun jista' joħroġ minnha. B'mod simili, il-poeta meta ħassu lest, ħareġ 'il barra mir-raħal.

**vv. 11-18**: Anafora. Fl-għaxar vers il-poeta jgħid li ntilef fil-kobor li ra. F'dawn il-versi, il-poeta bl-użu tal-Anafora jenfasizza dwar x'ra lil hinn mir-raħal tiegħu, x'esperjenza.

**v. 11**: **Antiteżi**. L-opak hu dak li ma jgħaddix minnu d-dawl filwaqt li l-luċenti hu dak li jgħaddi d-dawl minnu. Dan il-vers jista' jkun referenza għall-fatt li fil-ħajja nesperjenzaw affarijiet li nkunu nafu dwarhom jew inqas dwarhom: esperjenzi ta' dak li hemm fil-konxju u fl-inkonxju (v.12). Jista' jkun li l-poeta 'il barra mir-raħal għaraf dak li hu tassew hu, daħal fih innifsu u skopra affarijiet ġodda fuqu.

**v. 13**: Il-yin u yang jiffurmaw parti minn simbolu t'oriġini Ċiniża. Dan is-simbolu juri li f'dak li hu tajjeb se ssib ftit ħażin u fil-ħażin se ssib ftit tajjeb. Mela l-poeta għaraf li l-ħażen tal-ħajja jinsab kullimkien, anke fl-iktar nies jew komunità tajba filwaqt li għaraf li anke l-iktar nies ħżiena għandhom ftit kwalitajiet tajbin.

*Il-mawra ta' barra mir-raħal* : il-poeta għaraf it-tajjeb mill-ħażin , tgħallem iktar il-ħażen tal-ħajja u li fil-ħajja, bħalma tagħmel jagħmlulek (v.15).

**V . 17**: Antiteżi

**vv . 19-20**: Il-poeta jgħid li għalkemm skopra dak kollu li qal fil-versi vv.11-18 barra r-raħal, it-triq hi twila ħafna u l-viżjoni hi mċajpra tant li maħsud b'dak li skopra, esperjenza u ra, b'sogħba kbira, l-poeta kellu jerġa lura għall-ħajja tar-raħal għax ma kienx lest għall-ħajja t'hemm barra. Iċ-Ċittadella/il-barriera ħallew wisq impatt fuqu, żammewh mill-qilla 't'għarfien infinit' għal żmien twil wisq.

**V .22**: Iperbole. Il-poeta qed jesaġera fuq il-fatt ta' kemm sabha bi tqila li wara dak li skopra, se jkollu jerġa lura lejn ir-raħal ċkejken, raħal magħluq fl-oskurità, b'mentalità magħluqa li skont hu, qieghed iżommu milli jkun intellettwali, milli jagħraf il-verità, dak li hu sewwa (v.31).

Fil-poeżja hemm kuntrast qawwi bejn il-ħajja ta' barra r-raħal, li toffri għarfien infinit u ċ-ċokon ta' raħal li hu mqabbel ma' barriera fonda u mudlama jew ċittadella għax in-nies ta' ġor-raħal għadhom wisq lura mentalment, tant li jsibuha diffiċli biex jimirħu 'il barra minnu.

**v.26**: Metafora, referenza għall-għawġ, għax dejjem jara x'jinqala'.

**v.27**: Ritornell, ripetizzjoni ta' v.21. Il-poeta inqeda bir-Ritornell biex jagħmel enfasi fuq il-fatt ta' kemm kellu jitlaq mill-fondoq tal-bur, għax ma kienx lest għal dak li sab' it-triq isserrep twila'.

**v.28**: Metafora. Bniedem ma jistax jidħol fil-fosdqa li joħroġ minnha farfett. Din hi referenza għall-fatt li dan il-bniedem se jkollu jerġa lura fil-post ta' fejn twieled, post li żammu protett u 'il bogħod mill-għarfien sakemm kiber, lura lejn iċ-ċittadella/ir-raħal/il-barriera sentinella.

**v.30**: Metafora. Referenza għall-fatt li l-poplu għadu injorant, għadu fid-dlam u dan qed iżommu 'il bogħod 'mill-qilla t'għarfien infinit'.

## Preżentazzjoni diġitali għal waqt il-lezzjoni






# Emvin Cremona



1. Fi żmieni l-iktar artisti li jagħmlu suċċess kienu dawk li jpittru fil-knejjes Maltin, iżda jiena minbarra li rnexxieli nagħmel dan, ksibt ukoll fama internazzjonali.

2. Inħobb inpinġi b'ħafna kuluri u bi stil modern, li jispikka ħafna ħdejn pitturi oħra tal-knejjes Maltin.

3. Minbarra li esibixxejt xogħli f'Londra, għamilt ukoll xogħol fil-kwartieri ġenerali tal-Ġnus Magħquda ta' New York u fil-WHO (World Health Organization) ta' Geneva.

# L-artist hu magħruf ukoll barra minn Malta



Xena ta' bini storiku u turġien, inka, tinsab l-Ingilterra

## Il-linka hi medja użata ta' spiss f'xogħlu





## Cremona pitter ukoll fil-knejjes Maltin u Għawdxin

## Il-kuluri vivaċi tawh karattersitika unika bħala artist





*Pitturi fil-knisja ta' Pinu,* Għawdex

## Cremona pitter ukoll il-bollol ta' Malta fl-1968




Raħal/Barriera
*ta' Emvin Cremona*





# Raħal/Barriera

ta' Victor Fenech

## Attività f'pari: Xi jfisser dan il-kliem tal-poezija?

- Yin
- Yang
- Bur
- Opak
- Luċenti
- Konxju
- Inkonxju
- Ka
- karma



Attività: Sibu xi eżempji ta' anafora mill-poeżija u araw x'effett qiegħda tħalli fil-poeżija.



Attività: Sibu xi eżempji ta' ritornell mill-poeżija u araw x'effett qiegħda tħalli fil-poeżija.



## ‘nirtira mriegħex mill-fondoq tal-bur’

(v. 21, v. 27).

## L-allegorija tal-għar tal-filosofu Platun



# Appendiċi D

## Noti supplimentari għall-għalliema

## tar-raba’ lezzjoni

# Guernica



Ir-raħal ta' Guernica f'Basque, fit-tramuntana ta' Spanja, mġarraf wara li n-Nażi tefgħu l-bombi fl-1937.

Guernica hu post f'Basque fit-tramuntana ta' Spanja. F'April tal-1937, ajruplani tal-gwerra Germaniżi mmexxija minn Hitler tefgħu l-bombi fuq Guernica sabiex jippruvaw l-armi l-ġodda li kellhom. Damu jitfgħu l-bombi għal sagħtejn sħaħ u dan spiċċa qered 70% tal-bini filwaqt li kwart tal-popolazzjoni spiċċaw mejta jew midruba innoċentament.

L-artist Spanjol Pablo Picasso, meta sar jaf b'dan l-eveniment xokkanti, wieġeb għalih permezz tal-pittura enormi bit-titlu ta' Guernica u lestiha xahar wara l-attakk. Din il-pittura ġiet murija fil-pubbliku għall-ewwel darba fil-fiera ta' 'Spanish Pavilion', f'espożizzjoni internazzjonali f'Pariġi u kienet akkumpanjata minn dokumentarji u ritratti tal-brutalità tal-faxxisti fil-gwerra ċivili. Din l-opra artistika xxukkjat lill-poplu li attenda din il-lwirja. Il-forza armata ta' Spanja bgħatet din il-pittura f'pajjiżi differenti sabiex iġġibhom konxji ta' x'ġara f'Guernica u x'inhu jiġri fil-gwerra ċivili ta' Spanja. Il-pittura damet iddur mad-dinja għal dsatax–il sena sħaħ.



Pablo Picasso (1881-1973)

Illum il-ġurnata din il-pittura qiegħda f'*Reina Sofia* fil-mużew nazzjonali tal-arti moderna f'Madrid, Spanja. Din il-pittura għandha identità monumentali, u n-nies iħarsu lejha bħala l-fakra tat-traċedja ta' Guernica. Il-pittura hi ta' daqs enormi (3.54m x 7.83m) u hi mpittra biż-żebgħa taż-żejt fuq tila. Din il-pittura hi l-iktar waħda famuża mix-xogħol ta' Picasso.

# Guernica

*Pittura ta' Pablo Picasso*

Guernica hi pittura drammatika li hi fakra ta' dak li ġara fit-traċedja tal-1937 ġewwa Guernica fi Spanja. Il-kuluri użati huma l-iswed u l-abjad. Skont Picasso, n-nuqqas ta' kulur f'din il-pittura li hi enormi, turi l-oskurità u l-brutalità ta' dak li ġara. Il-kobor ta' din il-pittura tiġbed l-attenzjoni tal-poplu. Skont Picasso, il-barri fil-pittura jirrappreżenta lill-faxxisti li wettqu l-attakk fuq Guernica filwaqt li ż–żiemel jirrappreżenta lill-poplu ta' Guernica.



Il-pittura turi emozzjonijiet intensivi: il-mara bit-tarbija f'ħoġorha tibki, ż-żiemel iwerżaq, mela l-poplu kollu ta' Guernica qiegħed ibati, nies mitluqin mal-art li jirrappreżentaw l-ammont ta' nies li mietu nnoċentament u mara oħra fuq il-lemin quddiem id-dar tagħha li qiegħda tinħaraq.

## Kif kien l-aħjar mod biex tipprotesta u tilqot lill-massa tan-nies fl-1937?

L-enormità ta' din il-pittura li ġiet esibita fil-fiera ta' Pariġi ftit wara l-attakk, kien hemm miljuni ta' viżitaturi mela din il-protesta ntlaħqet minn ammont kbir ta' nies. Il-fatt li damet iddur mad-dinja għal dsatax-il sena sħaħ, din il-pittura laħqet ħafna u ħafna nies, mezz tipiku bħalma llum il-ġurnata permezz tal-internet ninqdew b'ritratt li jdur mad-dinja sabiex inwasslu xi messaġġ jew protesta partikolari. Fi żmien fejn ma kienx hemm dawn il-mezzi, l-pittra 'Guernica' ta' Picasso serviet bħala monument li jfakkar it-traċedja li ġrat, pittura li għadha relevanti anke sa' llum il-ġurnata.

Bosta pitturi jirrappreżentaw il-gwerra bħala xi ħaġa erojka. B'mod devjanti, din il-pittura min jarha fuq il-post, dlonk jintilef fiha bil-kobor tagħha, bin-nies impittra ikbar mill-qies normali tal-uman, dlonk iġiegħlu lil min hu preżenti jarha sabiex jempatizza ruħu ma' dawk l-imsejkna poplu ta' Guernica, filwaqt li jagħraf kemm hi krudili l-gwerra.

Preżentazzjoni diġitali għal waqt il-lezzjoni




Guernica: Belt fit-tramuntana ta' Spanja

## L-attakk li sar fuq Guernica fl-1937



Fl-1937 jiena ġejt attakkata bil-bombi mill-forza armata Ġermaniża ta' Hitler.

Jiena ma kellix saħħa militari. Ir-raġuni tal-attakk li għamlu fuqi kienet li Hitler kellu armi ġodda militari u ried jippruvhom sabiex jara x'saħħa għandhom.

## L-attakk li sar fuq Guernica fl-1937



Dan l-attakk dam sejjer għal sagħtejn sħaħ.

Dan l-attakk ġarraf tlett kwarti mill-bini tiegħi u kwart tal-popolazzjoni spiċċat mietet innoċentament.


L-attakk li sar fuq Guernica fl-1937
Dan l-attakk dam sejjer għal sagħtejn sħaħ.
Dan l-attakk ġarraf tlett kwarti mill-bini tiegħi u kwart tal-popolazzjoni spiċċat mietet innoċentament.


Taħsbu li hu sew dak li għamlu l-Ġermaniżi?

Kieku intom sirtu tafu b'dak li ġara, kieku x'kontu tagħmlu?



Fi żmien fejn l-internet ma kienx jeżisti, x'mezz kontu tużaw kieku biex tipprotestaw u twasslu l-messaġġ tagħkom lil ħafna nies madwar id-dinja?




Meta smajt b'dak li ġara f'Guernica fl-1937, ħassejtha ħafna u ridt li d-dinja kollha tkun taf b'dak li ġara.


Dan għamiltu billi pittirt pittura ta' daqs enormi b'figuri ikbar mir-realtà. Fiha urejt dak li ġara dakinhar tal-attakk b'mod li n-nies ikunu jistgħu jifhmu u jempatizzaw ruħhom man-nies innoċenti li sfaw midruba jew maqtula f'Guernica.













# Appendiċi E

## Noti supplimentari għall-għalliema

## tal-ħames lezzjoni


FRIDA KAHLO
TA' ABIGAIL ATTARD


Frida Kahlo twieldet fl-1907 ġewwa l-*Coyoacan*, fil-Messiku. Kahlo għexet ħajja pjuttost diffiċli.
↓ Meta kien għad kellha biss tliet snin, kien hemm ir-Revoluzzjoni Messikana.
↓ Meta kellha sitt snin, bdiet tbati mill-marda tal-Polio.

- Ta' tmintax-il sena, kellha inċident li spiċċa ħallieha pparalizzata minn daharha u kellha tagħmel għadd ta' operazzjonijiet. Minħabba f'hekk, kellha tagħmel xhur sħaħ fis-sodda biex ittejjeb il-kundizzjoni tagħha.
- Ma tantx kellha fortuna fil-ħajja miżżewġa tagħha.
- Meta kellha tlieta u erbgħin sena, kellha tagħmel operazzjoni u spiċċat b'sieq waħda.





**Minkejja d-diffikultajiet ta' ħajjitha:**

- ✓ Kahlo kienet tagħmel attivitajiet sportivi biex ittejjeb il-kundizzjoni tagħha, fosthom il-*boxing*.
- ✓ Fi żmien li l-mara ma kellhiex l-istess drittijiet u valuri daqs l-irġiel, xorta rnexxielha tikseb suċċess f'ħajjitha u kienet tmur kontra l-mentalità ta' dak iż-żmien.
- ✓ Meta l-inċident tefagħha f'sodda, hi bdiet tpitter u kisbet suċċess bħala artista li anke Picasso faħħar xogħolha. Kienet anke midħla tal-politika.






Illum inħarsu lejn Frida Kahlo bħala artista kbira li minkejja d-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom, kienet mara soda u nistgħu nħarsu lejha bħala eżempju għall-ħajja ta' kuljum: **qatt m'għandna naqtgħu qalbna, tkun xi tkun is-sitwazzjoni.**





'Roots'

Jista' jkun li din il-pittura qiegħda tirreferi li għalkemm kellha l-inċident, sabet il-pittura li mlitilha ħajjitha, u li sakemm hemm il-pittura, hi kuntenta.



'The two Fridas'

F'din il-pittura, Frida wriet li fħajjitha kellha kemm affarijiet koroh kif ukoll sbieħ.



## The conversation

Ħafna mill-pitturi ta' Kahlo jinkludu lilha nnifisha. Dan għax kienet tuża l-arti bħala d-djarju tagħha fejn kienet tesprimi ruħha. Peress li ma setax ikollha tfal, kienet tħobb lill-annimali daqs it-tfal u dawn ta' spiss jidhru fil-pitturi tagħha.


Attività
f'pari :
Min hi Frida Kahlo?
X'taħseb dwar Frida Kahlo?


FRIDA KAHLO
Arma qawwija,
fi żminijietek.
Iddevjajt ruħek min-norma
u l-ward kollu miegħek għollejt
- Kahlo –
Raġel – mara – mara – raġel ;
X' jimporta?

Mhux biss.

Minkejja d-dalma
li waqgħet fuqek,
<u>int naqqartha.</u>
Ftit illum, ftit għada …
Irxuxtajt,
- Nike –







Arma qawwija fi żminijietek
Arma qawwija b'potenzjal tal-azzar.

**Tgħid baqa' nies bħalek?**




FRIDA KAHLO
TA' ABIGAIL ATTARD
Arma qawwija,
fi żminijietek.
Frida Kahlo qiegħda tiġi indirizzata bħala 'arma'. L-arma toffri protezzjoni lill-individwu li m'għandu xejn ħliefha sabiex jipproteġi lilu nnifsu kontra l-għadu. Kahlo (1907-1954) ġiet indirizzata b'dan il-mod għax kienet mara ta' potenzjal qawwi fi żmienha, żmien fejn in-nisa ftit kienu stmati u kellhom drittijiet.
Kahlo marret kontra l-mentalità ta' dak iż-żmien.


Il-'ward' hawn qiegħed jirreferi għan-nisa. Bl-imġiba tagħha, uriet li għalkemm f'soċjetà fejn l-irġiel kienu jiddominaw, hi wriet li anke mara kapaċi tkun ta' suċċess, kemm fil-politika kif ukoll bħala artista.
Iddevjajt ruħek min-norma
u l-ward kollu miegħek għollejt
- Kahlo –
Raġel – mara – mara – raġel ;
X' jimporta?
Għal Kahlo, il-fatt li kienet mara fi żmien li ma tantx kienet stmata, hi għelbet dik il-mentalità u wriet lis-soċjetà li anke mara kapaċi tkun ta' suċċess.
Alliterazzjoni

Il-kelma 'dalma' qiegħda tirreferi għall-għawġ li ltaqgħet miegħu fil-ħajja, speċjalment l-aċċident li kellha li spiċċa ħallieha pparalizzata minn daharha.

Mhux biss.

Minkejja d-dalma
li waqgħet fuqek,
<u>int naqqartha.</u>
Ftit illum, ftit għada …
Irxuxtajt,
- Nike –

<u>Metafora:</u> (Hi naqqret id-dlam) – Kahlo jum wara l-ieħor għelbet kull ostaklu li kellha sakemm fl-aħħar, minkejja d-diżabiltà tagħha, irnexxielha tikseb suċċess u skop f'ħajjitha *(Metafora – għax ħadd ma jista' jnaqqar id-dlam. Tista' tnaqqar il-ħobż jew xi tip ta' ikel ieħor iżda d-dlam le).*

Nike hi l-alla Griega li tirrappreżenta l-vittorja. Kahlo ġiet indirizzata f'isimha, għax ħarġet ta' rebbieħa. Minkejja li għamlet xhur sħaħ fis-sodda minħabba l-inċident li kellha, sabet l-arti u minn hemm bdiet tpinġi u rnexxielha tikseb suċċess bħala artista.

## Nike – alla Griega li tirrappreżenta r-rebħa




Arma qawwija fi żminijietek
Arma qawwija b'potenzjal tal-azzar,
Tgħid baqa' nies bħalek?
Anafora: ripetizzjoni tal-kelma 'arma' fil-bidu ta' vv.15-16 sabiex ikun hemm enfasi fuq il-fatt ta' kemm Kahlo kienet mara ta' potenzjal qawwi għal żmienha.
Ritornell: Ripetizzjoni tal-vers 'Arma qawwija fi żminijietek': għandha l-istess effett tal-anafora.
Mistoqsija Rettorika: tgħid baqa' nies illum il-ġurnata li minkejja l-għawġ u x-xkiel kollu li jinqala', xorta jagħmlu li jistgħu biex jirnexxielhom? Jew forsi iktar jagħżlu li jitgħażżnu għax minflok li jħarsu lejn ir-realtà bħala sfida, jagħżu li jaċċettaw is-sitwazzjoni kif inhi, mingħajr ma jippruvaw jagħmlu xejn dwarha?


Il-metrika
✓ Poeżija moderna
✓ Mingħajr rima
✓ Strofi u versi ħielsa
✓ Poeżija Didattika: trid tgħallem lill-qarrejja sabiex qatt ma jaqtgħu qalbhom.


ATTIVITÀ


X'taħsbu mill-Mistoqsija Retorika fil-poeżija *Frida Kahlo* ta' Abigail Attard?

# Appendiċi F

## Noti supplimentari għall-għalliema

## tas-sitt lezzjoni

## Il-lejl għall-artist

L-artist stqarr li l-lejl kien il-ħabib tiegħu: *I often think that the night is more alive and more richly coloured than the day*. Il-lejl kien jispirah sabiex ikun kreattiv u joħloq l-immaġni tiegħu fuq it-tila. Għalkemm l-artist kien marid mentalment, f'dan il-ħin partikolari kien iħossu komdu u sigur.

Fi żmienu (1853-1890), kienet ta' sfida li artist ipinġi l-lejl fejn l-innovazzjoni tad-dawl artifiċjali kienet għadha kif daħlet. Prattikament, l-artist laħaq id-dinja kemm mingħajr id-dawl artifiċjali u anke l-invenzjoni tiegħu mela ra l-bidla u din il-bidla ispiratu sew fil-pitturi tiegħu.

Van Gogh kien ispirat ħafna mis-sors tad-dawl, kemm dak naturali kif ukoll dak artifiċjali u dan jintwera sew fil-pitturi tiegħu fosthom 'Starry night over the Rhone', 'Ikuve trees with yellow sky and sun', 'Cafè terrace at night', 'The Potato eaters' and 'The night cafè'. L-imħabba u l-interess qawwi fid-dawl u l-effetti tiegħu jidher biċ-ċar f'xogħlu miċ-ċrieki konċentriċi li joħloq bid-daqqiet żgħar tal-pinzell madwar id-dawl artifiċjali tal-bozoz jew madwar is-sors naturali tax-xemx. Fi 'Starry Night' dan l-effett jidher sew madwar l-istilel, li huma l-unika sors ta' dawl li hemm fix-xena. Kien pjuttost fi żmienu li kien hemm dan l-interess qawwi fil-kuluri vibranti u l-effetti tad-dwal, hekk imsejjaħ bħala l-perjodu ta' wara l-Impressjoniżmu (Post-Impressionisim).

## Il-pittura 'Starry Night'

Starry night hi l-iktar pittura famuża tal-artist Vincent Van Gogh u pittirha fl-1889, ftit xhur qabel mewtu. Din il-pittura saret ġewwa Saint Remy fejn kien joqgħod, fi Franza. Ħafna sorsi jgħidu li x-xena ta' din il-pittura hi dik li Van Gogh kien jara mit-tieqa tal-kamra tas-sodda tiegħu għalkemm oħrajn jgħidu li hi xena vvintata filwaqt li l-knisja li pinġa fiha, hi dik li ġġiblu l-memorja tal-pajjiż nattiv tiegħu, l-Irlanda.

Fil-pittura hemm ħafna enerġija u moviment u dan kollu hu maħluq mill-artist biċ-ċrieki u daqqiet ta' pinzell li ħoloq. F'din il-pittura Van Gogh wera ħafna xi jfisser il-lejl għalih u l-mod ta' kif iħares lejh. Għalkemm bil-lejl ikun hemm id-dlam, l-artist xorta jaf jagħraf id-dawl fid-dlam u




dan urih bil-ħdax-il pjaneta u l-qamar fil-pittura 'Starry night'. L-intensità qawwija tad-dawl naturali tidher sew bl-użu ta' żebgħa ħoxna safra u bi ċrieki konċentriċi li joħolqu armonija fil-

pittura. Is-sema għandu sehem qawwi f'din il-pittura u l-unika sors ta' dawl hu dak naturali li jitfa' d-dawl fuq ir-raħal u l-knisja ta' St Remy.



Is-siġra taċ-ċipress li pinġa fi 'Starry night' hi skura ħafna, kważi sewda. Din it-tip ta' siġra normalment insibuha fiċ-ċimiterji u hi assoċjata mal-mewt u n-niket li jġib miegħu. Van Gogh jista' jkun li użaha bħala simbolu tan-niket u s-solitudni li kellu f'ħajtu. Min-naħa l-oħra, il-knisja mixgħula mid-dawl naturali tal-istilel u l-qamar, juru l-element reliġjuż li kellu. Van Gogh kien reliġjuż ħafna u għalih, dan kien jagħtih wens u s-sens ta' tama fil-ħajja mudlama tiegħu.

B'din ir-rappreżentazzjoni tal-lejl fi 'Starry Night', l-artist skont kif spjega f'waħda mill-ittri tiegħu lil ħuh Theo Van Gogh, stqarr li l-lejl kien għażiż għalih u kien jikkalmah. Fih kien jara l-eternità. Fil-pittura tiegħu, l-artist qiegħed juri li fil-ħajja anke fl-iktar mumenti koroh jista' jkun hemm elementi sbieħ u ta' tama, imma dan kollu jiddependi minn kif wieħed iħares lejn l-affarijiet.

U trid tidra tixbhu l-baħħ

għax dak biss jista' jsabbrek

meta għad taħbat tintebaħ

kemm tabilħaqq int waħdek.

***vv14-17 (Notturn, ta' Kevin Saliba)***

B'mod simili, fil-poeżija 'Notturn (lil Vincent Van Gogh)' ta' Kevin Saliba naraw element simili, dak li trid tkun kapaċi tfendi għal rasek u tasal għas-soluzzjonijiet inti stess meta ssib ruħek f'diffikultà. Trid tagħraf t-tajjeb u s-sabiħ anke fl-iktar mumenti kritiċi u għalhekk trid tidra tħobb il-lejl, il-lejl li fih tkun waħdek, il-lejl li jġiegħlek taħseb u tirrifletti għax hemm inti jirnexxilek issib lilek innifsek u tagħmel kuraġġ lilek innifsek u tqawwi lilek innifsek bit-tama għal affarijiet aħjar meta m'hemm ħadd min jagħdrek.



Il-pittura 'Starry night' ħaditlu tlett ijiem biex lestieha u qal li għalih, il-lejl hu iktar ħaj mill-ġurnata. Van Gogh hu minn tal-ewwel li beda jpitter xeni ta' notturn, xeni dwar il-lejl. It-teknika artistika tiegħu li ssibha kważi f'kull pittura minn tiegħu, dik taż-żebgħa ħoxna applikata fuq it-tila bi ċrieki u movimenti, joħolqu dinamiżmu fix-xogħol tiegħu. 'Starry night' hi pittura li bħalma stqarr l-artist fuq il-lejl, dlonk anke l-pittura stess qisha ħajja. Din il-pittura għall-artist kienet l-isfida li wettaq sabiex juri lill-pubbliku l-kapaċità tiegħu bħala artist.

*It is true that every day has its own evil, and its good too. But how difficult must life be, especially farther on when the evil of each day increases as far as worldly things go, if it is not strengthened and comforted by faith.*
*And in Christ all worldly things may become better, and, as it were, sanctified. - Vincent Van Gogh*

## Notturn (lil Vincent Van Gogh)

*ta' Kevin Saliba*

Notturn hi melodija jew tpinġija dwar il-lejl, inkella ispirata minnu. Il-poeżija ta' Saliba jisimha 'Notturn', poeżija dwar il-lejl. Il-poeta kitibha b'dedikazzjoni lill-artist Vincent Van Gogh. Il-mod ta' kif l-artist kien iħares lejn il-lejl u l-mod ta' kif kien ipittru, ispirah sabiex jikteb din il-poeżija. Taħt it-titlu, Saliba kkwota dak li qal l-artist dwar il-lejl: *'I often think that the night is more alive and more richly coloured than the day'*. Għall-artist, il-lejl kien jarah iktar ħaj mill-ġurnata u dan jidher sew mit-teknika artistika tiegħu li kienet tagħti l-ħajja lill-pitturi tiegħu.

Eħ, trid tħobbu l-lejl
għax il-lejl hu x-xejn
u x-xejn huwa l-baħħ
u l-baħħ huwa l-lejl.
*vv 10-13*

F'din il-poeżija hemm enfasi qawwi fuq il-lejl. Il-poeta fetaħ il-poeżija tiegħu bl-użu tal-Iperbole, fejn qal li 'Ma hawn xejn isbaħ mil-lejl'. Saliba kompla jagħmel enfasi fuq is-sbuħija tal-lejl bit-teknika tal-**Anadiplosi**. Il-poeta jgħid li l-lejl hu x-xejn jew il-baħħ u trid tidra tixbhu għax dak biss jista' jsabbrek meta tagħraf kemm inti waħdek fil-ħajja. Il-poeta jista' jkun li qiegħed jipprova jwassal il-messaġġ li jekk wieħed jagħraf japprezza lilu nnifsu u jsib lilu nnifsu anke fis-skiet ta' filgħaxija meta jkun waħdu, hemm jagħraf kemm is-skiet u l-ħemda tal-lejl, il-lejl hu l-unika sors li jista' jsabbru.

Il-poeta jgħid li l-lejl hu differenti għal kulħadd. Hemm min għalih jiġi biex jiddeverti, għal min biex jorqod iżda l-lejl jista' jservi ta' serħan u wens meta wieħed isib ruħu waħdu. Dan hu spejalment għal min ikollu xi għawġ jew il-ħajja hi mgħaġġla wisq allura l-lejl ikun is-sors ta' serħan għalih, il-ħin fejn jista' jieqaf ftit mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum u l-ħin fejn jista' jirrifletti fuq ħajtu bil-kwiet u jistrieħ fil-ħemda tal-lejl. Ħafna darbi, l-artisti jew il-kittieba jsibu li l-lejl hu aħjar mill-ġurnata, bħalma stqarr l-artist Vincent Van Gogh, li l-lejl kien jispirah sabiex ipitter.

Bħalma pprova juri l-artist Van Gogh fil-pittura 'Starry night', Saliba fil-poeżija 'Notturn' qiegħed juri li anke fl-iktar mumenti diffiċli jew koroh tista' ssib il-paċi, dik il-ftit kuntentizza u s-sors ta' tama fil-ħajja. Mela anke fl-iktar mumenti diffiċli, jekk tidra tħobb il-lejl, tagħraf kemm jista' jagħtik wens, għax il-lejl u l-ħemda li jġib miegħu, joffri lill-individwu spazju fejn jista' jirrifletti u jaħseb, u hemm jagħraf isib lilu nnifsu u l-pożittivita' f'ħajtu.

### It-termini letterarji tal-poeżija

- V1: **Iperbole** - 'Ma hawn xejn isbaħ mil-lejl'. Il-poeta qiegħed jesaġera.

- V5: **Metafora** - 'li jtir qisu ma kien qatt'. Il-lejl ma jistax itir. Xi animal, bħal għasfur jew oġġett bħal ajruplan jista' jtir fl-arja, però, il-lejl ma jtirx. Qiegħda tintuża din il-metafora sabiex il-poeta juri kemm il-lejl jgħaddi malajr. Meta xi ħadd ikun qiegħed jieħu gost, ħafna drabi jinnota li l-ġurnata tkun għaddiet malajr, mhux għax il-ħin ikun għaġġel iktar mis-soltu, iżda għax tant ħa gost li lanqas ta kas tal-ħin u ma rahx għaddej. Bl-istess mod, meta xi ħadd jorqod fil-fond, meta jsir il-ħin biex iqum, jara kemm il-lejl għadda malajr.

- V6: **Metafora** - 'iżda lejl inin bil-mod'. Il-kelma 'inin' ġejja mill-verb 'ninni', jiġifieri l-azzjoni tal-irqad. Il-lejl ma jorqodx bħalma torqod tarbija jew annimal. Il-poeta qiegħed jirreferi għal-lejl li jdum ma jgħaddi. L-iljieli huma kollha twal indaqs, però, mhux kulħadd jarahom bl-istess tul. Min jorqod fil-fond u l-lejl qas jarah għaddej u min jaħdem tul il-lejl jew jibqa' mqajjem bil-ħsibijiet u jarah twil qisu ma jrid jgħaddi qatt. Mela l-lejl hu differenti għal kulħadd.

    - Il-poeta qiegħed jiddedika l-ewwel vers 'Ma hawn xejn isbaħ mil-lejl', għal-lejl li jdum ma jgħaddi, il-lejl li jġiegħlek taħseb u tirrifletti.

- V7: **Antiteżi** - 'fis-skiet jittektek jirtogħod'.

- V7: **Onomatopea** - 'jittektek', 'jirtogħod'. Il-ħoss tal-kliem juri l-ħoss tal-azzjoni. 'jittektek': tikk , tikk, eċċ...

- V10: **Metafora** - 'Eh, trid tħobbu l-lejl'. Normalment l-imħabba hi bejn bniedem u bniedem jew bniedem u annimal. Il-verb 'ħabb' qiegħed jintuża sabiex il-poeta jagħmel iktar enfasi fuq l-importanza tal-lejl li jiġi apprezzat.

- Vv 14-17: **Anadiplosi** - ir-ripetizzjoni ta' kelma jew frażi li tkun fl-aħħar ta' vers u fil-bidu tal-vers ta' warajh. Trid tidra tħobb il-lejl. Il-lejl li hu twil għal min ma jorqodx jew jaħdem matul il-lejl iżda hu pjuttost il-lejl u l-ħemda li jġib miegħu li jgħinek taħseb u tirrifletti. Trid tidra tħobb il-lejl, il-lejl tas-skiet, għax dak biss jista' jagħtik wens, meta għad taħbat tintebaħ, kemm tabilħaqq inti waħdek.

- Il-lejl speċjalment għall-artisti u l-poeti, hu l-lejl t'ispirazzjoni u l-lejl li fih jaħdmu u jtellgħu ħafna xogħol. Għal uħud, il-lejl jiġi u jgħaddi bħal tebqa t'għajn 'li jtir qisu ma kien qatt' jew il-lejl ta' 'ġenn u fratterija'.

- V9, vv12-14: **Polisindeto**: l-użu tal-konġunzjoni 'u' fil-bidu tal-versi.

✓ Ir-rima hi **ħielsa**, ma hemm l-ebda rima fissa.

✓ Mit-tieni strofa sal-aħħar hemm l-użu tal-**kwartina**. L-ewwel strofa hi ta' vers wieħed.

Il-poeta poġġa l-ewwel vers waħdu sabiex jagħmel iktar enfasi fuq kemm ma hemm xejn isbaħ mil-lejl.

✓ **Il-versi huma mħallta**: hemm l-użu tas-senarju, settenarju u l-ottonarju.

## Preżentazzjoni diġitali għal waqt il-lezzjoni







Vincent Van Gogh
Jiena Vincent Van Gogh u għixt fis-seklu 19 (1853-1890).
Illum il-ġurnata kulħadd jafni bħala l-Artist Irlandiż li beda l-moviment artistiku *Post-Impressionsim*.
Minkejja dan, tul ħajti jiena kont fqir u rnexxieli nbigħ pittura waħda biss.
Kien pjuttost il-falliment ta' ħajti li wassalni sabiex nibda npinġi meta kont fi Franza ġewwa Arles u hemm iltqajt mal-artist Paul Gaugin.


Vincent Van Gogh
*Mal-wasla tal-fotografija, ħassejt li għandi nbiddel il-mod ta' kif inpinġi. Għażlt li nagħmel użu minnn żebgħa ħoxna applikata fuq it-tila, b'linji u ċrieki sabiex nesprimi s-sentimenti tiegħi kif ukoll nagħti 'Impressjoni' ta' dak li nara fuq il-post ta' fejn inkun qiegħed inpinġi.*
Il-lejl kien jikkalmani u għalkemm ta' spiss kont nirrifletti fuq is-solitudni u d-dwejjaq li kien ikolli, jiena u npinġi l-lejl irrealizzajt li jiġri x'jiġri, dejjem hemm id-dawl li jiggwidak. Dan urejtu bis-sħiħ fi *Starry night.* Mela mill-osservazzjoni tiegħi tal-lejl, għaraft li anke fl-iktar mumenti diffiċli jew koroh tista' ssib il-paċi, dik il-ftit kuntentizza u s-sors ta' tama fil-ħajja.
Il-lejl kien jispirani wisq. Għalija kien il-ħin tal-kreattivita' u t-trankwillita'. Ta' spiss kont inpinġi xeni tal-lejl fosthom *Starry night* u *Café Terrace at Night.*

# Il-poeżija '*Notturn*' ta' *Kevin Saliba*

Ma hawn xejn isbaħ mil-lejl.

Mhux dak tas-Sibt fl-għaxija
tal-ġenn u l-fratterija,
lanqas il-lejl ta' l-irqad
li jtir qisu ma kien qatt.

Iżda lejn inin bil-mod
[illegible]
ilbieraħ ilu li għadda
u l-għodwa għadha 'l bogħod.

→ Iperbole

Il-lejl hu differenti għal kulħadd.

→ Metafora

→ Antitezi, Onomatopeja

# Il-poeżija '*Notturn*' ta' *Kevin Saliba*

Eh, trid tħobbu l-lejl
għax il-lejl hu x-xejn
u x-xejn huwa l-baħħ
u l-baħħ huwa l-lejl.

U trid tidra tixbhu l-baħħ
għax dak biss jista' jsabbrek
meta għad taħbat tintebaħ
kemm tabilħaqq int waħdek.

Anadiplosi – enfasi fuq il-lejl.

Polisindeto

# Metrika

- ✓ Ir-rima hi **ħielsa**, ma hemm l-ebda rima fissa.
- ✓ Mit-tieni strofa sal-aħħar hemm l-użu tal-**kwartina**. L-ewwel strofa hi ta' vers wieħed. Il-poeta poġġa l-ewwel vers waħdu sabiex jagħmel iktar enfasi fuq kemm ma hemm xejn isbaħ mil-lejl.
- ✓ **Il-versi huma mħallta**: hemm l-użu tas-Senarju, Settenarju u l-Ottonarju.



# Appendiċi Ġ

## Noti supplimentari għall-għalliema

## tas-seba' lezzjoni

# ‘The Melting Man’

*Pittura ta’ Raymond Pitrè*



Pitrè hu artist famuż lokali. L-istil tiegħu ivarja sew. Hu kemm skultur kif ukoll pittur u għandu kemm xogħol tradizzjonali kif ukoll modern. Hu pitter għadd ta’ profili fosthom ta’ Mintoff u Ġorġ Borg Olivier.

L-arti tiegħu hi oriġinali ħafna u juża medja differenti forsthom: il-plastik, l-injam u t-tila.

L-istil ta’ din il-pittura hu l-istil li Pitrè qiegħed juża f’xogħlu f’dawn l-aħħar snin. Ix-xogħol tiegħu hu espressiv ħafna, li juri ċertu qawwa u jqanqal l-emozzjoni.

Bħal ħafna mix-xogħlijiet tiegħu, ‘The Melting Man’ hi pittura espressiva ħafna. Hemm ħafna bjuda u sens ta’ kalma li joħroġ kemm mill-użu tal-kulur kif ukoll mit-teknika li uża sabiex ipitter raġel li qiegħed jinħall. Min-naħa l-oħra, il-linja ħamra li tielgħa ’l fuq minn nofs il-pittura toħloq emozzjoni differenti: dik li turi l-weġgħa u s-solitudni. L-espressjoni ta’ wiċċu turi wkoll li mhuwiex kuntent.

## Il-poeżija ‘Viżjoni’ ta’ Grech Ganado

Il-poetessa Maria Grech Ganado kitbet il-poeżija ‘Viżjoni’ ispirata minn din il-pittura. Ganado qabblet il-bjuda tal-figura mar-raġel/anġlu jiddi maqbud fi fjamma. Il-poeżija jisimha ‘Viżjoni’ mela jista’ jkun li għalhekk qabblitu ma’ anġlu. Bl-istess mod, il-kuluri użati juru sens ta’ paċi imma t-traċċi tal-kulur aħmar joħolqu kuntrast qawwi. Dan jista’ jkun li qiegħed juri jew li l-persuna mhix ħielsa kompletament, inkella għax hemm xi ostaklu li qiegħed iżommu milli jkun ħieles. Infatti, Ganado ddiskrivietu bħala “jissielet ma’ xibka mwiegħra” (v.7) fil-poeżija tagħha.

Il-bjuda turi s-sens ta’ tama, dik it-tama li fil-viżjoni Ganado ratu jwegħedha twelid mill-ġdid f’idejh. Iżda fejn huma idejn ir-raġel fil-pittura ‘The Melting Man’? Jista’ jkun li Ganado ispirat ruħha minn din il-pittura, għax bħalma r-raġel qiegħed jinħall, l-istess qiegħda t-tama tagħha, tisfaxxa fix-xejn.



*‘The Melting Man’ ta’ Raymond Pitrè*

# *Viżjoni*

*ta' Maria Grech Ganado*

## Interpretazzjoni tal-poeżija 'Viżjoni' ta' Maria Grech Ganado



Il-poeżija 'Viżjoni' ta' Maria Grech Ganado qiegħda titkellem dwar viżjoni li fiha rat lir-raġel tagħha. Hu qiegħed jiġi mqabbel ma' fjamma u anġlu. Il-poetessa tgħid li qalbha hi mdallma iżda fl-aħħar rat ftit tama. It-twelid ġdid f'ħajjithom jiddependi minnu mela jekk hemm xi tama, hu jrid jagħtihielha.

Il-poetessa tagħtina l-idea li hemm xi ostaklu bejniethom u dan turih billi tpinġih jissielet ma' xibka mwiegħra. Din ix-xibka jista' jkun li qiegħda tirrappreżenta xi xkiel li hemm fir-relazzjoni tagħhom u li qiegħed iżommhom 'il bogħod minn xulxin.

Ganado tagħtina impressjoni ta' persuna dgħajfa billi rrappreżentatu bħala mwiegħer u anġlu mingħajr mistrieħ. Minkejja dan, lejn l-aħħar Ganado tgħid li x-xemx inġibdet minn ġod-dlam mela donnha ftit tama reġgħet feġġet fir-relazzjoni tagħhom iżda din kienet biss għal ftit tal-ħin.

Din it-tama inħelset minn xufftejh, mela wiegħda xi ħaġa hu stess, iżda kulma rat Ganado, kienet biss viżjoni. Bħalma r-raġel fil-pittura 'The Melting Man' ta' Raymond Pitrè hu rrappreżentat bħala bniedem li qiegħed jinħall, bl-istess mod, it-tama ta' Ganado qiegħda tisfaxxa fix-xejn.

# Termini u metrika tal-poeżija

**Indirizz:** Il-poetessa qiegħda tindirizza din il-poeżija lit-tielet persuna singular bi kliem bħal 'ilmaħtek' u 'dawlek'. Ganado tikteb ħafna poeżiji fuq ir-relazzjoni tagħha li kellha mar-raġel tagħha u minn xiex għaddiet, allura x'aktarx din il-poeżija hi indirizzata pjuttost lilu.

**Metafora:** Estiża tul il-poeżija kollha. Ganado qabblet lir-raġel tagħha ma' fjamma jew anġlu mingħajr mistrieħ.

**Metafora**: 'qalbi wisq imdallma' (v.2). Turija ta' kemm hi mdejqa u li ħajjitha ma tantx daħkitilha.

**Antiteżi:** (v.2) Hemm kuntrast qawwi bejn il-persuna li qiegħda tiġi mqabbla ma' fjamma tiddi u qalb il-poetessa li hi mudlama.

**vv.4-5:** Il-persuna qiegħda twiegħed twelid mill-ġdid u kollox jiddependi minnha. Din jista' jkun li hi referenza għar-raġel tagħha.

**Ċesura:** Din il-waqfa qed tħalli lill-qarrej sabiex jieħu pawża fil-qari u jipprova jimmaġina l-viżjoni ta' Ganado. Il-poetessa qiegħda tqabbel lir-raġel tal-viżjoni ma' anġlu mingħajr mistrieħ. Hemm **intertestwalità Bibblika**. Normalment, anġlu mingħajr mistrieħ nirreferu għalih bħala ruħ fil-purgatorju, ruħ li tkun għadha ma sabitx il-mistrieħ tagħha.

**Paradoss:** 'tinħall, tissielet' (v.7).

**Personifikazzjoni:** 'xibka mwiegħra' (v.7). Bniedem ikun imwiegħer u mhux oġġett. Din ix-xibka qisha qiegħda tirrappreżenta ostaklu fir-relazzjoni tagħhom.

**Onomatopea:** 'imriegħed' (v.8).

**Metafora:** (vv.9-10). Jista' jkun li l-poetessa kitbet hekk għax fl-aħħar wara dik id-dalma feġġet ftit tama fuq xuxtu. Id-dawl hu simbolu tat-tama, mela d-dlam mar u feġġet ix-xemx, it-tama.

**Intertestwalità Bibblika**: (v.11) Din tista' tkun referenza għall-infern.

**It-tielet strofa:** Għal ftit ħin, f'din il-viżjoni, ma' xagħru leħħet ftit tama, li nħelset minn xufftejh. Fil-viżjoni r-raġel ta' Ganado jista' jkun li ttamaha bil-kliem li se jkun hemm twelid ġdid fir-relazzjoni tagħhom. Ganado kitbet din il-poeżija b'ispirazzjoni mill-pittura 'The Melting Man' tal-artist Raymond Pitrè. Fil-pittura, ir-raġel jidher li qiegħed jinħall, bħalma silġa tinħall fis-sħana. Hemm ħafna intensità tal-kulur bajdani u dan nistgħu nassimilawh mal-anġlu li Ganado rat fil-viżjoni tagħha, l-anġlu 'maqbud fi fjamma'. Infatti mill-qiegħ tal-pittura hemm qishom fjammiet tan-nar telgħin lejn ir-raġel, bħal donnhom huma qegħdin jeqirduh u jdewbuh. B'referenza għal din il-pittura, Ganado donnha tixtieq tgħidilna li kulma rat kienet biss viżjoni, għax it-tama qiegħda tmut, bħalma r-raġel ta' Pitrè qiegħed jinħall ftit ftit. Infatti, fil-ħames vers Ganado tgħid li t-twelid il-ġdid jinsab f'idejh, twelid li ma jeżistix għax fil-pittura lanqas biss jidhru l-idejn, mela t-tama, sfaxxat fix-xejn.

**Poeżija moderna, b'versi, strofi u rima ħielsa.**

# ‘Viżjoni’

TA’ MARIA GRECH GANADO

## Raymond Pitrè – Artist lokali

Jiena twelidt fl-1945 u noqgħod Tas-Sliema.

L-arti minn dejjem kienet parti kbira minn ħajti, però, minbarra l-karriera ta’ artist, għamilt xi żmien pulizija wkoll.



**Inħobb nikteb il-poeżiji u ktibt anke novelli.**

Urejt xogħli f’ħafna pajjiżi differenti fosthom: Pariġi, New York, Londra, Berlin, Palermo u Tripli bejn l-1980 u l-1990.

# Raymond Pitrè – Artist lokali

**Pittirt f'ħafna postijiet fosthom :** is-saqaf tal-knisja ta' San Ġużepp tal-Imsida, 'Villa Mdina' fin-Naxxar, fil-'Corinthia Hotel' u l- 'Heritage Malta'. Fl-1970 iddisinjajt ukoll il-bolol ta' Malta.

Kważi kull biċċa xogħol artistika li nagħmel tkun tqanqal emozzjoni għal min jarha. L-arti tiegħi hi espressiva immens.



Nagħmel kemm skultura kif ukoll pittura. Jiena avventuruż ħafna u nuża ħafna materjali differenti fosthom il-plastik, il-ħadid u d-drapp.

Il-pitturi tiegħi huma espressivi ħafna. Bdejt billi npinġi b'mod tradizzjonali iżda maż-żmien żviluppajt l-istil tiegħi u llum il-gurnata ixaqleb iktar lejn dak modern.













# Il-Poetessa Maria Grech Ganado



## Maria Grech Ganado

- Jiena minn Ħal Lija u twelidt fl-1943.
- Studjat fl-Università ta' Malta, kif ukoll f'Cambridge u Heidelberg.
- Għandi tlett itfal, Xandru , Francesca u Louisa.
- Kont l-ewwel mara li ħdimt bħala lettur fuq bażi ta' *full-time* fl-Università ta' Malta fl-1971.
- Ktibt ħafna poeżiji kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Ħafna mix-xogħlijiet tiegħi jirriflettu fuq il-ħajja personali li kelli mar-raġel tiegħi.
- Uħud mill-poeżiji tiegħi juru wkoll l-ispirazzjonijiet li kelli minn sorsi mitoloġiċi, mill-Bibbja u xogħlijiet letterarji li ltqajt magħhom.

# Maria Grech Ganado

- Il-poeżiji tiegħi ġew ippubblikati f'rivisti famużi kemm fl-Ingilterra kif ukoll fl-Awstralja u xi poeżiji dehru f'pajjiżi bħall-Italja, Spanja, il-Litwanja u r-Repubblika Ċeka.

- Minbarra l-antoloġija li ktibt, ktibt ukoll ''Fil-ħofra bejn Spallejha'', ''Iżda mhux biss'' u ''Skond Eva''.

- L-istil tiegħi fil-poeżija hu dak modern. L-ironija tidher ta' spiss f'kitbieti.

*The Melting Man*, tal-artist Raymond Pitrè






# It-termini u l-metrika tal-poeżija

### Indirizz

Il-poetessa qiegħda tindirizza din il-poeżija lit-tielet persuna singular maskil bi kliem bħal 'ilmaħtek' u 'dawlek', aktarx lir-raġel tagħha.

### Metafora estiża

Maria Grech Ganado għamlet użu mill-**metafora** tul il-poeżija kollha. Hi qiegħda tqabbel lir-raġel tagħha ma' fjamma jew anġlu mingħajr mistrieħ.

### Metafora

'qalbi wisq imdallma' (v.2). Hawnhekk Ganado b'din il-metafora qiegħda turina kemm hi mdejjqa u li ħajjitha ma tantx daħkitilha.

- **Versi 4 u 5 :** 'tiżfen għodwa qed twiegħed twelid mill-ġdid f'idejk'.

Il-persuna qiegħda twiegħed twelid mill-ġdid u kollox jiddependi minnha. Din jista' jkun li hi referenza għar-raġel tagħha, li qiegħed jagħtiha tama għal ħajja aħjar u li kollox jiddependi minnu.

- **Ċesura:** pawża f'nofs il-vers. (Versi 6 u 7)

Rajtek, anġlu mingħajr mistrieħ

tinħall, tissielet ma' xibka mwiegħra.

**Paradoss:** "tinħall", "tissielet" (v.7).

**Personifikazzjoni:** "xibka mwiegħra" (v.7).

Bniedem ikun imwiegħer u mhux oġġett. Din ix-xibka qisha qieda tirrappreżenta ostaklu fir-relazzjoni tagħhom.

- **Onomatopea:** 'imriegħed' (v.8).

- **Metafora:** 'u x-xemx tinġibed minn ġod-dlam sa' ħdejk' (versi 9 u 10). Jista' jkun li il-poetessa kitbet hekk għax fl-aħħar wara dik id-dalma feġġet ftit tama fuq xuxtu. Id-dawl hu simbolu tat-tama, mela d-dlam mar u feġġet ix-xemx, it-tama.



## Intertestwalità Bibblika

- 'ilmaħtek anġlu ddur maqbud ġo fjamma'.
- Din tista' tkun referenza għall-infern.

## It-tielet strofa

Għal ftit ħin, f'din il-viżjoni, ma' xagħru leħħet ftit tama, li nħelset minn xuftejh. Fil-viżjoni r-raġel ta' Ganado jista' jkun li ttamha bil-kliem li se jkun hemm twelid ġdid fir-relazzjoni tagħhom.

# Il-poeżija u l-pittura

- Għall-kitba ta' din il-poeżija, il-poetessa Maria Grech Ganado ġiet ispirata mill-pittura 'The melting man' tal-artist Raymond Pitrè.
- Fil-pittura, ir-raġel jidher li qiegħed jinħall, bħalma silġa tinħall fis-sħana.
- Hemm ħafna intensità tal-kulur bajdani u dan nistgħu nassimilawh mal-anġlu li Ganado rat fil-viżjoni tagħha, l-anġlu ''maqbud fi fjamma''.





- Infatti mill-qiegħ tal-pittura hemm qishom fjammiet tan-nar tielgħin lejn ir-raġel, bħal donnhom huma qegħdin jeqirduh u jdewbuh.
- B'referenza għal din il-pittura , Ganado donnha tixtieq tgħidilna li kulma rat kienet biss viżjoni, għax it-tama qiegħda tmut, bħalma r-raġel ta' Pitrè qiegħed jinħall ftit ftit.

**v.5 : ''twelid mill-ġdid f'idejk''. L-idejn l-anqas biss jidhru fil-pittura. Dan jindika li t-tama li Ganado rat fil-viżjoni, sfaxxat fix-xejn.**

# Poeżija moderna, b'versi, strofi u rima ħielsa.

# Appendiċi G

## Noti supplimentari għall-għalliema

## tat-tmien lezzjoni

# Il-moviment artistiku Rokoko

Il-moviment artistiku Rokoko beda f'Pariġi fi Franza fis-seklu tmintax bħala rispons għar-regoli stretti użati fil-perjodu tal-Barokk fosthom is-simmetrija u l-matematika speċjalment f'pitturi reliġjuż*i.*

L-artisti f'dan il-perjodu tar-Rococo bdew ipinġu b'kuluri ċari u ferrieħa, b'disinji dettaljati, perjodu li ma kienx biss fil-pittura iżda anke fl-arkitettura tal-bini, fil-mod ta' kif kienu jżejnu d-djar kif ukoll fil-mod ta' kif kienu jilbsu. Dan il-moviment kien jiġi ċċelebrat l-iktar minn nies tal-elit, fosthom Marie Antoinette (1755-1793) li kienet ir-reġina ta' Franza.

Il-pitturi ta' dan iż-żmien ħallew warajhom it-teknika tal-'Chiaro Scuro' li kienet użata fil-Barokk minn diversi artisti fosthom Caravaggio u bdew ipinġu xeni mdawwlin, li juru l-influwenza tal-istil Rococo fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.







Preżentazzjoni diġitali għal waqt il-lezzjoni






## Mme.Pompadour





## Marchesa Maria Grimaldi



Las Meninaz





Ginerva Aldrovandi

## Marie Antoinette



Il-moviment artistiku Rokoko u l-ispirazzjoni tiegħu fil-mod tal-għixien.





## Salott stil Rokoko



## L-istil ta' ħajja Rococo kien biss għas-sinjuri



## Marie Antoinette (1755-1793)



L-istil Rokoko ma kienx biss fl-arkitettura jew fil-mod ta' kif kienu jiddekoraw il-bini, iżda kien ukoll fl-ilbies.



## Attività 1



"Xejn ma jisċentra
li hemm miktub miktub …
minn ewliemes."
*(vv. 29-31)*

# It-tieni attività



U dak li ħolmot xi darba razzitna
għadu jnebbet
u jxekkel
bħall-alka
ġo l-akkwarju
taż-żmien.
*(vv. 32-37)*

# Appendiċi GĦ

## Noti supplimentari għall-għalliema

## Tad-disa’ lezzjoni

# Abigail Attard (1994)



Abigail Attard twieldet fl-1994, Maltija u tgħix ir-Rabat. Studjat il-malti u l-arti ġewwa l-Università ta' Malta bil-kors tal-B.Ed (bl-unuri). Minn ta' età żgħira, Attard kellha ġibda kbira lejn il-poeżja Maltija u l-arti. Ta' tnax-il sena, bdiet titgħallem l-arti b'mod akkademiku kemm fl-iskola Sekondarja kif ukoll bil-privat mal-artist Rabti, Matthew Cassar. Minn ta' età żgħira bdiet tieħu sehem f'esibizzjonijiet artistiċi.

Attard tispira ruħha minn kull ma tara madwara, speċjalment min-natura. Minbarra li tpitter, Attard tiskultura wkoll. Fit-27 ta' Mejju 2017, Attard għamlet esibizzjoni bit-titlu ta' *Spektrum* ġewwa l-mużew Marittimu tal-Birgu fejn għaqqdet l-installazzjoni mal-poeżiji li kitbet hi stess bil-lingwa Maltija. Hi temmen li l-poeżja u l-arti jimlew il-vojt ta' xulxin u flimkien joffru armonija sħiħa.

Waħda mill-poeżiji tagħha, 'Ħelsien', ġiet użata fl-esibizzjoni 'Spektrum'. Għal din il-poeżija, pittret ukoll pittura dwar din il-poeżija partikolari. Attard togħġobha wkoll il-filosofija. Tħobb taħseb u tirrifletti fuq kull ma jiġri madwarha kif ukoll tirriċerka dwar filosofi u filosofiji differenti. Hi tħobb taħseb b'mod profond fuq kollox u dan jidher ta' spiss f'xogħlha, kemm fl-arti kif ukoll fil-poeżija.

Minbarra l-imħabba kbira għal dawn iż-żewġ tipi ta' arti u l-passjoni li għandha lejhom, Attard tħobb ukoll tagħmel użu minnhom sabiex twassal messaġġ lil poplu. F'pittura li ġiet ippubblikata f'Think magazine (2016) kif ukoll ġiet esibita f'esibizzjoni 'Portraits and Figures' (2016) bit-titlu ta' 'Prostitution 2', l-aritsta wriet empatija lejn il-pożizzjoni tal-mara f'soċjetàajiet li għandhom kulturi differenti kif ukoll il-bżonn ta' iktar tolleranza bejn is-sessi. Fil-poeżji 'warda' u 'Frida Kahlo', Attard uriet il-potenzjalità tal-mara u li anke hi kapaċi tkun ta' suċċess kif ukoll tkellmet dwar is-sitwazzjonijiet u l-qgħada mentali tas-soċjetàà kemm artistikament bit-titlu ta' 'It-tluq mill-oskurità kif ukoll poetikament, poeżija bl-istess titlu li inħadmet b'mod kollaborattiv magħha.



Attard pinġiet f'diversi postijiet f'Malta fosthom l-isptar ta' Mater Dei, l-iskola tal-Higher, l-iskola Santa Tereża (Mrieħel) kif ukoll l-iskola San Nikola Primarja B tar-Rabat.

# Il-poeżija 'Ħelsien'

*ta' Abigail Attard (xi kummenti ta' Attard fuq dan ix-xogħol)*



Ħafna drabi individwu jaf isib lilu nnifsu f'sitwazzjonijiet diffiċli, tant li jaħseb li se jibqa' mweħħel fihom. Attard kitbet din il-poeżija b'ispirazzjoni mill-ħabib tagħha, ħabib li kien iħossu magħluq fih innifsu u xtaq li jirnexxielu jkun kemm kuntent kif ukoll isir iħobb lilu nnifsu. Din il-poeżija ddedikatha lil dawk in-nies li forsi xi drabi jħossuha diffiċli sabiex jagħmlu l-ewwel pass għal dak li jkunu jixtiequ.

Attard tħobb tuża l-arti u l-poeżja sabiex tgħaddi messaġġ lill-poplu, u b'din il-poeżija partikolari xtaqet turi li int min int, jekk tipprova, xi darba se jirnexxilek. L-ewwel pass abli ma jkunx faċi, iżda ladarba jsir, wieħed jirnexxilu jasal fejn dejjem xtaq. U hekk għamel il-ħabib tagħha, wara battalja mentalment, irnexxielu jirxoxta fi bniedem ġdid, bniedem pożittiv lest li jibda jħobb lilu nnifsu u jkun kuntent f'ħajtu.Fil-poeżja Attard dan turih billi ppreżentat persuna magħluqa f'torri fil-għoli, dak li hi ssejjaħlu 'kalzri'. Wara tul ta' żmien fl-għeluq u fid-dlam, il-persuna fl-aħħar irnexxielha tersaq lejn tieqa ċkejkna, tieqa li wrietha dinja oħra, dinja ta' ferħ u dinja sabiħa mżejna bin-natura.

Il-poetessa tħoss serħan kbir f'kull ma hu naturali, kemm jekk hi xi passiġġata qalb il-kampanija jew xi lejl fuq ir-ramel tisma' l-baħar jiċċaqlaq ma' żiffet ir-riħ. Kien pjuttost għalhekk li ppreżentat lill-persuna ta' ġot-torri bħala waħda ħielsa x'ħin qabżet fil-baħar u twaħħdet man-natura. Hi n-natura li sserħek u tagħtik terapija b'mod naturali.

Preżentazzjoni diġitali għal waqt il-lezzjoni






## Parti mill-ġurnal viżwali ta' Attard, li tużah għall-esperimenti



## Xi skulturi ta' Attard





## Xi pitturi li Attard għamlet fl-isptar Mater Dei



## Attività f'pari





Il-pittura 'Ħelsien' ta' Attard

"GĦAX IRXUXTAJT JIENA" (v. 63)

# Appendiċi H

## Intervista lill-għalliema li wettqu li lezzjoni mir-riżorsa *Poe-Pittura*

## Intervista lill-għalliema li wettquli lezzjoni mir-*riżorsa Poe-pittura*

Jiena Abigail Attard u qiegħda nsegwi l-kors tal-Baċellorat fl-Edukazzjoni (bl-Unuri) fl-Arti u fil-Malti. B'ispirazzjoni u b'imħabba kbira lejn dawn is-suġġetti, xtaqt li nesperjenza r-relazzjoni li hemm bejn il-pittura u l-poeżija filwaqt li nara kif il-pittura tista' tgħin fit-tagħlim tal-poeżija. Nirringrazzjak ħafna tal-parteċipazzjoni tiegħek f'din ir-riċerka.

1. Kif intlaqgħet il-lezzjoni mit-tfal?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

2. X'kien ir-rispons tal-istudenti b'din il-pedagoġija: it-tagħlim tal-poeżija minn għajn artistika?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

3. Taħseb li t-trawwim fl-arti għen waqt il-lezzjoni tal-poeżija? Agħti spjegazzjoni ta' kif taħseb li dan għenhom lit-tfal.

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

4. X'ħareġ tajjeb waqt il-lezzjoni?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

5. X'ħareġ inqas tajjeb?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

6. X'taħseb li seta' jsir aħjar?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

7. Kienet mexxejja l-lezzjoni?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

8. X'taħseb mill-attivitàjiet?

9. Sibthom utli r-riżorsi tal-għalliema?

10. Taħseb li kien hemm informazzjoni biżżejjed għall-għalliema dwar l-artist u l-pittura?

11. X'taħseb minn din il-pedagoġija?

12. Taħseb li l-arti għinet sabiex l-istudenti jifhmu l-poeżija aħjar?

13. X'tissuġerixxi li nagħmel sabiex intejjeb din il-pedagoġija?

14. Kieku kellek tagħmel użu minn dawn ir-riżorsi u pedagoġija waqt il-lezzjonijiet tal-poeżija, taħseb li tagħmel użu minnhom?

15. Lil min taħseb li tilqot l-iktar din it-tip ta' lezzjoni?

# Appendiċi Ħ

## Il-kwestjonarju mogħti lil tmien għalliema sabiex jagħtuni feedback dwar ir-riżorsa 'Poe-Pittura'

## Fijdbek tal-għalliema dwar ir-riżorsa 'Poe-Pittura'

Jiena Abigail Attard, studenta tal-B.Ed (bl-Unuri) fl-Arti u fil-Malti. Qiegħda nagħmel riċerka bit-titlu ta' 'Poe-Pittura: Ġabra ta' poeżiji mnebbħin minn pitturi għat-tielet u r-raba' sena fl-iskola Sekondarja'. L-għan tagħha hu kemm li niskopri r-relazzjoni ta' bejn dawn iż-żewġ tipi ta' arti, kif ukoll nara jekk il-pittura tgħinx fit-tagħlim tal-poeżija. Napprezza ħafna l-fijdbek u l-parteċipazzjoni tiegħek f'din ir-riċerka. Nirringrazzjak bil-quddiem.

1. X'taħseb mir-riżorsi?

   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________

2. Taħseb li r-riżorsi se jintlaqtu tajjeb mit-tfal?

   ______________________________
   ______________________________

3. Kif taħseb li se jintlaqgħu dawn ir-riżorsi mill-għalliema?

   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________

4. Taħseb li hemm informazzjoni biżżejjed għall-għalliema dwar l-artist u l-pittura, speċjalment għal dawk li m'għandhomx sfond artistiku?

   ______________________________
   ______________________________

5. X'diffikultajiet taħseb li se jsibu l-għalliema meta jagħmlu użu minn din ir-riżorsa?

   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________

6. Kif taħseb li din ir-riżorsa tista' tgħin lill-għalliema fit-tagħlim tal-poeżija?

   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________

7. X'taħseb mill-għażla tal-poeżiji?

   ______________________________
   ______________________________

8. X'taħseb mill-għażla tal-poeti?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

9. Taħseb li l-għażla tal-pitturi hi tajba?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

10. X'taħseb mill-għażla tal-artisti?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

11. Taħseb li l-lezzjonijiet huma mqassmin b'mod tajjeb? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

12. Minn dak li rajt f'dawn ir-riżorsi, taħseb li l-arti tgħin fit-tagħlim tal-poeżja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

13. Kif taħseb li tista' tgħin din it-tip ta' pedagoġija, it-tagħlim tal-poeżija minn lenti artistika?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

14. X'laqtek l-iktar minn dawn ir-riżorsi?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

15. X'tissuġerixxi li nista' nagħmel aħjar?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

16. Kieku jkollok tagħmel użu minn dan il-pakkett ta' riżorsi waqt il-lezzjonijiet tal-poeżija, taħseb li tagħmel użu minnu? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

_______________________________________________________________________________
_______________________________________________________________________________
_______________________________________________________________________________

17. Kif taħseb li din il-pedagoġija tista' tgħin lill-istudenti?

_______________________________________________________________________________
_______________________________________________________________________________
_______________________________________________________________________________

**Nirringrazzak għall-parteċipazzjoni tiegħek f'din ir-riċerka**.

# Appendiċi I

## L-evalwazzjoni tal-lezzjoni mill-għalliema dwar il-proġett *Poe-Pittura*

## L-evalwazzjoni tal-lezzjoni mill-għalliema dwar il-proġett *Poe-Pittura*.

Jiena Abigail Attard, studenta tal-B.Ed (bl-Unuri) fl-Arti u fil-Malti. Qiegħda nagħmel riċerka dwar jekk l-Arti tgħinx fit-tagħlim tal-poeżija. Napprezza jekk tosserva u tevalwa l-lezzjoni tiegħi filwaqt li tagħtini *feedback* sabiex nara jekk din is-sistema taħdimx u x'nista' ntejjeb fil-pedagoġija. Nirringrazzjak bil-quddiem.

**Immarka salib (X) taħt wieħed minn dawn in-numri : 1,2,3,4 skont din il-gradilja :**

| | |
|---|---|
| **1** | Mhux tajjeb |
| **2** | Jista' jkun aħjar |
| **3** | Tajjeb |
| **4** | Tajjeb ħafna |

| | | **1** | **2** | **3** | **4** |
|---|---|---|---|---|---|
| i. | Ir-rispons tal-istudenti waqt il-lezzjoni kien tajjeb. | | | | |
| ii. | Permezz tat-tagħlim dwar il-pittura, l-artist jew perjodu artistiku partikolari, l-istudenti fehmu l-poeżija aħjar. | | | | |
| iii. | L-għażla tal-poeżija kienet tajba. | | | | |
| iv. | Il-lezzjoni kienet mexxeja. | | | | |
| v. | L-istudenti pparteċipaw u wrew interess tul il-lezzjoni. | | | | |
| vi. | L-informazzjoni mgħoddija kienet b'mod interessanti li laqtet l-interessi tat-tfal. | | | | |

1. Taħseb li l-attivitàjiet mogħtija lill-istudenti kienu tajbin?

_______________________________________________

_______________________________________________

*2.* Xi stajt nagħmel aħjar ? *(tkomplija ta' numru wieħed)*

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Taħseb li l-introduzzjoni tal-arti tiffaċilita t-tagħlim tal-poeżija minn dak li osservajt tul il-lezzjoni ?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. X'taħseb li mar tajjeb tul din il-lezzjoni ?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

5. X'taħseb li mar inqas tajjeb ?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

6. X'taħseb li nista' nagħmel aħjar id-darba li jmiss ħalli ntejjeb il-pedagoġija tiegħi?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

Grazzi tal-osservazzjoni u l-fijdbek tiegħek.